



2018/0225(COD)

19.7.2018

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2018)0436 – C8-0253/2018 – 2018/0225(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Christian Ehler

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	141

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2018)0436 – C8-0253/2018 – 2018/0225(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0436)),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 173(3) u 182(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0253/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0000/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-azzjonijiet tal-Programm Speċifiku jenħtieġ li jintużaw biex jindirizzaw *nuqqasijiet* tas-suq jew sitwazzjonijiet tal-investiment subottimali,

Emenda

(6) Il-azzjonijiet tal-Programm Speċifiku jenħtieġ li jintużaw biex *issaħħu, iwessgħu u jestendu l-eċċellenza tal-bażi teknoloġika u xjentifika tal-*

f'mod proporzjonat, mingħajr duplikazzjoni jew esklużjoni ta' finanzjament privat u li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

Unjoni, jindirizzaw l-isfidi globali ewlenin, iżidu t-tmexxija industrijali tal-Unjoni kif ukoll jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali li jevitaw jew jeskludu l-finanzjament privat.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Billi jirriflettu l-kontribuzzjoni importanti li r-riċerka u l-innovazzjoni jenħtiegħ li jagħmlu biex jindirizzaw l-isfidi fl-ikel, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-bijoekonomija, u biex jisfruttaw l-opportunitajiet korrispondenti tar-riċerka u l-innovazzjoni b'sinerġija **mill-qirb** mal-Politika Agrikola Komuni, l-azzjonijiet rilevanti skont il-Programm Speċifiku se jiġu appoġġati **minn EUR 10 biljun għar-raggruppament "Ikel u Riżorsi Naturali"** għall-perjodu 2021-2027.

Emenda

(7) Billi jirriflettu l-kontribuzzjoni importanti li r-riċerka u l-innovazzjoni jenħtiegħ li jagħmlu biex jindirizzaw l-isfidi fl-ikel, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-bijoekonomija, u biex jisfruttaw l-opportunitajiet korrispondenti tar-riċerka u l-innovazzjoni b'sinerġija **mill-qirb** mal-Politika Agrikola Komuni, l-azzjonijiet rilevanti skont il-Programm Speċifiku se jiġu appoġġati **fir-raggruppament iddedikat "Ikel u Riżorsi Naturali"** għall-perjodu 2021-2027.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(7a) L-industriji kulturali u kreattivi (CCI) jitqiesu fost l-aktar kumpaniji innovattivi; dawn huma vitali biex jiżguraw id-diversità lingwistika u kulturali, il-pluraliżmu u biex joffru servizzi innovattivi u ta' kwalità għolja, u jwasslu għal effetti indiretti innovattivi

f'setturi industrijali oħrajn, bħat-turiżmu, il-bejgħ bl-innut u t-teknoloġiji diġitali. Il-wirt kulturali huwa parti integrali mill-koeżjoni Ewropea u għandu l-potenzjal li jibni pontijiet bejn it-tradizzjoni u l-innovazzjoni. Il-preservazzjoni tal-wirt u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet kreattivi, b'mod partikolari fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni, għandhom ikunu prijorità tal-programm ta' riċerka. Il-programm Orizzont Ewropa se jinvesti mill-inqas EUR 500 miljun f'attivitajiet ta' riċerka fil-qasam tal-industriji kulturali u kreattivi, inklużi EUR 100 miljun fil-ħolqien ta' "Cloud tal-Wirt Kulturali",

Or. en

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) It-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali u l-opportunitajiet li qed jikbru mill-konverġenza tat-teknoloġiji diġitali u fiżiċi **tirrikjedi** żieda fl-investimenti. Orizzont Ewropa se jikkontribwixxi għal dawn l-isforzi **b'żieda sostanzjali ta' nfiq** fl-attivitajiet diġitali ewlenin tar-riċerka u l-innovazzjoni meta mqabbla mal-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁶. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Ewropa tibqa' fuq quddiem nett **tar-riċerka** u l-innovazzjoni globali fil-qasam diġitali.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropa li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020" tidentifika EUR 13-il biljun minfuqa fuq attivitajiet diġitali prinċipali skont il-Programm Qafas

Emenda

(8) It-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali u l-opportunitajiet li qed jikbru **offruti** mill-konverġenza tat-teknoloġiji diġitali u fiżiċi **jirrikjedu** żieda fl-investimenti. Orizzont Ewropa se jikkontribwixxi għal dawn l-isforzi **b'nefqa ta' mill-anqas EUR 16-il biljun** fl-attivitajiet diġitali ewlenin tar-riċerka u l-innovazzjoni meta mqabbla mal-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁶. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Ewropa tibqa' fuq quddiem nett **fir-riċerka** u l-innovazzjoni globali fil-qasam diġitali.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropa li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020" tidentifika EUR 13-il biljun minfuqa fuq attivitajiet diġitali prinċipali skont il-Programm Qafas

Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52018DC0098>).

Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52018DC0098>).

Or. en

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) ***It-tipi*** ta' finanzjament ***u l-metodi ta' implimentazzjoni*** skont din id-Deċiżjoni ***se*** jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu riżultati, b'konsiderazzjoni, b'mod partikolari, tal-kostijiet ta' kontroll, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Għall-għotjiet, dan għandu jinkludi konsiderazzjoni tal-użu tas-somom f'daqqa, ir-rati fissi u l-iskali tal-kostijiet ta' unità.

Emenda

(9) ***L-għotjiet se jkunu t-tip ewlieni*** ta' finanzjament skont din id-Deċiżjoni. ***Tipi oħrajn ta' finanzjament għandhom*** jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu riżultati, b'konsiderazzjoni, b'mod partikolari, tal-kostijiet ta' kontroll, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Għall-għotjiet, dan għandu jinkludi konsiderazzjoni tal-użu tas-somom f'daqqa, ir-rati fissi u l-iskali tal-kostijiet ta' unità.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ***rinforz u tifrix tal-eċċellenza;***

Emenda

(a) ***it-tisħiħ, it-twessigħ u l-estensjoni tal-bażi xjentifika u teknoloġika tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) konnessjoni **u** żvilupp **tal-infrastrutturi** tar-riċerka madwar iż-żona tar-riċerka Ewropea;

Emenda

(c) konnessjoni, żvilupp **u ffaċilitar ta' aċċess wiesa' għall-infrastrutturi** tar-riċerka madwar iż-żona tar-riċerka Ewropea;

Or. en

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) trawwim tax-xjenza miftuħa u żgurar tal-viżibbiltà għall-pubbliku u l-aċċess miftuħ għar-riżultati;

Emenda

(f) trawwim tax-xjenza miftuħa u żgurar tal-viżibbiltà għall-pubbliku u l-aċċess miftuħ għar-riżultati, **fejn xieraq**;

Or. en

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) titjib tal-ħiliet **għall-innovazzjoni**;

Emenda

(n) titjib tal-ħiliet **u t-trawwim tal-kreattività għar-riċerka u l-innovazzjoni**.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kreattività hija essenzjali għall-innovazzjoni.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali" bil-komponenti li ġejjin:

Emenda

(2) Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali **Ewropea**" bil-komponenti li ġejjin:

Or. en

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) raggruppament "Soċjetà Inklużiva u **Sigura**", kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru II, it-taqsimha 2;

Emenda

(b) raggruppament "Soċjetà Inklużiva u **Kreattiva**", kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru II, it-taqsimha 2;

Or. en

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) raggruppament "Soċjetà Sigura":

Or. en

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Pilastru III "**Innovazzjoni Miftuħa**" bil-komponenti li ġejjin:

Emenda

(3) Pilastru III "**Ewropa Innovattiva**" bil-komponenti li ġejjin:

Or. en

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **kondivizzjoni** tal-eċċellenza, kif deskritt fl-Anness I, Parti "Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka", it-taqsima 1;

Emenda

(a) **tixrid** tal-eċċellenza, kif deskritt fl-Anness I, Parti "Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka", it-taqsima 1;

Or. en

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. B'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament ... Regolament PQ/RgħP, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' EUR **94 100 000 000 fil-prezzijiet attwali**.

Emenda

1. B'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament ... Regolament PQ/RgħP, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' EUR **120 000 000 000 fi prezzijiet kostanti**.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għal kull missjoni, jista' jiġi stabbilit bord ta' missjoni. Għandu jkun magħmul minn madwar 15-il individwu ta' livell għoli inkluż rappreżentati tal-utenti aħħarin rilevanti. Il-bord ta' missjoni għandu **jagħti** pariri dwar li ġej:

Emenda

1. Għal kull missjoni, jista' jiġi stabbilit bord ta' missjoni **għall-kodisinar u t-tmexxija tal-implimentazzjoni**. Għandu jkun magħmul minn madwar 15-il individwu ta' livell għoli inkluż rappreżentati tal-utenti aħħarin rilevanti. Il-bord ta' missjoni għandu **jinkludi, fost l-oħrajn, rappreżentanti mill-akkademja, organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, industriji ta' kull daqs, awtoritajiet territorjali, u r-rappreżentanti ta' utenti finali rilevanti. Il-membri tal-bord ta' missjoni għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara proċedura indipendenti u trasparenti għall-għażla tagħhom, inkluża sejħa miftuħa għall-espressjonijiet ta' interess. Huma għandhom jagħtu** pariri dwar li ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex iżid l-impatt tal-missjonijiet, il-bord ta' missjoni għandu jinkludi l-atturi ewlenin tar-riċerka u innovazzjoni (R&I), inklużi l-awtoritajiet territorjali, għal sinerġiji aħjar mal-fondi reġjonali.

Emenda 17

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-kontenut tal-programmi ta' ħidma u tar-reviżjoni tagħhom kif meħtieġ għall-kisba tal-għanijiet tal-missjoni, **fil-kodisinn** mal-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku fejn rilevanti;

Emenda

(a) il-kontenut tal-programmi ta' ħidma **tar-raggruppamenti rilevanti** u tar-reviżjoni tagħhom kif meħtieġ għall-kisba tal-għanijiet tal-missjoni, **f'kodisinn** mal-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku, fejn rilevanti;

Or. en

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-missjonijiet għandhom jiġu implimentati permezz ta' sejħiet kollaborattivi għal proposti fi ħdan il-programmi ta' ħidma tar-raggruppamenti rilevanti. Is-sejħiet għal proposti għandhom jippermettu proġetti tal-livelli kollha ta' prontezza teknoloġika u soċjetali.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Id-dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-missjonijiet inklużi l-kamp ta' applikazzjoni, l-indikaturi, il-miri li jistgħu jitkejlu u l-istadji importanti, is-sinerġiji ma' fondi oħrajn tal-Unjoni u r-rabtiet ma' Sħubijiet Ewropej, għandhom jiġu definiti fil-pjanijiet strateġiċi tar-R&I, kif deskritti fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. L-attivitajiet tal-ERC għandhom jappoġġaw ir-riċerka mwettqa fl-oqsma

5. L-attivitajiet tal-ERC għandhom jappoġġaw ir-riċerka mwettqa fl-oqsma

kollha minn individwi u timijiet transnazzjonali f'kompetizzjoni fil-livell Ewropew.

kollha minn individwi u timijiet transnazzjonali f'kompetizzjoni fil-livell Ewropew. ***Sabiex jittejjeb l-impatt tal-prova tal-kunċett b'suċċess tal-ECR, l-iskema għandha tkun miftuħa għal dawk li mhumiex benefiċjarji tal-ECR li jikkonformaw mal-kriterji kollha tal-eliġibbiltà.***

Or. en

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Għandu jingħata siġill ta' eċċellenza lil benefiċjarju tal-prova tal-kunċett tal-ECR jekk il-proposta tkun eliġibbli, tkun għaddiet mil-limiti minimi applikabbli u ma tkunx setgħet tiġi ffinanzjata skont is-sejħa speċifika għall-proposti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-Siġill ta' Eċċellenza għandu jiġi estiż għall-prova tal-kunċett tal-ECR.

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jaġixxi esklussivament fl-interess tal-kisba tal-ERC, b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6. Għandu jaġixxi b'integrità u onestà u jwettaq ħidmietu b'mod effiċjenti u bl-ikbar trasparenza possibbli.

4. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jaġixxi esklussivament fl-interess tal-kisba tal-ERC, b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6. Huwa għandu jaġixxi ***b'indipendenza sħiħa***, b'integrità u onestà u jwettaq ħidmietu b'mod effiċjenti u bl-

Ġustifikazzjoni

Il-Kunsill Xjentifiku tal-ECR jeħtieġlu jżomm l-indipendenza tiegħu u jkun "il-garanti tal-kwalità tal-attività mill-perspettiva xjentifika."

Emenda 23

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 9 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taħt il-Pilastru III "**Innovazzjoni Miftuħa**" li jirrelataw mal-EIC. L-EIC għandu jopera b'konformità mal-prinċipji li ġejjin: jiffoka fuq **l-innovazzjoni** rivoluzzjonarja u radikali, l-awtonomija, l-abbiltà li jieħu riskju, l-effiċjenza, l-effettività, it-trasparenza u r-responsabbiltà.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taħt il-Pilastru III "**Ewropa Innovattiva**" li jirrelataw mal-EIC. L-EIC għandu jopera b'konformità mal-prinċipji li ġejjin: jiffoka fuq **ideat ġodda, li jistgħu jwasslu għall-innovazzjoni** rivoluzzjonarja u radikali, l-awtonomija, l-abbiltà li jieħu riskju, l-effiċjenza, l-effettività, it-trasparenza u r-responsabbiltà, **l-allinjament mal-istrateġija ġenerali għall-kompetittività tal-Unjoni u s-sussidjarjetà.**

Emenda 24

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

1a. L-EIC ser jinbena f'żewġ strumenti, il-Pathfinder u l-Aċċelleratur, kif deskritt fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni. Iż-żewġ strumenti għandu jkollhom l-għan li jiżviluppaw xejriet ġodda ta' innovazzjoni iterattivi li jkunu kapaċi jappoġġaw l-innovazzjoni b'mod

Emenda

sistemiku.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Fejn xieraq, l-objettivi u l-azzjonijiet tal-EIC għandhom ikunu marbuta ma' partijiet oħrajn tal-Programm kif ukoll ma' fondi nazzjonali u tal-Unjoni oħrajn, b'mod partikulari l-EIT u l-InvestEU.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) ma twassalx għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni ***kuntrarji għall-interest komuni.***

(b) ma twassalx għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni ***jew għall-esklużjoni tal-investimenti privati.***

Or. en

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura kooperazzjoni strutturali bejn l-EIT u l-EIC fil-livelli kollha.

Ġustifikazzjoni

Peress li l-EIT, permezz tal-Komunità ta' Konnoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tiegħu, kien qed jappoġġa wkoll innovaturi ta' potenzjal għoli, inkluż li jagħti aċċess lil investituri privati, kapital ta' riskju, koinvestimenti u sorsi oħrajn ta' finanzjament, jeħtieġ li tiġi stabbilita kooperazzjoni strutturali bejn l-EIT u l-EIC sabiex tiġi żgurata komplementarja sħiħa u tiġi evitata d-duplikazzjoni żejda.

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-istrateġija kumplessiva għall-komponent tal-EIC skont il-Pilastru III "**Innovazzjoni Miftuħa**";

Emenda

(a) l-istrateġija kumplessiva għall-komponent tal-EIC skont il-Pilastru III "**Ewropa Innovattiva**";

Or. en

Emenda 29

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ea) il-proċess ta' valutazzjoni sistematika u permanenti tal-azzjonijiet tal-EIC;

Emenda

Or. en

Emenda 30

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Bord tal-EIC jista' fuq talba jindirizza r-

Emenda

Il-Bord tal-EIC jista' fuq talba, **u kull meta**

rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni
dwar:

*jkun xieraq f'koordinazzjoni mal-Bord
tat-Tmexxija tal-EIT, jindirizza r-
rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni
dwar:*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-Bord ta' Tmexxija tal-EIT għandu mandat simili, u konxju wkoll tal-għarfien li l-EIT bena tul l-aħħar 10 snin, il-Bord tal-EIC u l-Bord tat-Tmexxija tal-EIT għandhom jipproduċu rakkomandazzjonijiet konġunti kull meta jkun xieraq.

Emenda 31

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) b'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni jidentifika ostakli regolatorji possibbli li jaffaċċaw l-imprendituri, b'mod partikolari dawk li jingħataw appoġġ skont il-komponent EIC;

Emenda

(b) b'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni **u mal-EIT** jidentifika ostakli regolatorji possibbli li jaffaċċaw l-imprendituri, b'mod partikolari dawk li jingħataw appoġġ skont il-komponent EIC;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Bord tal-EIC għandu jaġixxi fl-interess tal-kisba tal-għanijiet **tal-komponent EIC**. Għandu jaġixxi b'integrità u onestà u jwettaq ħidmietu b'mod effiċjenti u bit-trasparenza.

Emenda

Il-Bord tal-EIC għandu jaġixxi fl-interess tal-kisba tal-għanijiet **tal-EIC, b'kont meħud tal-istrateġija tal-kompetittività tal-Unjoni. Huwa** għandu jaġixxi b'integrità u onestà u jwettaq ħidmietu b'mod effiċjenti u bit-trasparenza, **u jevita d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-EIC se jaġixxi fil-qasam kompetittiv. Għandu jiġi żgurat b'mod sħiħ li l-interventi ma joħolqux distorsjoni fil-kompetizzjoni jew joħolqu kundizzjonijiet iġusti.

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Bord tal-EIC għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu ta' livell għoli magħżula minn partijiet diversi tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, **inkluż** imprendituri, mexxejja **korporattivi**, investituri **u** riċerkaturi. Għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, fejn il-membri tal-Bord tal-EIC jistinkaw biex itejbu l-prestiġju tal-isem EIC.

Emenda

Il-Bord tal-EIC għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu ta' livell għoli magħżula minn partijiet diversi tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, **inklużi** imprendituri, mexxejja **industrijali, ekonomisti**, investituri, riċerkaturi **u esperti akkademiċi dwar il-politika ta' innovazzjoni. Huwa** għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, fejn il-membri tal-Bord tal-EIC jistinkaw biex itejbu l-prestiġju tal-isem EIC.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Bord tal-EIC għandu jkollu President li għandu jinħatar mill-Kummissjoni b'segwitu **għal** proċess trasparenti ta' reklutaġġ. Il-President għandu jkun persuna pubblika ta' profil għoli marbuta mad-dinja tal-innovazzjoni.

Emenda

Il-Bord tal-EIC għandu jkollu President li għandu jinħatar mill-Kummissjoni b'segwitu **ta'** proċess trasparenti ta' reklutaġġ. Il-President għandu jkun persuna pubblika ta' profil għoli marbuta mad-dinja **tar-riċerka u** tal-innovazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-profil u l-attivitajiet tal-President tal-Bord tal-EIC għandhom jirriflettu l-missjoni wiesgħa

tal-EIC u l-istrumenti ta' finanzjament tiegħu (Pathfinder, Aċċeleratur) għal azzjonijiet avvanzati ta' riċerka u innovazzjoni.

Emenda 35

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-President għandu jippresjedi l-Bord tal-EIC, jipprepara l-laqgħat tiegħu, jassenja l-kompiti lill-membri, u jista' jistabbilixxi sottogrupperi dedikati, b'mod partikolari biex jidentifikaw xejriet emerġenti tat-teknoloġija mill-portafoll tal-EIC. Huwa ***jew hija għandhom jippromwovu*** l-EIC, ***jaġixxu*** ta' interlokutur mal-Kummissjoni u ***jirrappreżentaw*** l-EIC fid-dinja tal-innovazzjoni. Il-Kummissjoni tista' tipprevedi għal appoġġ amministrattiv għall-President biex jaqdi ***taqdi*** dmirijietu/ħa.

Emenda

Il-President għandu jippresjedi l-Bord tal-EIC, jipprepara l-laqgħat tiegħu, jassenja l-kompiti lill-membri, u jista' jistabbilixxi sottogrupperi dedikati, b'mod partikolari biex jidentifikaw xejriet emerġenti tat-teknoloġija mill-portafoll tal-EIC. Huwa ***għandu jippromwovi*** l-EIC, ***jaġixxi*** ta' interlokutur mal-Kummissjoni u ***jirrappreżenta*** l-EIC fid-dinja ***tar-riċerka u*** tal-innovazzjoni. Il-Kummissjoni tista' tipprevedi għal appoġġ amministrattiv għall-President biex jaqdi dmirijietu.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Programmi ta' ħidma

Emenda

Ippjanar strateġiku u Programmi ta' ħidma

Or. en

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Programm għandu jiġi implimentat

Emenda

L-implimentazzjoni tal-Programm

permezz tal-programmi ta' ħidma msemija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. **Għandhom jitħejjew b'segwitu għal proċess tal-ippjanar strateġiku kif deskritt fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.**

Speċifiku għandha tkun ibbażata fuq pjanijiet speċifiċi tar-R&I mfassla kull sentejn, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament u b'segwitu ta' proċess ta' ppjanar pluriennali strateġiku u trasparenti ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, b'mod partikolari fil-każ tal-pilastru "Sfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali Ewropea". Il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali, mal-Parlament Ewropew, u mar-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati dwar il-prijoritajiet u t-tipi ta' azzjoni xierqa u l-forom ta' implimentazzjoni li jridu jintużaw għandhom jiżguraw allinjament ma' programmi oħra rilevanti tal-Unjoni u jżidu l-konsistenza mal-programmi ta' finanzjament RŻI u mal-prijoritajiet nazzjonali u reġjonali, sabiex b'hekk tissaħħaħ iż-ŻER, kif deskritt fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

Skont il-pjan strateġiku tar-R&I, Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-raggruppamenti kollha skont il-Pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali", l-MSCA, l-Infrastrutturi tar-Riċerka, l-appoġġ għal ekosistemi tal-innovazzjoni, **il-kondiviżjoni** tal-eċċellenza u r-riforma u t-titjib tas-Sistema Ewropea tar-R&I, b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 12(4);

Emenda

(b) ir-raggruppamenti kollha skont il-Pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali", l-MSCA, l-Infrastrutturi tar-Riċerka, l-appoġġ għal ekosistemi tal-innovazzjoni, **it-tixrid** tal-eċċellenza u r-riforma u t-titjib tas-Sistema Ewropea tar-R&I, b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 12(4);

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 1*Test propost mill-Kummissjoni*

L-implimentazzjoni tal-għanijiet fil-livell tal-programm ta' Orizzont Ewropa ***f'mod integrat se tkun żgurata permezz tal-Ippjanar Strateġiku pluriennali. Tali ppjanar*** se jipprovdi ***l-fokus*** fuq l-impatt għall-Programm ***kumplessiv*** u koerenza bejn il-pilastri differenti tiegħu, kif ukoll sinerġija ma' programmi tal-UE oħrajn u appoġġ għal u minn politiki tal-UE oħrajn.

Emenda

L-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa għandha tkun immexxija minn proċess tal-ippjanar strateġiku inklussiv u trasparenti tal-attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni ffinanzjati mill-Programm.

Il-proċess ta' ppjanar strateġiku għandu jimplimenta l-objettivi fil-livell tal-programm ta' Orizzont Ewropa ***billi jiddefinixxi l-prijoritajiet ta' finanzjament. Dan*** se jipprovdi l-fokus fuq l-impatt għall-Programm u koerenza bejn il-pilastri differenti tiegħu, kif ukoll sinerġija ma' programmi tal-UE oħrajn u appoġġ għal u minn politiki tal-UE oħrajn. ***Il-proċess ta' ppjanar strateġiku u l-adozzjoni tal-pjan strateġiku ta' R&I permezz ta' att delegat se jżidu s-sjeda u l-fehim għall-fini tal-Programm minn pubbliku usa' u se jippermettu lill-koleġżlaturi, lill-partijiet ikkonċernati u lill-Istati Membri jkunu infurmati bis-sih dwar l-inizjattivi maħsuba. L-Ippjanar Strateġiku se jgħin biex tiġi żviluppata u implimentata politika għall-oqsma rilevanti koperti, fil-livell tal-Unjoni kif ukoll politiki li jikkomplementaw fl-Istati Membri. Dan se jippermetti s-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-finanzjament, jevita d-duplikazzjoni u t-trikkib bejn il-possibiltajiet ta' finanzjament u jipromwovi tixrid u adoxxjoni aktar malajr tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni.***

Sabiex twieġeb għal dawk l-objettivi, il-Kummissjoni se tniedi fażi ta' konsultazzjoni miftuħa mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dwar il-prijoritajiet strateġiċi inklużi l-missjonijiet, taħt il-pilastru Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea, u t-tipi xierqa ta' strumenti, b'mod partikolari s-sħubijiet Ewropej. Is-sħubijiet u l-missjonijiet kollha jew kwalunkwe inizjattiva ġdida strateġika oħra għandhom jiġu identifikati f'dan il-Pjan Strateġiku tar-R&I qabel ma jiġu implimentati fil-programmi ta' ħidma.

Fir-rigward tas-sħubijiet Ewropej, il-Pjan Strateġiku tar-R&I se jispjega u jiġġustifika l-ħolqien, l-għaqda u t-tneħħija gradwali tas-sħubijiet Ewropej. Is-sħubijiet kollha stabbiliti sew, bħall-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti, se jitqiesu għall-kontinwazzjoni lil hinn mill-2020 minħabba l-valur miżjud tagħhom biex iġibu u jisfruttaw l-investment privat u l-kontribut għas-sinerġiji ta' fondi (pereżempju l-impriża Clean Sky iffirmit sħubiji ma' 17-il Stat Membru u reġjuni madwar l-Ewropa). Bħal f'Orizzont 2020, il-proposti għall-Impriża Konġunti se jiġu ppreżentati bħala Regolamenti tal-Kunsill.

Il-KICs attwali u ġodda se jiġu identifikati fil-proposta leġiżlattiva għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-EIT. Il-"FET Flagships" appoġġati minn Orizzont 2020 (attwalment il-Graphene Flagship, il-Proġett ta' Moħħ il-Bniedem u l-Quantum Flagship) se jkomplu jiġu appoġġati skont dan il-Programm. Minħabba li jippreżentaw analoġiji sostanzjali mal-missjonijiet, "FET flagships" oħrajn, jekk ikun hemm, jistgħu jiġu appoġġati skont dan il-Programm Qafas bħala missjonijiet immirati lejn teknoloġiji futuri u emerġenti. Il-missjonijiet għandhom

isaħħu l-aspetti kollaborattivi tal-Programm u jsaħħu s-sħubiji Ewropej eżistenti, li jistgħu jitħaddmu bħala pilastru ta' implimentazzjoni ta' appoġġ tal-missjonijiet. Il-missjonijiet se jkollhom elementi teknoloġiċi u soċjali u se jiġu definiti f'kooperazzjoni mill-qrib mad-DĠs rilevanti kollha.

L-ippjanar strateġiku se jidentifika r-rabtiet eżistenti bejn Orizzont Ewropa u Programmi oħrajn tal-Unjoni, inkluż il-programm tal-Euratom, li joffru possibbiltajiet għal sinerġiji bejn il-fondi tal-Unjoni. Orizzont Ewropa se jsir punt ta' referenza għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-programmi kollha relatati fil-baġit tal-Unjoni u fi strumenti li mhumix ta' finanzjament. Dan se jippromwovi wkoll iktar malajr id-disseminazzjoni u l-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni u jevita d-duplikazzjoni u t-trikkib bejn il-possibbiltajiet ta' finanzjament. Se jipprova l-qafas biex jorbot flimkien l-azzjonijiet diretti tar-riċerka taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u azzjonijiet oħrajn appoġġati skont il-Programm, inkluż l-użu ta' riżultati għall-appoġġ tal-politika.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Ippjanar Strateġiku se jippromwovi involviment b'saħħtu maċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-istadji kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-koħolqien tal-għarfien, il-promozzjoni effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi f'kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni, u se jiżgura u jippromwovi

Emenda

imħassar

l-konformità mal-ogħla standards tal-etika u l-integrità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Se jinkludi konsultazzjonijiet u skambji estensivi mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew kif xieraq, u ma' diversi partijiet ikkonċernati dwar il-prijoritajiet, inkluż il-missjonijiet, skont il-pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali", u t-tipi adattati ta' azzjoni fl-użu, b'mod partikolari sħubiji Ewropej.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Abbażi ta' tali konsultazzjonijiet estensivi, l-Ippjanar Strateġiku se jidentifika l-għanijiet komuni u l-oqsma komuni għal attivitajiet bħall-oqsma ta' sħubija (il-bażi ġuridika proposta tistabbilixxi biss l-istrumenti u l-kriterji li se jiggwidaw l-użu tagħhom) u l-oqsma ta' missjoni.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 43

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*L-Ippjanar Strateġiku se jgħinu fl-
iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politika
għall-oqsma rilevanti koperti, fil-livell tal-
UE, kif ukoll jikkumplementa l-politika u
l-approċċi ta' politika fl-Istati Membri. Il-
prijoritajiet ta' politika tal-UE se jiġu
kkunsidrati matul il-proċess tal-Ippjanar
Strateġiku sabiex tiżdied il-kontribuzzjoni
tar-riċerka u l-innovazzjoni għar-
realizzazzjoni tal-politika. Se tikkunsidra
wkoll l-attivitajiet, l-istudji u evidenza
xjentifika oħra ta' prospettiva u
tikkunsidra inizjattivi rilevanti eżistenti
fil-livell tal-UE u nazzjonali.*

imħassar

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 44

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*L-Ippjanar Strateġiku se jippromwovi
sinerġiji bejn Orizzont Ewropa u
Programmi tal-Unjoni oħrajn, inkluż il-
programm Euratom, biex b'hekk isir punt
ta' referenza għar-riċerka u l-*

imħassar

innovazzjoni fil-programmi relatati kollha fil-baġit tal-UE u fl-istrumenti mhux ta' finanzjament. Dan se jipromwovi wkoll iktar malajr id-disseminazzjoni u l-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni u jevita d-duplikazzjoni u t-trikkib bejn il-possibiltajiet ta' finanzjament. Se jipprovi l-qafas biex jorbot flimkien l-azzjonijiet diretti tar-riċerka taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u azzjonijiet oħrajn appoġġati skont il-Programm, inkluż l-użu ta' riżultati għall-appoġġ tal-politika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 45

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 7**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Pjan Strateġiku se jistabbilixxi strateġija pluriennali għall-ħolqien tal-kontenut fil-programm ta' ħidma (kif stabbilit fl-Artikolu 11), filwaqt li jżomm biżżejjed flessibbiltà biex iwieġeb malajr għal opportunitajiet u kriżijiet mhux mistennija. Peress li Orizzont Ewropa huwa programm ta' 7 snin, il-kuntest ekonomiku, tas-soċjetà u dak politiku li fih se jaħdem jista' jinbidel b'mod sinifikanti matul il-ħajja tiegħu. Orizzont Ewropa irid ikun kapaċi jadatta malajr għal dawn il-bidliet. Għalhekk se jkun hemm il-possibbiltà li jiġi inkluż l-appoġġ għal attivitajiet lil hinn mid-deskrizzjonijiet stabbiliti hawn taħt, fejn dan ikun debitament ġustifikat, sabiex jiġu indirizzati żviluppi jew avvenimenti mhux previsti maġġuri, ħtiġijiet ta' politika, jew sitwazzjonijiet ta' kriżi, pereżempju b'rispons għal theddid serju

imħassar

għas-saħħa li jirriżulta minn epidemiji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 46

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 8**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fl-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa, se tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat approċċ bilanċjat u mifruż lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, li mhux biss limitat għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u servizzi ġodda abbażi ta' għarfien xjentifiku u teknoloġiku u innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, iżda li jinkorpora wkoll l-użu ta' teknoloġiji eżistenti f'applikazzjonijiet ġodda u t-titjib kontinwu u l-innovazzjoni mhux teknoloġika u soċjali. Approċċ sistemiku, transdixxiplinarju, transsettorjali u transpolitiku lejn l-innovazzjoni tar-riċerka se jiżgura li l-isfidi jkunu jistgħu jiġu indirizzati filwaqt li jinħolqu negozji u industriji kompetittivi ġodda, li jrawmu l-kompetizzjoni, jstimulaw l-investimenti privati u jippriżervaw il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 47

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 9**

Fil-Pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali" u "Innovazzjoni Miftuħa", ir-riċerka u l-innovazzjoni se jiġu kumplimentati b'attivitajiet li joperaw qrib l-utenti aħħarin u s-suq, bħaddimostrazzjoni, il-proġetti pilota jew il-prova tal-kunċett, bl-esklużjoni madankollu ta' attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni li jmorru lil hinn mill-fażi tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan jinkludi wkoll appoġġ għall-approċċi minnaħa tad-domanda sabiex jgħinu jaċċelleraw il-varar u d-diffużjoni ta' firxa wiesgħa ta' innovazzjonijiet. L-enfasi se titpoġġa fuq sejħiet għal proposti mhux preskrittivi.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 48

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 10**

Skont il-pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali", permezz tal-bini fuq l-esperjenza f'Orizzont 2020, ix-xjenzi soċjali u l-umanitajiet se jiġu kompletament integrati fir-raggruppamenti kollha, inkluż attivitajiet speċifiċi u dedikati. Bl-istess mod, l-attivitajiet li jinvolvu r-riċerka u l-innovazzjoni tal-baħar u marittima se jkunu implimentati b'mod strateġiku u integrat b'konformità mal-Politika Marittima Integrata tal-UE, il-Politiki Komuni tas-Sajd u l-impenji internazzjonali.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 49

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 11**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-"Flagships FET" appoġġati minn Orizzont 2020 se jkomplu jiġu appoġġati skont dan il-Programm. Minħabba l-fatt li jippreżentaw analoġiji sostanzjali ma' missjonijiet, il-"flagships FET" l-oħrajn, jekk ikun hemm, se jiġu appoġġati skont dan il-Programm Qafas bħala missjonijiet immirati lejn teknoloġiji futuri u emerġenti.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 50

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 12**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-djalogi dwar il-Kooperazzjoni fix-Xjenza u t-Teknoloġija mas-sħab internazzjonali tal-UE u d-djalogi ta' politika mar-reġjuni prinċipali tad-dinja se jagħmlu kontribuzzjonijiet importanti għall-identifikazzjoni sistematika ta' opportunitajiet għall-kooperazzjoni li, meta jiġu kkombinati bid-differenzazzjoni skont il-pajjiż/ir-reġjun, se jappoġġjaw l-istabbiliment tal-prijoritajiet.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 51

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – paragrafu 13**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Filwaqt li l-fokus tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) fuq l-ekosistemi tal-innovazzjoni jagħmlu joqġhod perfett fil-pilastru tal-Innovazzjoni Miftuħa ta' Orizzont Ewropa, l-ippjanar tal-Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) se jkun allinjat permezz tal-ipproċessar tal-Ippjanar Strateġiku mal-pilastru tal-Isfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Abbozzat mill-ġdid fl-emenda għall-Anness I – paragrafu 1

Emenda 52

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – subintestatura 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Rotta Rapida lejn ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Emenda 53

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Orizzont Ewropa se jipprovdi lit-tipi kollha ta' benefiċjarji l-possibbiltà li japplikaw għal finanzjament b'mod aktar rapidu f'partijiet magħżula tal-Programm. Dan l-approċċ se jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fir-raggruppamenti kollha, fl-EIC u l-parti tat-"tixrid tal-eċċellenza", u jkopri azzjonijiet mir-riċerka fundamentali sa qrib is-suq. Abbażi tas-suċċess tal-istrument eżistenti ta' Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni f'Orizzont 2020, dan l-approċċ se jkollu loġika mmexxija minn isfel għal fuq abbażi ta' sejħiet kontinwament miftuħin u żmien għall-għotja li ma jaqbiżx is-sitt xhur. Fil-parti tat-"tixrid tal-eċċellenza", dan l-approċċ se jappoġġja wkoll Stati Membri anqas żviluppati biex jaċċessaw il-fondi b'mod aktar rapidu u b'mod minn isfel għal fuq. Mill-inqas 15 % tal-baġit tal-Programm għandu jingħata skont loġika ta' rotta rapida. Għandhom jipparteċipaw f'azzjoni waħda partikolari mhux aktar minn ħames entitajiet legali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Ewropa teħtieġ programm aktar mgħaġġel jekk trid tirreaġixxi b'mod effettiv għall-isfidi globali tal-lum.

Emenda 54

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 23

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'mod eċċezzjonali, meta jkun ġustifikat mir-rekwiżit li jinħatru l-aqwa esperti

imħassar

disponibbli u/jew mid-daqs limitat tal-grupp ta' esperti kwalifikati, l-esperti indipendenti li jassistu jew li huma membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni jistgħu jevalwaw proposti speċifiċi li fihom jiddikjaraw interess potenzjali. F'dan il-każ, il-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi neċessarji sabiex jiżguraw l-integrità tal-proċess ta' evalwazzjoni. Il-proċess ta' evalwazzjoni se jkun ġestit fid-dawl ta' dan, inkluż permezz ta' stadju li jinvolvi interazzjoni bejn esperti differenti. Il-kumitat ta' evalwazzjoni se jikkunsidra ċ-ċirkostanzi partikolari meta jkun qed jidentifika l-proposti għall-finanzjament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-formulazzjoni tiftaħ il-possibbiltà li jintgħażel kwalunkwe tip ta' espert li jkun wera interess potenzjali. Għandu jiġi ċċarat li dawn it-tipi ta' esperti għandu jkollhom mill-inqas kwalifika b'rilevanza għas-suġġett meħtieġ.

Emenda 55

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għalkemm l-UE ***tibqa'*** tipproduċi l-akbar ammont ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi fid-dinja, ***hija essenzjalment "produttur tal-massa" ta' għarfien li, relattiv għad-daqs tiegħu, ftit hemm ċentri ta' eċċellenza li jispikkaw fuq livell dinji u b'oqsma kbar fejn il-prestazzjoni hija medja u dgħajfa.*** Meta mqabbla mal-Istati Uniti u issa anki maċ-Ċina, sa ċertu punt, l-UE ***għandha tendenza li*** ssegwi "mudell ta' eċċellenza distribwita" li fih ir-riżorsi huma mifruxin fost għadd akbar ta' riċerkaturi u istituzzjonijiet tar-riċerka. Sfida oħra hija li f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE, is-settur

Emenda

L-UE ***għadha*** tipproduċi l-akbar ammont ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi fid-dinja. Meta mqabbla mal-Istati Uniti u issa anki maċ-Ċina, sa ċertu punt, l-UE ssegwi "mudell ta' eċċellenza distribwita" li fih ir-riżorsi huma mifruxin fost għadd akbar ta' riċerkaturi u istituzzjonijiet tar-riċerka. Sfida oħra hija li f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE, is-settur pubbliku għadu mhux qed joffri kundizzjonijiet attraenti biżżejjed għall-aqwa riċerkaturi. Dawn il-fatturi jaggravaw in-nuqqas ta' attraenza relattiva tal-Ewropa fil-kompetizzjoni globali għat-talent xjentifiku.

pubbliku għadu mhux qed joffri kundizzjonijiet attraenti biżżejjed għall-aqwa riċerkaturi. Dawn il-fatturi jaggravaw in-nuqqas ta' attraenza relattiva tal-Ewropa fil-kompetizzjoni globali għat-talent xjentifiku.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal deċiżjoni

Annex I – parti I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Skemi eżistenti bħall-prova tal-kunċett se jissaħħu biex ikopru attivitajiet fl-istadju bikri ħafna tal-bdil tar-riżultati tar-riċerka f'propożizzjoni kummerċjali jew ta' valur soċjali. Il-benefiċjarji mhux tal-ERC se jkunu jistgħu japplikaw ukoll għall-iskema jekk jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà.

Or. en

Emenda 57

Proposta għal deċiżjoni

Annex I – parti I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Riċerkaturi ġodda b'ideat eċċellenti sabiex jagħmlu t-tranżizzjoni tagħhom lejn l-indipendenza, filwaqt li jikkonsolidaw it-tim jew il-programm ta' riċerka tagħhom stess;

– Riċerkaturi ġodda b'ideat eċċellenti ***fi kwalunkwe qasam ta' riċerka*** sabiex jagħmlu t-tranżizzjoni tagħhom lejn l-indipendenza, filwaqt li jikkonsolidaw it-tim jew il-programm ta' riċerka tagħhom stess;

Or. en

Emenda 58

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– Modi ġodda ta' ħidma fid-dinja xjentifika bil-potenzjal li jagħtu riżultati rivoluzzjonarji u jiffaċilitaw il-potenzjal tal-innovazzjoni kummerċjali u soċjali tar-riċerka ffinanzjata;

Emenda

– Modi ġodda ta' ħidma fid-dinja xjentifika bil-potenzjal li jagħtu riżultati rivoluzzjonarji u jiffaċilitaw il-potenzjal tal-innovazzjoni kummerċjali u soċjali tar-riċerka ffinanzjata, ***fejn xieraq, f'sinerġija ma' partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa u programmi oħrajn tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 59

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– ***Il-kondiviżjoni*** tal-esperjenza u l-aqwa prattiki ma' aġenziji ta' finanzjament tar-riċerka reġjonali u nazzjonali sabiex jiġi promoss l-appoġġ ta' riċerkaturi eċċellenti;

Emenda

– ***It-tixrid*** tal-esperjenza u l-aqwa prattiki ***ma' entitajiet oħrajn tal-Unjoni kif ukoll*** ma' aġenziji ta' finanzjament tar-riċerka reġjonali u nazzjonali sabiex jiġi promoss l-appoġġ ta' riċerkaturi eċċellenti;

Or. en

Emenda 60

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Ewropa għandha qawwa xjentifika kbira b'madwar ***1,8*** miljun riċerkatur jaħdmu f'eluf ta' universitajiet, ċentri tar-riċerka u kumpaniji ta' klassi dinjija. Madankollu, huwa stmat li l-UE se jkollha tħarreġ u timpjega tal-anqas miljun riċerkatur ġdid sal-2027 sabiex tilħaq il-miri li qed jiġu

Emenda

L-Ewropa għandha qawwa xjentifika kbira b'madwar ***1,8*** miljun riċerkatur jaħdmu f'eluf ta' universitajiet, ċentri tar-riċerka u kumpaniji ta' klassi dinjija. Madankollu, huwa stmat li l-UE se jkollha tħarreġ u timpjega tal-anqas miljun riċerkatur ġdid sal-2027 sabiex tilħaq il-miri li qed jiġu

stabbiliti għall-investment miżjud fir-riċerka u l-innovazzjoni. Din il-ħtieġa tinħass b'mod partikolari fis-settur mhux akkademiku. L-UE trid tiffinforza l-isforzi tagħha sabiex tħajjar lil aktar żgħażaġh jagħmlu karriera fir-riċerka, sabiex tattira r-riċerkaturi minn pajjiżi terzi, iżżomm ir-riċerkaturi tagħha u tintegra mill-ġdid fl-Ewropa lil riċerkaturi Ewropej li jaħdmu barra. Addizzjonalment, sabiex tintlaħaq eċċellenza mifruxa b'mod usa', **il-kundizzjonijiet** skont liema jaħdmu r-riċerkaturi għandhom ikomplu jittejbu fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). F'dan ir-rigward, hemm bżonn ta' rabtiet aktar b'saħħithom b'mod partikolari fi ħdan iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEdA), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE+).

stabbiliti għall-investment miżjud fir-riċerka u l-innovazzjoni. Din il-ħtieġa tinħass b'mod partikolari fis-settur mhux akkademiku. L-UE trid tiffinforza l-isforzi tagħha sabiex tħajjar lil aktar żgħażaġh jagħmlu karriera fir-riċerka, sabiex tattira r-riċerkaturi minn pajjiżi terzi, iżżomm ir-riċerkaturi tagħha u tintegra mill-ġdid fl-Ewropa lil riċerkaturi Ewropej li jaħdmu barra.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, għandha tingħata attenzjoni għal skemi li jiffaċilitaw il-bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol, inkluż li r-riċerkaturi taż-żewġ sessi jingħataw aktar flessibbiltà sabiex tiġi ffaċilitata r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja. Il-garanzija ta' ugwaljanza sħiħa bejn is-sessi fis-setturi kollha inklużi x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni hija kundizzjoni essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku globali.

Addizzjonalment, sabiex ***jiggu żgurati s-sinerġiji u*** tintlaħaq eċċellenza mifruxa b'mod usa', ***it-tikketta Siġill ta' Eċċellenza se tibqa' tiġi applikata għas-sejħiet fil-qafas tal-MSCA u l-kundizzjonijiet*** skont liema jaħdmu r-riċerkaturi għandhom ikomplu jittejbu fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). F'dan ir-rigward, hemm bżonn ta' rabtiet aktar b'saħħithom b'mod partikolari fi ħdan iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEdA), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE+).

Or. en

Emenda 61

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) jiffukaw fuq ir-riċerka eċċellenti li hija kompletament minn isfel għal fuq, miftuħa għal kwalunkwe qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sal-użu fis-suq u s-servizzi ta' innovazzjoni. Dan jinkludi oqsma tar-riċerka koperti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom). Jekk jirriżultaw ħtiġijiet speċifiċi u jsiru disponibbli sorsi ta' finanzjament addizzjonali, l-MSCA jistgħu jiġu mmirati lejn ċerti **attivitajiet fi sfidi speċifiċi (inkluż missjonijiet identifikati)**, tipi ta' istituzzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, jew postijiet ġeografiċi sabiex jirreaġixxu għall-evoluzzjoni tar-rekwiżiti tal-Ewropa f'termini ta' ħiliet, taħriġ fir-riċerka, żvilupp tal-karriera u kondiviżjoni tal-għarfien.

Emenda

L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) jiffukaw fuq ir-riċerka eċċellenti li hija kompletament minn isfel għal fuq, miftuħa għal kwalunkwe qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sal-użu fis-suq u s-servizzi ta' innovazzjoni. Dan jinkludi oqsma tar-riċerka koperti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom). Jekk jirriżultaw ħtiġijiet speċifiċi u jsiru disponibbli sorsi ta' finanzjament addizzjonali, l-MSCA jistgħu jiġu mmirati lejn ċerti tipi ta' istituzzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, jew postijiet ġeografiċi sabiex jirreaġixxu għall-evoluzzjoni tar-rekwiżiti tal-Ewropa f'termini ta' ħiliet, taħriġ fir-riċerka, żvilupp tal-karriera u kondiviżjoni tal-għarfien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-MSCA għandhom jibqgħu programm kompletament minn isfel għal fuq (kif iddikjarat fl-ewwel sentenza tal-paragrafu).

Emenda 62

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Programmi ta' taħriġ sabiex jgħammru lir-riċerkaturi b'varjetà ta' ħiliet rilevanti għall-isfidi globali attwali u futuri.

Emenda

– Programmi ta' taħriġ, **fejn xieraq f'komplementarjetà mal-attivitajiet edukattivi tal-EITs**, sabiex jgħammru lir-riċerkaturi b'varjetà ta' ħiliet rilevanti għall-

Ġustifikazzjoni

L-EIT jipprovdi edukazzjoni intraprenditorjali lill-istudenti billi jinvolvi l-industrija fil-kurrikuli. Bħall-MSCA, it-tikketta tal-EIT hija bbażata fuq il-promozzjoni tal-mobbiltà bħala rekwiżit ċentrali għall-programmi tal-Masters u tad-dottorat. It-titjib tal-komplementarjetà mal-MSCA jiżgura valur miżjud oġġla għaż-żewġ inizjattivi, iżid is-simplifikazzjoni u jevita wkoll id-duplikazzjoni bla bżonn.

Emenda 63

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Programmi ta' ħidma sabiex titrawwem l-eċċellenza u jinfirxu l-aqwa prattiki fl-istituzzjonijiet u fis-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni;

Emenda

– Programmi ta' ħidma, **żviluppati f'kooperazzjoni ma partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa**, sabiex titrawwem l-eċċellenza u jinfirxu l-aqwa prattiki fl-istituzzjonijiet u fis-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni;

Emenda 64

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-infrastrutturi tar-riċerka tal-oġġla livell tekniku jipprovdu servizzi prinċipali lill-komunitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jaqdu rwol essenzjali sabiex jestendu l-fruntieri tal-għarfien. L-appoġġ għal infrastrutturi tar-riċerka fil-livell tal-UE jgħin biex tiġi mitigata dik li f'ħafna każijiet hija r-realtà ta' infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka mifruxin u oqsmha żgħar ta' eċċellenza xjentifika, kif ukoll ***l-indirizzar taċ-ċirkolazzjoni*** baxxa tal-

Emenda

L-infrastrutturi tar-riċerka tal-oġġla livell tekniku jipprovdu servizzi prinċipali lill-komunitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jaqdu rwol essenzjali sabiex jestendu l-fruntieri tal-għarfien. L-appoġġ għal infrastrutturi tar-riċerka ***ta' kull daqs*** fil-livell tal-UE jgħin biex tiġi mitigata dik li f'ħafna każijiet hija r-realtà ta' infrastrutturi nazzjonali ***u reġjonali*** tar-riċerka mifruxin u oqsmha żgħar ta' eċċellenza xjentifika, kif ukoll ***iżid iċ-***

gharfien fost is-silos.

ċirkolazzjoni baxxa tal-għarfien fost is-silos.

Or. en

Emenda 65

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-mira globali hija li ***l-Ewropa tiġi arrikkita*** b'infrastrutturi tar-riċerka sostenibbli mill-aqwa li jkunu miftuħin u aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, li jisfruttaw bis-siħ il-potenzjal tagħhom għall-avvanz xjentifiku u l-innovazzjoni. L-għanijiet prinċipali huma li titnaqqas il-frammentazzjoni tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-evitar tad-duplikazzjoni tal-isforzi, u koordinazzjoni aħjar tal-iżvilupp ***u*** l-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka. Huwa kruċjali li jiġi appoġġat l-aċċess miftuħ għall-infrastrutturi tar-riċerka għar-riċerkaturi Ewropej kollha kif ukoll, permezz tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (minn hawn il-quddiem "EOSC"), jiżdied l-aċċess għar-riżorsi tar-riċerka diġitali, li b'mod speċifiku jindirizzaw it-tħaddin attwalment subottimali tax-xjenza miftuħa u l-prattiki ta' data miftuħa. Bl-istess mod, l-UE trid tindirizza ż-żieda rapida ta' kompetizzjoni globali għat-talent billi tattira riċerkaturi minn pajjiżi terzi sabiex jaħdmu b'infrastrutturi tar-riċerka Ewropea ta' livell dinji. Iż-żieda fil-kompetittività tal-industrija Ewropa tikkostitwixxi għan maġġuri wkoll, filwaqt li jiġu appoġġati teknoloġiji u servizzi prinċipali rilevanti għall-infrastrutturi tar-riċerka u l-utenti tagħhom, biex b'hekk jittejjbu l-kundizzjonijiet għall-provvista ta' soluzzjonijiet innovattivi.

Emenda

Il-mira globali hija li ***d-dotazzjoni tal-Ewropa tittejjeb*** b'infrastrutturi tar-riċerka sostenibbli mill-aqwa li jkunu miftuħin u aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, li jisfruttaw bis-siħ il-potenzjal tagħhom għall-avvanz xjentifiku u l-innovazzjoni. L-għanijiet prinċipali huma li titnaqqas il-frammentazzjoni tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, ***jiġi żgurati li jkun hemm modernizzazzjoni kontinwa***, l-evitar tad-duplikazzjoni tal-isforzi, u koordinazzjoni aħjar tal-iżvilupp, l-użu ***u l-aċċessibilità*** tal-infrastrutturi tar-riċerka, ***inkluż fi Stati Membri anqas żviluppati***. Huwa kruċjali li jiġi appoġġat l-aċċess miftuħ għall-infrastrutturi tar-riċerka għar-riċerkaturi Ewropej kollha kif ukoll, permezz tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (minn hawn il-quddiem "EOSC"), jiżdied l-aċċess għar-riżorsi tar-riċerka diġitali, li b'mod speċifiku jindirizzaw it-tħaddin attwalment subottimali tax-xjenza miftuħa u l-prattiki ta' data miftuħa. Bl-istess mod, l-UE trid tindirizza ż-żieda rapida ta' kompetizzjoni globali għat-talent billi tattira riċerkaturi minn pajjiżi terzi sabiex jaħdmu b'infrastrutturi tar-riċerka Ewropea ta' livell dinji. Iż-żieda fil-kompetittività tal-industrija Ewropa tikkostitwixxi għan maġġuri wkoll, filwaqt li jiġu appoġġati teknoloġiji u servizzi prinċipali rilevanti għall-infrastrutturi tar-riċerka u l-utenti tagħhom, biex b'hekk jittejjbu l-kundizzjonijiet għall-provvista ***u l-użu*** ta'

Emenda 66

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-programmi qafas tal-passat għamlu kontribuzzjoni sinifikanti lejn l-użu aktar effiċjenti u effettiv tal-infrastrutturi nazzjonali, u żviluppaw ukoll, mal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI), approċċ koerenti u mmexxi minn strateġija lejn it-tfassil ta' politika dwar infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej. Dan l-approċċ strateġiku ġġenera vantaġġi ċari, inkluż tnaqqis fid-duplikazzjoni tal-isforz permezz ta' użu ġenerali aktar effiċjenti tar-riżorsi, kif ukoll permezz tal-istandardizzazzjoni tal-proċessi u l-proċeduri.

Emenda

Il-programmi qafas tal-passat għamlu kontribuzzjoni sinifikanti lejn l-użu aktar effiċjenti u effettiv tal-infrastrutturi nazzjonali ***u lejn it-tneħħija tal-ostakoli għall-użu mill-oqsma kollha tar-riċerka Ewropea permezz tal-aċċess transnazzjonali***, u żviluppaw ukoll, mal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI), approċċ koerenti u mmexxi minn strateġija lejn it-tfassil ta' politika dwar infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej. Dan l-approċċ strateġiku ġġenera vantaġġi ċari, inkluż tnaqqis fid-duplikazzjoni tal-isforz permezz ta' użu ġenerali aktar effiċjenti tar-riżorsi, kif ukoll permezz tal-istandardizzazzjoni ***u l-armonizzazzjoni*** tal-proċessi u l-proċeduri.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ttipprova tenfasizza l-programm ta' aċċess transnazzjonali li ġie rikonoxxut, minn diversi evalwazzjonijiet tal-Programmi ta' Qafas bħala storja kbira ta' suċċess ta' finanzjament għar-riċerka ta' diversi programmi ta' qafas konsekuttivi. Diġà hemm ħafna proċessi u proċeduri nazzjonali li huma standardizzati sewwa, iżda li mhumiex armonizzati fost il-faċilitajiet ta' infrastruttura ta' riċerka differenti fi Stati Membri differenti.

Emenda 67

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 4

L-attività appoġġata mill-UE se tipprovdi valur miżjud permezz ta': infrastrutturi tar-riċerka eżistenti konsolidati u ottimizzati flimkien mal-isforzi sabiex jiġu żviluppati infrastrutturi ġodda; l-istabbiliment tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) bħala ambjent effettiv skalabbli u sostenibbli għar-riċerka xprunata mid-data; l-interkonnnessjoni tan-networks tar-riċerka u l-edukazzjoni nazzjonali u reġjonali, li ttejjeb u tiżgura infrastruttura tan-network ta' kapaċità għolja għal ammonti kbar ħafna ta' data u aċċess għar-riżorsi diġitali lil hinn mill-fruntieri u l-konfini tad-dominji; ***l-għelib tal-ostakli*** li jipprevjenu lill-aqwa timijiet tar-riċerka milli jaċċessaw l-aqwa servizzi tal-infrastruttura tar-riċerka fl-UE; it-trawwim tal-potenzjal tal-innovazzjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka, iffukati fuq l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-koinnovazzjoni, kif ukoll l-użu miżjud tal-infrastrutturi tar-riċerka mill-industrija.

L-attività appoġġata mill-UE se tipprovdi valur miżjud permezz ta': infrastrutturi tar-riċerka eżistenti konsolidati u ottimizzati flimkien mal-isforzi sabiex jiġu żviluppati infrastrutturi ġodda; l-istabbiliment tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) ***u tal-Cloud Ewropew tal-Wirt Kulturali - Spazju ta' Kollaborazzjoni bejn il-Mużewijiet*** - bħala ambjent effettiv skalabbli u sostenibbli għar-riċerka xprunata mid-data; l-interkonnnessjoni tan-networks tar-riċerka u l-edukazzjoni nazzjonali u reġjonali, li ttejjeb u tiżgura infrastruttura tan-network ta' kapaċità għolja għal ammonti kbar ħafna ta' data u aċċess għar-riżorsi diġitali lil hinn mill-fruntieri u l-konfini tad-dominji; ***il-ħolqien ta' pjattaformi ta' riċerka u proġetti sabiex jingħelbu l-ostakli*** li jipprevjenu lill-aqwa timijiet tar-riċerka milli jaċċessaw l-aqwa servizzi tal-infrastruttura tar-riċerka fl-UE; it-trawwim tal-potenzjal tal-innovazzjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka, iffukati fuq l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-koinnovazzjoni, kif ukoll l-użu miżjud tal-infrastrutturi tar-riċerka mill-industrija.

Or. en

Emenda 68

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 5

U d-dimensjoni internazzjonali tal-infrastrutturi tar-riċerka tal-UE trid tissaħħaħ, filwaqt li ***titrawwem*** kooperazzjoni aktar ***b'saħħitha*** mal-kontropartijiet internazzjonali u l-parteciġipazzjoni internazzjonali fl-infrastrutturi tar-riċerka Ewropej għall-

Id-dimensjoni internazzjonali tal-infrastrutturi tar-riċerka tal-UE trid tissaħħaħ, filwaqt li ***jitrawmu*** kooperazzjoni ***u konnettività*** aktar ***b'saħħithom*** mal-kontropartijiet internazzjonali u l-parteciġipazzjoni internazzjonali fl-infrastrutturi tar-riċerka

benefiċċju reċiproku.

Ewropej għall-benefiċċju reċiproku.

Or. en

Emenda 69

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-istabbiliment, l-operat u s-sostenibbiltà fit-tul tal-infrastrutturi tar-riċerka identifikati minn ESFRI huma essenzjali għall-UE sabiex tiżgura li jkollha pożizzjoni fuq quddiem nett fir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien, il-ħolqien u l-użu tal-għarfien u l-kompetittività tal-industriji tagħha.

Emenda

L-istabbiliment, l-operat u s-sostenibbiltà fit-tul tal-infrastrutturi tar-riċerka, **inklużi dawk** identifikati minn ESFRI huma essenzjali għall-UE sabiex tiżgura li jkollha pożizzjoni fuq quddiem nett fir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien, il-ħolqien u l-użu tal-għarfien u l-kompetittività tal-industriji tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux biss dawk l-infrastrutturi tar-riċerka identifikati mill-ESFRI huma kruċjali biex l-Ewropa żżomm pożizzjoni ta' tmexxija fir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien.

Emenda 70

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) **jenħtieġ li** jsir kanal ta' twassil effettiv u komprensiv għas-servizzi ta' infrastrutturi tar-riċerka u **jenħtieġ li jipprovdi** lill-komunitajiet tar-riċerka tal-Ewropa **bis-servizzi ta' data tal-ġenerazzjoni** li jmiss għall-ħsad, ħażna, ipproċessar (eż. analitika, simulazzjoni, servizzi ta' viżwalizzazzjoni) u l-kondiviżjoni ta' data tal-big science. L-EOSC **jenħtieġ li** jipprovdi wkoll lir-riċerkaturi fl-Ewropa **b'aċċess għall-**

Emenda

Il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) **għandu** jsir kanal ta' twassil effettiv u komprensiv għas-servizzi ta' infrastrutturi tar-riċerka u **għandu jippermetti** lill-komunitajiet tar-riċerka tal-Ewropa **jiżviluppaw il-ġenerazzjoni** li jmiss **tas-servizzi tad-data** għall-ħsad, ħażna, ipproċessar (eż. analitika, simulazzjoni, servizzi ta' viżwalizzazzjoni) u l-kondiviżjoni ta' data tal-big science. L-EOSC **għandu** jipprovdi wkoll lir-riċerkaturi fl-Ewropa **servizzi li**

maġġoranza tad-data ġġenerata u miġbura *mill-infrastrutturi* tar-riċerka, *kif ukoll* għall-HPC u r-riżorsi fuq skala eksa varati skont l-Infrastruttura Ewropea tad-Data (EDI)¹³.

jinkoraġġixxu l-ħażna u l-ipproċessar tal-maġġoranza tad-data *ċċekkjata għall-kwalità* u ġġenerata u miġbura *mir-riċerkaturi fl-infrastrutturi* tar-riċerka *u barra minnhom, u għandu wkoll jagħti aċċess* għall-HPC u r-riżorsi fuq skala eksa varati skont l-Infrastruttura Ewropea tad-Data (EDI)¹³. *L-EOSC, b'definizzjoni għandu jkun reżiljenti kontra t-theddid diġitali, billi jipprovdni fiduċja u identità orizzontali, u servizzi taċ-ċibersigurtà, adegwati.*

¹³ L-Infrastruttura Ewropea tad-Data se tipprovdni bażi għall-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa billi tipprovdni kapaċità ta' Computing ta' Prestazzjoni Għolja ta' livell dinji, konnettività b'veloċità għolja u servizzi ta' data u software fuq quddiem nett tal-kompetizzjoni.

¹³ L-Infrastruttura Ewropea tad-Data se tipprovdni bażi għall-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa billi tipprovdni kapaċità ta' Computing ta' Prestazzjoni Għolja ta' livell dinji, konnettività b'veloċità għolja u servizzi ta' data u software fuq quddiem nett tal-kompetizzjoni.

Or. en

Emenda 71

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 4 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej permezz tat-tfassil ta' infrastrutturi tar-riċerka; Il-fażi ta' tħejjija u implimentazzjoni tagħhom, l-operat fil-fażi bikrija tagħhom ***b'kumplimentarjetà*** mal-fondi reġjonali, kif ukoll il-konsolidazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-ekosistema tal-infrastruttura tar-riċerka ***permezz tal-monitoraġġ ta' stadji kritiċi ta' ESFRI*** u l-iffaċilitar ta' ftehimiet ta' servizz, evoluzzjonijiet, amalgamazzjonijiet jew id-dekummissjonar ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej;

Emenda

– Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej permezz tat-tfassil ta' infrastrutturi tar-riċerka; Il-fażi ta' tħejjija u implimentazzjoni tagħhom, l-operat fil-fażi bikrija tagħhom ***b'komplementarjetà*** mal-fondi reġjonali, kif ukoll il-konsolidazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-ekosistema tal-infrastruttura tar-riċerka li timmonitorja ***l-punti ta' riferiment tal-ESFRI*** u l-iffaċilitar ta' ftehimiet ta' servizz, evoluzzjonijiet, amalgamazzjonijiet jew id-dekummissjonar ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej ***u l-kompetizzjoni ta' kunċetti ta' stabbiliment ta' infrastrutturi abbażi ta' kundizzjonijiet indaqs;***

Emenda 72**Proposta għal deċiżjoni****Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 4 – inċiż 2***Test propost mill-Kummissjoni*

– Il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa, inkluż: l-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà tal-kanal ta' aċċess; il-federazzjoni effettiva tar-riżorsi Ewropej, nazzjonali, reġjonali u istituzzjonali; l-evoluzzjoni teknika u ta' politika tiegħu biex ikun jista' jindirizza ħtiġijiet u rekwiżiti tar-riċerka ġodda (eż. l-użu ta' settijiet tad-data sensittiva, privatezza mid-disinn); l-interoperabbiltà tad-data u l-konformità mal-prinċipji FAIR; u bażi tal-utenti wiesgħa;

Emenda

– Il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa, inkluż: l-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà tal-kanal ta' aċċess; il-federazzjoni effettiva tar-riżorsi Ewropej, nazzjonali, reġjonali u istituzzjonali; l-evoluzzjoni teknika u ta' politika tiegħu biex ikun jista' jindirizza ħtiġijiet u rekwiżiti tar-riċerka ġodda (eż. l-użu ta' settijiet tad-data sensittiva, privatezza mid-disinn) ***f'konformità mal-komunitajiet tar-riċerkaturi***; l-interoperabbiltà tad-data u l-konformità mal-prinċipji FAIR; u bażi tal-utenti wiesgħa;

Or. en

Emenda 73**Proposta għal deċiżjoni****Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Ix-xenarju tar-riċerka se jittejjeb b'mod sinifikanti billi jiġi żgurat aċċess miftuħ għal infrastrutturi ta' riċerka internazzjonali, nazzjonali u reġjonali ewlenin għar-riċerkaturi kollha tal-UE u s-servizzi tagħhom jiġu integrati fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet ta' aċċess, jittejjeb u jitwessa' l-forniment tas-servizz u tiġi mħeġġa strateġija ta' żvilupp komuni ta' komponenti ta' livell teknoloġiku għoli u servizzi avvanzati permezz ta' azzjonijiet ta' innovazzjoni.

Emenda

Ix-xenarju tar-riċerka se jittejjeb b'mod sinifikanti billi jiġi żgurat aċċess miftuħ għal infrastrutturi ta' riċerka internazzjonali, nazzjonali u reġjonali ewlenin għar-riċerkaturi kollha tal-UE u s-servizzi tagħhom jiġu integrati fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet ta' aċċess, jittejjeb u jitwessa' l-forniment tas-servizz u tiġi mħeġġa strateġija ta' żvilupp komuni ta' komponenti ta' livell teknoloġiku għoli u servizzi avvanzati permezz ta' azzjonijiet ta' innovazzjoni ***li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-komunitajiet tar-riċerkaturi u,***

Emenda 74

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Networks ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-UE, nazzjonali u reġjonali **li jindirizzaw l-isfidi globali** għall-forniment ta' aċċess għar-riċerkaturi kif ukoll għall-armonizzazzjoni u t-titjib tas-servizzi tal-infrastrutturi;

Emenda

– Networks ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-UE, nazzjonali u reġjonali, **inklużi dawk ta' daqs żgħir u medju** għall-forniment ta' aċċess għar-riċerkaturi kif ukoll għall-armonizzazzjoni u t-titjib tas-servizzi tal-infrastrutturi;

Ġustifikazzjoni

L-infrastrutturi ta' riċerka ta' daqs żgħir u medju għadhom importanti għall-ekosistemi ta' R&I. Barra minn hekk, peress li l-infrastrutturi tar-riċerka jistgħu jintużaw għal firxa wiesgħa ta' oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi, mhix meħtieġa referenza għall-isfidi globali.

Emenda 75

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

II

Emenda

II **SFIDI GLOBALI U
KOMPETITIVITÀ INDUSTRIJALI
EWROPEA**

Emenda 76

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – paragrafu 4

L-UE se tibbenefika bħala utent u produttur ta' teknoloġiji u industriji li juru kif is-soċjetà u l-ekonomija moderni industrijalizzati, sostenibbli, inklużivi, miftuħin u demokratiċi jistgħu jiffunzjonaw u jiżviluppaw. L-eżempji ekonomiċi-ambjentali-soċjetali li qed jiżdiedu tal-industrija ekonomika sostenibbli tal-futur se jkunu mrawmin u jingħataw spinta, sew jekk ikunu għal: saħħa u benesseri għal kulħadd; jew soċjetajiet inklużivi u siguri reżiljenti; jew enerġija nadifa **disponibbli** u mobbiltà; jew ekonomija u soċjetà diġitizzati; jew industrija transdixxiplinari u kreattiva; jew soluzzjonijiet spazjali, marini jew ibbażati fuq l-art; jew soluzzjonijiet alimentari jew nurizzjonali; użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, protezzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima, fejn il-koll jiġġeneraw ġid fl-Ewropa u joffru impjiegi ta' kwalità ogħla. It-trasformazzjoni industrijali se tkun kruċjali.

L-UE se tibbenefika bħala utent u produttur ta' **għarfien**, teknoloġiji u industriji li juru kif is-soċjetà u l-ekonomija moderni industrijalizzati, sostenibbli, inklużivi, miftuħin u demokratiċi jistgħu jiffunzjonaw u jiżviluppaw. L-eżempji ekonomiċi-ambjentali-soċjetali li qed jiżdiedu tal-industrija ekonomika sostenibbli tal-futur se jkunu mrawmin u jingħataw spinta, sew jekk ikunu għal: saħħa u benesseri għal kulħadd; jew soċjetajiet inklużivi u siguri reżiljenti; jew **id-disponibbiltà ta'** enerġija nadifa u mobbiltà; jew ekonomija u soċjetà diġitizzati; jew industrija transdixxiplinari u kreattiva; jew soluzzjonijiet spazjali, marini jew ibbażati fuq l-art; jew soluzzjonijiet alimentari jew nurizzjonali; użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, protezzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima, fejn il-koll jiġġeneraw ġid fl-Ewropa u joffru impjiegi ta' kwalità ogħla. It-trasformazzjoni industrijali se tkun kruċjali.

Or. en

Emenda 77

Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti II – paragrafu 5

Ir-riċerka u l-innovazzjoni skont dan il-pilastru ta' Orizzont Ewropa huma raggruppati fi gruppi ta' raggruppamenti ta' attivitajiet integrati. Minflok jindirizzaw is-setturi, l-investimenti jimmiraw għal bidliet sistemiċi għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna skont vettur ta' sostenibbiltà. Dawn se jintlaħqu biss jekk l-atturi kollha, kemm privati kif ukoll pubbliċi, jinvolvu lilhom infushom fil-kodisinn u l-koħolqien tar-

Ir-riċerka u l-innovazzjoni skont dan il-pilastru ta' Orizzont Ewropa huma raggruppati fi gruppi ta' raggruppamenti ta' attivitajiet integrati. Minflok jindirizzaw is-setturi, l-investimenti jimmiraw għal bidliet sistemiċi għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna skont vettur ta' sostenibbiltà. Dawn se jintlaħqu biss jekk l-atturi kollha, kemm privati kif ukoll pubbliċi, jinvolvu lilhom infushom fil-kodisinn u l-koħolqien tar-

riċerka u l-innovazzjoni; li jlaqqgħu flimkien utenti aħħarin, xjenzati, teknoloġisti, produtturi, innovaturi, negozji, edukaturi, ċittadini u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għaldaqstant, l-ebda wieħed mir-raggruppamenti tematiċi mhux maħsub għal sett wieħed biss ta' atturi.

riċerka u l-innovazzjoni; li jlaqqgħu flimkien utenti aħħarin, **riċerkaturi**, xjenzati, teknoloġisti, produtturi, innovaturi, negozji, edukaturi, ċittadini u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għaldaqstant, l-ebda wieħed mir-raggruppamenti tematiċi mhux maħsub għal sett wieħed biss ta' atturi.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti II – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-raggruppamenti se jiżviluppaw u japplikaw teknoloġiji diġitali, ewlenin abilitanti u emerġenti bħala parti minn strateġija komuni sabiex jippromwovu t-tmexxija industrijali tal-UE. Fejn xieraq dan se jutilizza data u servizzi tal-UE ffaċilitati mill-ispazju.

Emenda

Ir-raggruppamenti se **jappoġġaw il-ħolqien tal-għarfien fl-istadji kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluż f'attivitajiet ta' riċerka fi stadju bikri. Ir-raggruppamenti se** jiżviluppaw u japplikaw **ukoll** teknoloġiji diġitali, ewlenin abilitanti u emerġenti bħala parti minn strateġija komuni sabiex jippromwovu t-tmexxija industrijali tal-UE. Fejn xieraq dan se jutilizza data u servizzi tal-UE ffaċilitati mill-ispazju.

Or. en

Emenda 79

Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti II – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Se jingħata appoġġ sabiex it-teknoloġija titwassal mil-laboratorju sas-suq u sabiex jiġu żviluppati applikazzjonijiet inkluż linji pilota u dimostraturi, miżuri sabiex jiġi stimolat l-użu mis-suq u sabiex tingħata spinta lill-impenn min-naħa tas-settur privat. Is-sinerġiji ma' programmi oħrajn se

Emenda

Se jingħata appoġġ sabiex it-teknoloġija titwassal mil-laboratorju sas-suq u sabiex jiġu żviluppati applikazzjonijiet inkluż linji pilota u dimostraturi, miżuri sabiex jiġi stimolat l-użu mis-suq u sabiex tingħata spinta lill-impenn min-naħa tas-settur privat. Is-sinerġiji **ma' partijiet oħrajn ta'**

jkunu massimizzati.

Orizzont Ewropa, speċjalment l-EIT, kif ukoll ma' programmi oħra se jkunu massimizzati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-missjoni tal-EIT hija li jipprovdi soluzzjonijiet għall-isfidi globali l-aktar urġenti li s-soċjetà qed tiffaċċja. L-EIT diġà llum qed jagħti riżultati dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u għandu, għalhekk, ikun interkonness mill-qrib fost ir-raggruppamenti kollha. Hemm ukoll potenzjal għoli għal sinerġiji bejn l-attivitajiet tal-KICs u ħafna mir-raggruppamenti li għandhom jiġu esplorati aktar u kemm jista' jkun malajr.

Emenda 80

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-riċerka dwar is-saħħa **u r-riċerka dwar l-innovazzjoni** kellhom parti sinifikanti f'din il-kisba iżda wkoll fit-titjib tal-produttività u tal-kwalità fl-industrija tas-saħħa u l-kura. Madankollu, l-UE tkompli taffaċċa sfidi ġodda, li għadhom kemm ħarġu jew persistenti u li qed jheddu liċ-ċittadini tagħha u s-saħħa pubblika, is-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa tagħha u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, kif ukoll il-kompetittività tal-industrija tas-saħħa u l-kura tagħha. L-isfidi l-kbar tas-saħħa fl-UE jinkludu: in-nuqqas ta' promozzjoni effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard; iż-żieda fil-mard **mhux komunikabli**; it-tixrid ta' reżistenza għall-mediċina antimikrobika u l-emerġenza ta' epidemiji infettivi; żieda fit-tniġġis ambjentali; il-persistenza ta' inugwaljanzi fis-saħħa fost u fi ħdan il-pajjiżi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni li huma żvantaġġati jew fi stadji vulnerabbli tal-ħajja; id-detezzjoni, il-fehim, il-kontroll, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji tas-saħħa f'ambjent soċjali, urban u naturali li qed jinbidel

Emenda

Ir-riċerka **u l-innovazzjoni** dwar is-saħħa kellhom parti sinifikanti f'din il-kisba iżda wkoll fit-titjib tal-produttività u tal-kwalità fl-industrija tas-saħħa u l-kura. Madankollu, l-UE tkompli taffaċċa sfidi ġodda, li għadhom kemm ħarġu jew persistenti u li qed jheddu liċ-ċittadini tagħha u s-saħħa pubblika, is-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa tagħha u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, kif ukoll il-kompetittività tal-industrija tas-saħħa u l-kura tagħha. L-isfidi l-kbar tas-saħħa fl-UE jinkludu: in-nuqqas ta' promozzjoni effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard; iż-żieda fil-mard **mhux komunikabli**; it-tixrid ta' reżistenza għall-mediċina antimikrobika u l-emerġenza ta' epidemiji infettivi; żieda fit-tniġġis ambjentali; il-persistenza ta' inugwaljanzi fis-saħħa fost u fi ħdan il-pajjiżi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni li huma żvantaġġati jew fi stadji vulnerabbli tal-ħajja; id-detezzjoni, il-fehim, il-kontroll, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji tas-saħħa f'ambjent soċjali, urban u naturali li qed jinbidel

b'mod rapidu; il-kostijiet li qed jiżdiedu għas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej u l-introduzzjoni progressiva ta' approċċi ta' mediċina personalizzata u d-diġitalizzazzjoni fis-saħħa u l-kura; u l-pressjoni li qed tiżdied fuq l-industrija Ewropea tal-kura u s-saħħa sabiex tibqa' kompetittiva fl-innovazzjoni tas-saħħa u billi tiżviluppa t-tali innovazzjoni fir-rigward ta' atturi globali ġodda u emerġenti.

b'mod rapidu; il-kostijiet li qed jiżdiedu għas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej u l-introduzzjoni progressiva ta' approċċi ta' mediċina personalizzata, **inklużi r-riċerka rilevanti** u d-diġitalizzazzjoni fis-saħħa u l-kura; u l-pressjoni li qed tiżdied fuq l-industrija Ewropea tal-kura u s-saħħa sabiex tibqa' kompetittiva fl-innovazzjoni tas-saħħa u billi tiżviluppa t-tali innovazzjoni fir-rigward ta' atturi globali ġodda u emerġenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mediċina personalizzata mhix lesta biex tiġi implimentata mingħajr aktar riċerka. Ir-riċerka translazzjonali hija essenzjali għas-suċċess tar-riċerka relatata mas-saħħa, u għib ir-riżultati tar-riċerka mil-laboratorju għall-pazjent u lura lill-laboratorju għal titjib ulterjuri. Mingħajr enfasi qawwija fuq ir-riċerka bijomedika bażika, l-art ħammiela għal titjib futur għall-pazjenti tiflew l-input tagħha.

Emenda 81

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn l-isfidi tas-saħħa huma kumplessi, interkonnessi u globali fin-natura u jirrikjedu kollaborazzjonijiet multidixxiplinari, transsettorjali u transnazzjonali. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni se jibnu rabtiet mill-qrib bejn ir-riċerka ta' skoperta, klinika, epidemjoloġika, ambjentali u soċjoekonomika, kif ukoll max-xjenzi regolatorji. Dawn se jisfruttaw il-ħiliet ikkombinati tal-akkademja u l-industrija u jrawmu l-kollaborazzjoni tagħhom mas-servizzi tas-saħħa, il-pazjenti, dawk li jfasslu l-politika u ċ-ċittadini sabiex jiksibu ingranaġġ fuq il-finanzjament pubbliku u jiżguraw l-użu tar-riżultati fil-prattika klinika kif ukoll fis-sistemi tal-kura tas-saħħa. Dawn se jrawmu kollaborazzjoni

Emenda

Dawn l-isfidi tas-saħħa huma kumplessi, interkonnessi u globali fin-natura u jirrikjedu kollaborazzjonijiet multidixxiplinari, transsettorjali u transnazzjonali **fuq livell transnazzjonali**. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, **inkluża r-riċerka bijomedika bażika meħtieġa**, se jibnu rabtiet mill-qrib bejn ir-riċerka ta' skoperta, klinika, epidemjoloġika, ambjentali u soċjoekonomika, kif ukoll max-xjenzi regolatorji. Dawn se jisfruttaw il-ħiliet ikkombinati tal-akkademja u l-industrija u jrawmu l-kollaborazzjoni tagħhom mas-servizzi tas-saħħa, il-pazjenti, dawk li jfasslu l-politika u ċ-ċittadini sabiex jiksibu ingranaġġ fuq il-finanzjament pubbliku u jiżguraw l-użu tar-riżultati fil-prattika

strateġika fil-livell tal-UE u internazzjonali sabiex jiġu raggruppati l-għarfien espert, il-kapaċitajiet u r-riżorsi meħtieġa għall-ħolqien ta' ekonomiji ta' skala, kamp ta' applikazzjoni u veloċità, kif ukoll sabiex jiġu kondiviżi l-benefiċċji mistennija u r-riskji finanzjarji involuti.

klinika kif ukoll fis-sistemi tal-kura tas-saħħa. Dawn se jrawmu kollaborazzjoni strateġika fil-livell tal-UE u internazzjonali sabiex jiġu raggruppati l-għarfien espert, il-kapaċitajiet u r-riżorsi meħtieġa għall-ħolqien ta' ekonomiji ta' skala, kamp ta' applikazzjoni u veloċità, kif ukoll sabiex jiġu kondiviżi l-benefiċċji mistennija u r-riskji finanzjarji involuti.

Or. en

Emenda 82

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Mard tat-tfal assoċjat ma' mortalità għolja u morbidità fit-tul;***

Or. en

Emenda 83

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-mard mhux komunikabbli (NCDs), inkluż il-mard rari, jippreżenta sfida kbira għas-saħħa u s-soċjetà u jridu aktar approċċi effettivi fil-prevenzjoni, it-trattament u l-kura, inkluż approċċi ta' mediċina personalizzata.

Il-mard mhux komunikabbli (NCDs), inkluż il-mard rari, jippreżenta sfida kbira għas-saħħa u s-soċjetà u jridu aktar approċċi effettivi fil-prevenzjoni, ***id-djanjożi***, it-trattament u l-kura, inkluż approċċi ta' mediċina personalizzata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dijanjożi hija parti essenzjali minn dan il-proċess u ma għandhiex tintesa (ara l-ewwel "linja wiesgħa").

Emenda 84

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Oqsma ta' hteġa klinika għolja u mhux milħuqa bħal tipi rari ta' kanċer inklużi kanċers pedjatriċi;***

Or. en

Emenda 85

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- Vaċċini, dijanjożi, trattamenti u kura għall-mard infettiv, inkluż komorbiditajiet u koinfezzjonijiet;

- Vaċċini, dijanjożi, trattamenti u kura, ***inklużi il-farmaċewtiċi***, għall-mard infettiv, inkluż komorbiditajiet u koinfezzjonijiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mard infettiv jeħtieġ farmaċewtiċi innovattivi. Dan mhux biss jeħtieġ riċerka dwar l-ingredjenti tagħhom, iżda wkoll fuq sistemi innovattivi tal-portaturi.

Emenda 86

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

It-teknoloġiji u l-għodod tas-saħħa huma vitali għas-saħħa pubblika u kkontribwew ħafna għat-titjib importanti miksub fil-kwalità tal-ħajja, is-saħħa u l-kura tal-persuni fl-UE. Hija għalhekk sfida

It-teknoloġiji u l-għodod tas-saħħa huma vitali għas-saħħa pubblika u kkontribwew ħafna għat-titjib importanti miksub fil-kwalità tal-ħajja, is-saħħa u l-kura tal-persuni fl-UE. Hija għalhekk sfida

strateġika ewlenija li jiġu mfasslin, żviluppati, *sottomessi* u implimentati għodod u teknoloġiji xierqa, affidabbli, sikuri u kosteffettivi għas-saħħa u l-kura, b'kunsiderazzjoni kif dovut tal-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet u s-soċjetà li qed tixjieħ. Dawn jinkludu *intelliġenza artiċjali* u teknoloġiji *diġitali oħrajn* li joffru titjib sinifikanti fuq dawk eżistenti, kif ukoll jistimolaw industrija marbuta mas-saħħa kompetittiva u sostenibbli li toħloq impjegji ta' valur għoli. L-industrija marbuta mas-saħħa tal-UE hija wieħed mis-setturi ekonomiċi kritiċi fl-UE, li hija responsabbli għal 3 % tal-PDG u 1.5 miljun impjegat.

strateġika ewlenija li jiġu mfasslin, żviluppati, *fornuti* u implimentati għodod u teknoloġiji xierqa, affidabbli, sikuri u kosteffettivi għas-saħħa u l-kura, b'kunsiderazzjoni kif dovut tal-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet u s-soċjetà li qed tixjieħ. Dawn jinkludu teknoloġiji *abilitanti ewlenin* li joffru titjib sinifikanti fuq dawk eżistenti, kif ukoll jistimolaw industrija marbuta mas-saħħa kompetittiva u sostenibbli li toħloq impjegji ta' valur għoli. L-industrija marbuta mas-saħħa tal-UE hija wieħed mis-setturi ekonomiċi kritiċi fl-UE, li hija responsabbli għal 3 % tal-PDG u 1.5 miljun impjegat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-semmija tal-IA u tat-teknoloġiji diġitali oħra biss hija restrittiva wisq. Il-fotonika, li hija teknoloġija abilitanti essenzjali, b'mod partikolari twiegħed sikurezza u kosteffettività fis-soluzzjonijiet tal-kura tas-saħħa.

Emenda 87

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. RAGGRUPPAMENT "SOĊJETÀ INKLUŻIVA U **SIGURA**"

Emenda

2. RAGGRUPPAMENT "SOĊJETÀ INKLUŻIVA U **KREATTIVA**"

Or. en

Emenda 88

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-UE tirrappreżenta mod uniku ta' kombinazzjoni tat-tkabbir ekonomiku mal-

PE625.306v01-00

Emenda

L-UE tirrappreżenta mod uniku ta' kombinazzjoni tat-tkabbir ekonomiku mal-

52/145

PR\1158114MT.docx

politiki soċjali, b'livelli għolja ta' inklużjoni soċjali, valuri kondiviżi li jħaddnu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rikkezza tad-diversità. Dan il-mudell qed jevolvi b'mod kostanti u jrid jittratta l-isfidi minn fost affarijiet oħrajn, il-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika. ***L-Ewropa trid ukoll tirispondi għall-isfidi li jirriżultaw minn theddid għas-sigurtà persistenti. L-attakki terroristiċi u r-radikalizzazzjoni, kif ukoll l-attakki ċibernetiċi u t-theddida ibrida, iqajmu tħassib kbir dwar is-sigurtà u jpoġġu pressjoni partikolari fuq is-soċjetajiet tagħna.***

politiki soċjali, b'livelli għolja ta' inklużjoni soċjali, valuri kondiviżi li jħaddnu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rikkezza tad-diversità. Dan il-mudell qed jevolvi b'mod kostanti u jrid jittratta l-isfidi minn fost affarijiet oħrajn, il-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika.

Or. en

Emenda 89

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

F'dan il-kuntest, l-Industriji Kulturali u Kreattivi (IKK) għandhom rwol ewlieni fil-preservazzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika Ewropea, isaħħu s-sens ta' appartenenza għall-identitajiet Ewropej u reġjonali, jikkontribwixxu għat-trażmissjoni tal-għarfien u l-valuri, u jissalvagwardjaw il-wirt Ewropew tanġibbli u dak intanġibbli għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. Fl-istess ħin, huma jsaħħu l-koeżjoni soċjali, u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ekonomija tal-UE f'termini ta' impjegi, investiment, tkabbir u innovazzjoni u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-kompetittività tal-Unjoni fuq skala globali.

Or. en

Emenda 90

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Iċ-ċittadini Ewropej, l-istituzzjonijiet tal-istat u l-ekonomija jridu jkunu protetti mit-theddid kontinwu tal-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar tal-armi tan-nar, it-traffikar tad-droga u t-traffikar tal-bnedmin. It-tisħiħ tal-protezzjoni u s-sigurtà permezz ta' ġestjoni aħjar tal-fruntieri wkoll huwa ewlenin. Iċ-ċiberkriminalità qed tiżdied u r-riskji marbutin magħha qed jiddiversifikaw hekk kif l-ekonomija u s-soċjetà qed jiddiġitalizzaw. L-Ewropa trid tkompli ttejjeb l-isforzi tagħha biex ittejjeb iċ-ċibersigurtà, il-privatezza diġitali, il-protezzjoni tad-data personali u tiġġieled kontra it-tixrid ta' informazzjoni falza u dannuża sabiex tissalvagwardja l-istabbiltà demokratika u ekonomika. Finalment, huma meħtieġa aktar sforzi sabiex jiġu limitati l-effetti fuq il-ħajjiet u l-għajxien tal-avvenimenti estremi tat-temp li qed jintensifikaw minħabba t-tibdil fil-klima, bħall-għargħar, il-maltempati jew in-nixfa li twassal għal nirien fil-foresti, id-degradazzjoni tal-art u diżastri naturali oħrajn, eż. it-terremoti. Id-diżastri, sew jekk naturali u sew jekk ikkawżati mill-bniedem, jistgħu jqiegħdu f'riskju funzjonijiet tas-soċjetà importanti, bħas-saħħa, il-provvista tal-enerġija u l-gvern.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-emendi 89-91 ġie ttrasferit għar-raggruppament il-ġdid "Soċjetà Sigura"

Emenda 91

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-daqs, il-kumplessità u l-karattru transnazzjonali tal-isfidi jitolbu li tittieħed azzjoni tal-UE b'livelli multipli. L-indirizzar ta' kwistjonijiet soċjali, politiċi, kulturali u ekonomiċi kritiċi b'hal dawn, kif ukoll sfidi tas-sigurtà, fil-livell nazzjonali biss iġarrab miegħu l-periklu ta' użu ineffiċjenti tar-riżorsi, approċċi frammentati u standards differenti tal-għarfien u l-kapaċità.

imħassar

Or. en

Emenda 92

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-riċerka dwar is-sigurtà hija parti minn rispons komprensiv usa' tal-UE għat-theddid tas-sigurtà. Din tikkontribwixxi għall-proċess tal-iżvilupp tal-kapaċità billi tippermetti li d-disponibbiltà futura tat-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet tindirizza lakuni tal-kapaċità identifikati minn daww li jfasslu l-politika u l-prattikanti. Il-finanzjament tar-riċerka permezz tal-programm qafas tal-UE diġà rrappreżenta madwar 50 % tal-finanzjament pubbliku totali għar-riċerka dwar is-sigurtà fl-UE. Se jsir użu sħiħ tal-istrumenti disponibbli, inkluż il-programm Spazjali Ewropew (Galileo u EGNOS, Copernicus, Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju u Komunikazzjonijiet Governattivi bis-Satellita). Jiġu mfittxija sinerġiji mal-attivitajiet appoġġati mir-riċerka dwar id-difiża ffinanzjata mill-UE u tiġi evitata d-

imħassar

duplikazzjoni tal-finanzjament. Il-kollaborazzjoni transfruntiera tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' suq uniku tas-sigurtà Ewropew u ttejjeb il-prestazzjoni industrijali, filwaqt li tirfed l-awtonomija tal-UE.

Or. en

Emenda 93

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2.2.2. ***Patrimonju*** Kulturali

2.2.2. ***L-Industriji Kulturali u Kreattivi, inkluż il-Patrimonju*** Kulturali

Or. en

Emenda 94

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-patrimonju kulturali huwa minsuġ fil-ħajjiet tagħna, u għandu tifsira għall-komunitajiet, il-gruppi u s-soċjetajiet, billi jagħti sens ta' appartenenza. Huwa l-pont bejn il-passat u l-futur tas-soċjetajiet tagħna. Huwa forza li tixpruna lill-ekonomiji lokali u sors b'saħħtu ta' ispirazzjoni għall-industriji kreattivi u kulturali. L-aċċess, il-preservazzjoni, is-salvagwardja u r-restawr, l-interpretar u l-isfruttament tal-potenzjal sħiħ tal-patrimonju kulturali tagħna huma sfidi kruċjali kemm fil-preżent kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-patrimonju kulturali huwa input maġġuri u ispirazzjoni għall-arti, is-sinjaja' tradizzjonali, is-setturi kulturali, imprenditorjali u kreattivi li

Huwa strateġikament importanti li l-innovazzjoni u l-attivitajiet ta' riċerka fil-qasam tal-Industriji Kulturali u Kreattivi (CCIs) Ewropej jiġu appoġġati, billi dawn huma kapaċi jippreservaw id-diversità lingwistika u kulturali, il-pluraliżmu, u l-offerta ta' servizzi innovattivi u ta' kwalità għolja, b'mod speċjali fil-kuntest ta' suq konverġenti u globalizzat. L-Industriji Kulturali u Kreattivi jibnu pont bejn l-arti, il-kultura, in-negozju u t-teknoloġija. Barra minn hekk, speċjalment fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni, is-CCIs għandhom rwol ewlieni fir-reindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa, huma motivaturi għat-tkabbir u huma f'pożizzjoni strateġika biex jiskattaw effetti indiretti innovattivi

huma xprunaturi tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda u l-kummerċ estern.

f'setturi industrijali oħra, bħat-turiżmu, il-bejgħ bl-innut u t-teknoloġiji diġitali u l-inġinerija; Il-patrimonju kulturali huwa parti integrali mis-CCIs. Il-patrimonju kulturali huwa minsuġ fil-ħajjiet tagħna, u għandu tifsira għall-komunitajiet, il-gruppi u s-soċjetajiet, billi jagħti sens ta' appartenenza. Huwa l-pont bejn il-passat u l-futur tas-soċjetajiet tagħna. Huwa forza li tixpruna lill-ekonomiji lokali u sors b'saħħtu ta' ispirazzjoni għall-industriji kreattivi u kulturali. L-aċċess, il-preservazzjoni, is-salvagwardja u r-restawr, l-interpretar u l-isfruttament tal-potenzjal sħiħ tal-patrimonju kulturali tagħna huma sfidi kruċjali kemm fil-preżent kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-patrimonju kulturali huwa input maġġuri u ispirazzjoni għall-arti, is-snajja' tradizzjonali, is-setturi kulturali, imprenditorjali u kreattivi li huma xprunaturi tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda u l-kummerċ estern. ***Barra minn hekk, it-turiżmu marbut mal-wirt u l-mużewijiet jistgħu joffru perspettivi kulturali u ekonomiċi ġodda, fuq kollox għar-reġjuni postindustrijali, u jistgħu jżommu l-għarfien tradizzjonali Ewropew ħaj;***

Or. en

Emenda 95

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-konservazzjoni, is-salvagwardja, it-titjib u r-restawr tal-patrimonju kulturali ***u l-lingwi*** bl-użu ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati inkluż dawk diġitali;

Emenda

– Il-konservazzjoni, is-salvagwardja, it-titjib u r-restawr tal-patrimonju kulturali, ***il-lingwi u l-ħiliet u s-snajja' tradizzjonali*** bl-użu ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati inkluż dawk diġitali;

Or. en

Emenda 96

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- **Stabbiliment ta' "Cloud tal-Wirt Kulturali":**

Se jinħoloq spazju ta' kollaborazzjoni għall-mużewijiet sabiex dawn jagħtu aċċessibilità għall-wirt kulturali permezz ta' teknoloġiji ġodda kif ukoll biex titħeġġeġ u tiġi ffaċilitata t-trasmissjoni ta' għarfien u ta' hili, bħar-restawr tax-xogħlijiet tal-arti eċċ. Barra minn hekk, il-cloud se jkun marbut mill-qrib mal-pjattaforma Europeana.

Il-Cloud tal-Wirt Kulturali se:

- jkun spazju ta' kollaborazzjoni bbażat fuq ir-riċerka u l-proġetti bejn il-mużewijiet, il-professjonisti kulturali u l-pubbliku;- jagħmel ir-riċerka u l-għarfien aċċessibbli għall-pubbliku;

- jipprovdi l-opportunità li jitwaqqfu gruppi ta' ħidma u strutturi ta' proġetti individwali;

- jipprovdi u jintegra links għal pjattaformi eżistenti bħall-Europeana;

- ikun kontroparti kulturali Ewropea għas-servizzi tal-cloud li jkollhom fini kummerċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni u għarfien fuq terminu twil hija ta' importanza partikolari f'dan il-kuntest. Bħalissa, hemm nuqqas ta' pjattaforma diġitali adattata f'dan il-qasam, li toffri soluzzjonijiet għall-problemi prattiċi ħafna ta' kollaborazzjoni bejn il-kollezzjonijiet, speċjalment fuq skala Ewropea. It-twaqqif ta' Spazju Ewropew ta' Kollaborazzjoni bejn il-Mużewijiet jista' jgħin biex jiġu solvuti dawn l-isfidi.

Emenda 97

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Attivitajiet trasversali:

Fl-Orizzont Ewropa, il-kreattività u d-disinn se jkunu kwistjoni trasversali li se tiġi integrata fi proġetti matul il-programm sabiex jiġu appoġġati teknoloġiji, mudelli ta' negozju u kompetenzi ġodda kif ukoll sabiex is-soluzzjonijiet kreattivi u interdixxiplinari jissarfu f'valur ekonomiku u soċjali.

Or. en

Emenda 98

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2.2.4. Soċjetajiet Reżiljenti għad-Diżastri

imħassar

Id-diżastri jirriżultaw minn diversi sorsi, sew naturali u sew jekk magħmulin mill-bniedem, inkluż dawk minn attakki terroristiċi, marbutin mal-klima u avvenimenti estremi oħrajn (inkluż żieda fil-livell tal-baħar), minn nirien fil-foresti, mewġ tas-sħana, għargħar, terremoti, tsunamis u avvenimenti vulkaniċi, minn kriżijiet tal-ilma, minn avvenimenti tat-temp mill-ispazju, minn diżastri industrijali u tat-trasport, minn avvenimenti CBRN, kif ukoll dawk li jirriżultaw minn riskji kaskata. L-għan huwa l-prevenzjoni u t-tnaqqis fit-telf tal-ħajjiet, id-dannu għas-saħħa u d-dannu ambjentali, ekonomiku u materjali mid-diżastri, tkun żgurata s-sigurtà alimentari kif ukoll sabiex jittejjeb il-fehim u t-tnaqqis ta' riskji ta' diżastru u t-tagħlim

ta' lezzjonijiet wara li jkun hemm diżastru.

Linji Mifruxa

- *Teknoloġiji u kapaċitajiet għal persuni li jagħmlu l-ewwel intervent ta' operazzjonijiet ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u diżastru;*
- *Il-kapaċitajiet tas-soċjetà sabiex tiġġestixxi aħjar u tnaqqas ir-riskju ta' diżastru, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fin-natura, permezz tat-titjib tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal riskji eżistenti u ġodda*
- *L-interoperabbiltà tat-tagħmir u proċeduri sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera u suq tal-UE integrat.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-emendi 97-117 ġie ttrasferit għar-raggruppament il-ġdid "Soċjetà Sigura"

Emenda 99

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-diżastri jirriżultaw minn diversi sorsi, sew naturali u sew jekk magħmulin mill-bniedem, inkluż dawk minn attakki terroristiċi, marbutin mal-klima u avvenimenti estremi oħrajn (inkluż żieda fil-livell tal-baħar), minn nirien fil-foresti, mewġ tas-sħana, għargħar, terremoti, tsunamis u avvenimenti vulkaniċi, minn kriżijiet tal-ilma, minn avvenimenti tat-temp mill-ispazju, minn diżastri industrijali u tat-trasport, minn avvenimenti CBRN, kif ukoll dawk li jirriżultaw minn riskji kaskata. L-għan huwa l-prevenzjoni u t-tnaqqis fit-telf tal-ħajjiet, id-dannu għas-saħħa u d-dannu

imħassar

ambjentali, ekonomiku u materjali mid-diżastri, tkun żgurata s-sigurtà alimentari kif ukoll sabiex jittejjeb il-fehim u t-tnaqqis ta' riskji ta' diżastru u t-tagħlim ta' lezzjonijiet wara li jkun hemm diżastru.

Or. en

Emenda 100

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Linji Mifruxa

imħassar

- ***Teknoloġiji u kapaċitajiet għal persuni li jagħmlu l-ewwel intervent ta' operazzjonijiet ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u diżastru;***
- ***Il-kapaċitajiet tas-soċjetà sabiex tiġġestixxi aħjar u tnaqqas ir-riskju ta' diżastru, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fin-natura, permezz tat-titjib tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal riskji eżistenti u ġodda***
- ***L-interoperabbiltà tat-tagħmir u proċeduri sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera u suq tal-UE integrat.***

Or. en

Emenda 101

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Teknoloġiji u kapaċitajiet għal persuni li jagħmlu l-ewwel intervent ta' operazzjonijiet ta' emerġenza***

imħassar

f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u diżastru;

Or. en

Emenda 102

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *Il-kapaċitajiet tas-soċjetà sabiex
tiġġestixxi aħjar u tnaqqas ir-riskju ta'
diżastru, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet
ibbażati fin-natura, permezz tat-titjib tal-
prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal
riskji eżistenti u ġodda*

imħassar

Or. en

Emenda 103

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *L-interoperabbiltà tat-tagħmir u
proċeduri sabiex tiġi ffaċilitata l-
kooperazzjoni operazzjonali
transfruntiera u suq tal-UE integrat.*

imħassar

Or. en

Emenda 104

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2.2.5. Protezzjoni u Sigurtà
Hemm ħtieġa biex iċ-ċittadini jiġu protetti

imħassar

minn u jwieġbu għat-theddid ta' sigurtà minn attivitajiet kriminali inkluż dawk terroristiċi u theddidiet ibridi; sabiex jiġu protetti l-persuni, l-ispazji pubbliċi u l-infrastruttura kritika, kemm minn attakki fiżiċi (inklużi CBRN-E) kif ukoll dawk ċibernetiċi; sabiex jiġu miġġielda t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, inkluż il-fehim u l-indirizzar ta' ideat u twemmin terroristiċi; sabiex tiġi pprevenuta u miġġielda l-kriminalità serja, inkluż ċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità organizzata; sabiex jiġu appoġġati l-vittmi; sabiex jiġu ntraċċati l-flussi finanzjarji kriminali; sabiex jiġi appoġġat l-użu tad-data għall-infurzar tal-liġi u biex tkun żgurata l-protezzjoni ta' data personali fl-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi; sabiex tiġi appoġġata l-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE mill-ajru, mill-baħar u fuq l-art, għall-fluss tal-persuni u l-oġġetti. Huwa essenzjali li tinżamm il-flessibbiltà b'mod rapidu sabiex jiġu indirizzati sfidi ġodda tas-sigurtà li jistgħu jimmaterjalizzaw.

Linji Mifruxa

- Approċċi u teknoloġiji innovattivi għall-prattikanti tas-sigurtà (bħall-korpi tal-pulizija, il-gwardji tal-fruntieri u l-kosta, l-uffiċċji tad-dwana), Prattikanti tas-saħħa pubblika, operaturi tal-infrastruttura u dawk li jiġġestixxu l-ispazji miftuħin;*
- Dimensjonijiet umani u soċjali tal-kriminalità u radikalizzazzjoni vjolenti, b'rabta ma' dawk involuti jew potenzjalment involuti f'imġiba bħal din, kif ukoll dawk milqutin jew potenzjalment milqutin;*
- Il-mod kif jaħsbuha ċ-ċittadini, l-awtoritajiet pubbliċi u l-industrija sabiex jiġi pprevenut il-ħolqien ta' riskji tas-sigurtà ġodda u sabiex jitnaqqsu r-riskji eżistenti, inkluż dawk li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda bħall-Intelliġenza Artifiċjali;*

- *Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz b'implikazzjonijiet għas-sigurtà;*
- *L-interoperabbiltà tat-tagħmir u l-proċeduri sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera u bejn l-aġenziji u jiġi żviluppat suq tal-UE.*
- *L-iżgurar tal-protezzjoni ta' data personali fl-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi.*

Or. en

Emenda 105

Proposta għal deċiżjoni

Annex I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Hemm ħtieġa biex iċ-ċittadini jiġu protetti minn u jwieġbu għat-theddid ta' sigurtà minn aktivitajiet kriminali inkluż dawk terroristiċi u theddidiet ibridi; sabiex jiġu protetti l-persuni, l-ispazji pubbliċi u l-infrastruttura kritika, kemm minn attakki fiżiċi (inklużi CBRN-E) kif ukoll dawk ċibernetiċi; sabiex jiġu miġġielda t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, inkluż il-fehim u l-indirizzar ta' ideat u twemmin terroristiċi; sabiex tiġi pprevenuta u miġġielda l-kriminalità serja, inkluż ċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità organizzata; sabiex jiġu appoġġati l-vittmi; sabiex jiġu ntraċċati l-flussi finanzjarji kriminali; sabiex jiġi appoġġat l-użu tad-data għall-infurzar tal-liġi u biex tkun żgurata l-protezzjoni ta' data personali fl-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi; sabiex tiġi appoġġata l-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE mill-ajru, mill-baħar u fuq l-art, għall-fluss tal-persuni u l-oġġetti. Huwa essenzjali li tinżamm il-

imħassar

flessibbiltà b'mod rapidu sabiex jiġu indirizzati sfidi ġodda tas-sigurtà li jistgħu jimmaterjalizzaw.

Or. en

Emenda 106

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Linji Mifruxa

imħassar

- *Approċċi u teknoloġiji innovattivi għall-prattikanti tas-sigurtà (bħall-korpi tal-pulizija, il-gwardji tal-fruntieri u l-kosta, l-uffiċċji tad-dwana), Prattikanti tas-saħħa pubblika, operaturi tal-infrastruttura u dawk li jiġġestixxu l-ispazji miftuħin;*
- *Dimensjonijiet umani u soċjali tal-kriminalità u radikalizzazzjoni vjolenti, b'rabta ma' dawk involuti jew potenzjalment involuti f'imġiba bħal din, kif ukoll dawk milqutin jew potenzjalment milqutin;*
- *Il-mod kif jaħsbuha ċ-ċittadini, l-awtoritajiet pubbliċi u l-industrija sabiex jiġi pprevenut il-ħolqien ta' riskji tas-sigurtà ġodda u sabiex jitnaqqsu r-riskji eżistenti, inkluż dawk li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda bħall-Intelliġenza Artifiċjali;*
- *Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz b'implikazzjonijiet għas-sigurtà;*
- *L-interoperabbiltà tat-tagħmir u l-proċeduri sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera u bejn l-aġenziji u jiġi żviluppat suq tal-UE.*
- *L-iżgurar tal-protezzjoni ta' data personali fl-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi,*

b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi.

Or. en

Emenda 107

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *Approċċi u teknoloġiji innovattivi għall-prattikanti tas-sigurtà (bħall-korpi tal-pulizija, il-gwardji tal-fruntieri u l-kosta, l-uffiċċji tad-dwana), Prattikanti tas-saħħa pubblika, operaturi tal-infrastruttura u dawk li jiġġestixxu l-ispazji miftuħin;* *imħassar*

Or. en

Emenda 108

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *Dimensjonijiet umani u soċjali tal-kriminalità u radikalizzazzjoni vjolenti, b'rabta ma' dawk involuti jew potenzjalment involuti f'imġiba bħal din, kif ukoll dawk milqutin jew potenzjalment milqutin;* *imħassar*

Or. en

Emenda 109

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *Il-mod kif jaħsbuha ċ-ċittadini, l-awtoritajiet pubbliċi u l-industrija sabiex jiġi pprevenut il-ħolqien ta' riskji tas-sigurtà ġodda u sabiex jitnaqqsu r-riskji eżistenti, inkluż dawk li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda bħall-Intelliġenza Artifiċjali;*

imħassar

Or. en

Emenda 110

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz b'implikazzjonijiet għas-sigurtà;*

imħassar

Or. en

Emenda 111

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *L-interoperabbiltà tat-tagħmir u l-proċeduri sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera u bejn l-aġenziji u jiġi żviluppat suq tal-UE.*

imħassar

Or. en

Emenda 112

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- *L-iżgurar tal-protezzjoni ta' data personali fl-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi.* *imħassar*

Or. en

Emenda 113

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2.2.6. Ċibersigurtà *imħassar*

L-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi mhux biss jheddu l-ekonomiji tagħna, iżda jheddu wkoll il-proprju funzjonament tad-demokraziji tagħna, il-libertajiet tagħna u l-valuri tagħna. It-theddid ċibernetiku ħafna drabi jkun kriminali, motivat mill-profitt, iżda jista' jkun ukoll politiku u strateġiku. Is-sigurtà u l-prosperità futuri tagħna jiddependu fuq it-titjib tal-abbiltà tagħna li niproteġu lill-UE minn theddid ċibernetiku. It-trasformazzjoni diġitali tirrikjedi t-titjib sostanzjali taċ-ċibersigurtà, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-għadd enormi ta' apparat IoT mistenni li jiġi konness mal-internet, inkluż dawk li jikkontrollaw il-grilji tal-elettriku, in-networks tal-karozzi u t-trasport, l-isptarijiet, il-finanzi, l-istituzzjonijiet pubbliċi, il-fabbriki u d-djar. L-Ewropa trid tibni reżiljenza għall-attakki ċibernetiċi u toħloq deterrenti ċibernetiċi effettivi.

Linji Mifruxa

- *Teknoloġiji tul il-katina tal-valur*

diġitali (minn komponenti siguri sal-kriptografija u software awtoriparatorju u networks);

– *Teknoloġiji sabiex jiġi indirizzat it-theddid eżistenti taċ-ċibersigurtà, l-antiċipazzjoni ta' bżonnijiet futuri, u ż-żamma ta' industrija kompetittiva;*

– *Network Ewropew ta' kompetenza fiċ-ċibersigurtà u ċentru ta' kompetenza.*

Or. en

Emenda 114

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi mhux biss jheddu l-ekonomiji tagħna, iżda jheddu wkoll il-proprju funzjonament tad-demokraziji tagħna, il-libertajiet tagħna u l-valuri tagħna. It-theddid ċibernetiku ħafna drabi jkun kriminali, motivat mill-profitt, iżda jista' jkun ukoll politiku u strateġiku. Is-sigurtà u l-prosperità futuri tagħna jiddependu fuq it-titjib tal-abbiltà tagħna li niproteġu lill-UE minn theddid ċibernetiku. It-trasformazzjoni diġitali tirrikjedi t-titjib sostanzjali taċ-ċibersigurtà, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-għadd enormi ta' apparat IoT mistenni li jiġi konness mal-internet, inkluż dawk li jikkontrollaw il-grilji tal-elettriku, in-networks tal-karozzi u t-trasport, l-isptarijiet, il-finanzi, l-istituzzjonijiet pubbliċi, il-fabbriki u d-djar. L-Ewropa trid tibni reżiljenza għall-attakki ċibernetiċi u toħloq deterrenti ċibernetiċi effettivi.

imħassar

Or. en

Emenda 115

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Linji Mifruxa

imħassar

- *Teknoloġiji tul il-katina tal-valur diġitali (minn komponenti siguri sal-kriptografija u software awtoriparatorju u networks);*
- *Teknoloġiji sabiex jiġi indirizzat it-theddid eżistenti ta' ċibersigurtà, l-antiċipazzjoni ta' bżonnijiet futuri, u ż-żamma ta' industrija kompetittiva;*
- *Network Ewropew ta' kompetenza fiċ-ċibersigurtà u ċentru ta' kompetenza.*

Or. en

Emenda 116

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- *Teknoloġiji tul il-katina tal-valur diġitali (minn komponenti siguri sal-kriptografija u software awtoriparatorju u networks);*

imħassar

Or. en

Emenda 117

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ***Teknoloġiji sabiex jiġi indirizzat it-theddid eżistenti taċ-ċibersigurtà, l-antiċipazzjoni ta' bżonnijiet futuri, u ż-żamma ta' industrija kompetittiva;***

imħassar

Or. en

Emenda 118

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ***Network Ewropew ta' kompetenza fiċ-ċibersigurtà u ċentru ta' kompetenza.***

imħassar

Or. en

Emenda 119

Proposta għal deċiżjoni

Anness I - parti II - punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. RAGGRUPPAMENT "SOĊJETÀ INKLUŻIVA"

2.1 Raġunament

L-Unjoni tirrappreżenta mod uniku kif jiġu kkombinati l-valuri demokratiċi, il-benessri tas-soċjetà, it-tkabbir ekonomiku, u r-responsabbiltajiet internazzjonali. Huwa importanti li jiġu protetti l-kisbiet, iċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet pubbliċi, l-ekonomija u l-istabbiltà politika tagħha mit-theddid varju, ta' awturi u ta' oriġini.

Ir-riċerka dwar is-sigurtà hija parti mill-isforzi usa' tal-Unjoni in rispons għal din l-isfida. Din tikkontribwixxi għall-proċess tal-iżvilupp tal-kapaċità billi tippermetti d-disponibbiltà futura tat-teknoloġiji, is-

soluzzjonijiet u l-applikazzjonijiet sabiex jiġu indirizzati lakuni identifikati minn dawk li jfasslu l-politika, l-esperti u l-utenti finali speċjalment l-awtoritajiet pubbliċi. Tali riċerka u innovazzjoni tirrispondi għall-impenn tal-Aġenda ta' Ruma sabiex ikun hemm ħidma lejn "Ewropa sikura u sigura", li tikkontribwixxi għal Unjoni ta' Sigurtà.

It-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni, il-vjolenza b'motivazzjoni politika, l-attakki ċibernetiċi u t-theddid ibridu, l-evitar tat-taxxa organizzat u min-negozju, u r-reati ambjentali, it-theddid lejn l-ICT- u infrastrutturi oħra kritiċi u ta' provvista, iqajmu tħassib kbir u jpoġġu pressjoni partikolari fuq is-soċjetajiet. L-Ewropa trid tkompli ttejjeb l-isforzi tagħha biex ittejjeb iċ-ċibersigurtà, il-privatezza diġitali, il-protezzjoni tad-data personali u tiġġieled kontra it-tixrid ta' informazzjoni falza u dannuża sabiex tissalvagwardja l-istabbiltà demokratika u ekonomika.

Sabiex jiġu antiċipati, ipprevenuti u mmaniġġjati r-riskji u t-theddid, mhuwiex biss meħtieġ li jkun hemm impenn favur ir-riċerka iżda barra minn hekk li jiġu żviluppati u applikati teknoloġiji innovattivi, soluzzjonijiet, għodod ta' tbassir u għarfien, tkun stimulata l-kooperazzjoni bejn il-fornituri u l-utenti pubbliċi, jinstabu soluzzjonijiet, jiġi evitat u miġġieled l-abbuż tal-privatezza u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fuq l-Internet u f'postijiet oħra, filwaqt li jiġu żgurati d-drittijiet individwali taċ-ċittadini Ewropej u l-libertà.

Sabiex jiġi evitat l-infiq multiplu, ir-riċerka tal-awtoritajiet tas-sigurtà pubblika għandha tiġi infurzata fi sforzi ta' skambju u kooperazzjoni multilaterali u internazzjonali. L-awtoritajiet tas-sigurtà pubblika għandhom jiġu mħeġġa jipparteċipaw fl-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni biex ikabbru l-kapaċitajiet tagħhom ta' kooperazzjoni u ta' komunikazzjoni fil-livelli kollha xierqa, biex jiskambjaw data, biex

jibbenefikaw minn standards komuni f'teknoloġġi, proċeduri, tagħmir, u riżultati aġġornati fi xjenzi relatati mal-kriminalità, taħriġ, u vantaġġi ta' appoġġ ta' għarfien espert.

2.2 Oqsma ta' Intervent

2.2.1 Kriminalità Organizzata; It-terroriżmu, l-Estremiżmu, ir-Radikalizzazzjoni u l-Vjolenza b'Motivazzjoni Politika

Il-kriminalità organizzata, it-terroriżmu, l-estremiżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-vjolenza b'motivazzjoni politika jikkawżaw riskji għolja għal kull ċittadin kif ukoll għas-soċjetà l-ekonomija u l-istabbiltà demokratika Ewropea. L-awturi tagħhom iwarjaw minn individwi mhux esperti li joperaw lokalment għal organizzazzjonijiet professjonali ħafna li joperaw internazzjonalment. Ir-riċerka fl-istudji umanistiċi u t-teknoloġġi hija meħtieġa biex l-attivitajiet tagħhom jiġu identifikati, evitati u indirizzati.

Linji Mifruxa

- Dimensjonijiet umani u soċjali tal-kriminalità u radikalizzazzjoni vjolenti, b'rabta ma' dawk involuti jew potenzjalment involuti f'imġiba bħal din, kif ukoll dawk milqutin jew potenzjalment milqutin;

- Approċċi u teknoloġġi innovattivi għall-utenti finali tas-sigurtà, speċjalment l-awtoritajiet tas-sigurtà pubblika;

- Teknoloġġi u standards ta' operazzjoni għall-protezzjoni tal-infrastruttura, spazji miġtuha u pubbliċi kif ukoll żoni u bini għall-ġbir ta' persuni;

- Tbassir, detezzjoni, prevenzjoni, u protezzjoni kontra tentattivi u t-twetiq ta' reati serji u organizzati, ir-radikalizzazzjoni politikament motivata, il-vjolenza u t-terroriżmu;

2.2.2 Ġestjoni tal-Protezzjoni tal-Fruntieri

Sabiex jittejbu s-sikurezza u s-sigurtà fl-

Unjoni, huma meħtieġa kapaċitajiet aġġornati għall-protezzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Dan jinkludi rikonzjizzjoni u sorveljanza ta' żona (arja, art, baħar), kooperazzjoni stabbli u skambju ta' data ma' awtoritajiet barranin, inklużi l-kapaċitajiet ta' interoperabbiltà ma' ċentri lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali ta' kontroll u komunikazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet għall-protezzjoni tal-fruntieri, ir-rispons għall-inċidenti, id-detezzjoni tar-riskju u l-prevenzjoni tal-kriminalità. Għandha tiġi inkluża wkoll riċerka dwar applikazzjonijiet ta' sorveljanza permezz ta' tbassir u ta' twissija bikrija bbażati fuq algoritmi, teknoloġiji ta' sorveljanza awtomatizzati li jużaw tipi differenti ta' sensuri. L-evalwazzjoni tal-impatt tagħhom fuq l-isforzi tas-sigurtà u l-potenzjal li jsaħħuhom, għandhom jinkludu l-evalwazzjoni tal-potenzjal ta' dawn is-soluzzjonijiet, teknoloġiji u tagħmir li jikkontribwixxu għall-integrità ta' dawk li jkunu qed joqorbu lejn il-fruntieri esterni speċjalment bl-art u bil-baħar.

Ir-riċerka għandha tappoġġa wkoll it-titjib tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej, inkluż permezz ta' iktar kooperazzjoni mal-pajjiżi kandidati, pajjiżi kandidati potenzjali u dawk imsieħba tal-politika ta' viċinat tal-UE. Hija se tkompli tgħin fl-isforzi tal-UE biex tlaħħaq mal-migrazzjoni.

Linji Mifruxa

- Identifikazzjoni ta' dokumenti foloz jew ta' dokumenti mmanipulati;*
- Is-sejba ta' trasportazzjoni/ittraffikar illegali ta' persuni u merkanzija;*
- It-tkabbir tal-kapaċitajiet ta' rispons marbuta mal-inċidenti fil-fruntieri;*
- Il-modernizzazzjoni ta' tagħmir ta' rikonzjizzjoni u sorveljanza fil-qasam tal-fruntieri;*

2.2.3 ICT- u ċ-Ċibersigurtà, il-Privatezza, il-Protezzjoni tad-Data

Attivitajiet malizzjużi u ostili ċibernetiċi jheddu s-soċjetajiet tagħna u ċ-ċittadini tagħhom, il-funzjonament stabbli u sikur tal-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet pubbliċi, l-ekonomiji kif ukoll il-funzjonament stess tal-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Ewropa, il-libertajiet u l-valuri tagħna. Inċidenti li jinvolvu istituzzjonijiet pubbliċi seħħew diġà u x'aktarx jiżdiedu fil-każ ta' integrazzjoni ulterjuri ta' applikazzjonijiet diġitali u taċ-ċibersigurtà fi proċeduri amministrattivi u ekonomiċi kif ukoll fużu privat u individwali.

Iċ-Ċiberkriminalità qed tiżdied, ir-riskji relatati qed jiddiversifikaw hekk kif l-ekonomija u s-soċjetà tiddiversifikaw aktar. L-Ewropa trid tkompli ttejjeb l-isforzi tagħha biex tittejjeb is-sigurtà ġenerali tal-ICT, il-privatezza diġitali, il-protezzjoni tad-data personali u tiġġieled it-tixrid ta' informazzjoni falza u dannuża sabiex tissalvagwardja l-istabbiltà demokratika u ekonomika.

Is-sigurtà u l-prosperità fil-ġejjieni jiddependu fuq it-titjib tal-kapaċitajiet għall-protezzjoni tal-UE kontra theddidiet bħal dawn, għall-prevenzjoni, l-iskoperta u l-ġlieda kontra attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, li ta' spiss jeħtieġu kooperazzjoni transfruntiera mill-qrib u rapida. B'mod partikolari t-trasformazzjoni diġitali tirrikjedi titjib sostanzjali taċ-ċibersigurtà, sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-għadd kbir ta' apparati IoT mistennija li jkunu konnessi mal-internet. L-Ewropa għandha iżomm l-isforzi kollha biex tinforza r-reżiljenza għall-attakki tal-ICT u tippromwovi deterrenza effettiva.

Il-ġbir u l-evalwazzjoni ta' data personali kif ukoll tal-massa (Big Data) jibqa' jżid l-attivitajiet relatati man-nuqqas ta' sigurtà. Għalhekk, jibqa' importanti li jiġu żgurati standards għoljin tal-protezzjoni tad-data, tal-privatezza u tal-libertà.

Linji Mifruxa

- *Iż-żieda tat-teknoloġiji tad-detezzjoni, tal-prevenzjoni, tad-difiża u ta' rispons;*
- *It-tisħiħ ta' abbiltajiet tal-awtoritajiet pubbliċi fid-deċifrar u d-dekriptazzjoni;*
- *Teknoloġiji tad-detezzjoni u ta' sorveljanza ta' metodi illeċiti ta' ħlas elettroniku u ta' flussi finanzjarji;*
- *Jiżdiedu l-abbiltajiet kollha meħtieġa tal-awtoritajiet rilevanti, speċjalment il-EUROPOL/EC3 u l-ENISA;*
- *L-iżgurar tal-protezzjoni tad-data personali fl-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi.*

2.2.4 Il-protezzjoni tal-Infrastrutturi Kritiċi, il-Ktajjen ta' Provvista u l-Faċilitajiet tat-Trasport/Trasferiment u tar-Reżiljenti għad-Diżastri

Teknoloġiji, proċessi, metodi u kapaċitajiet dedikati ġodda ser jgħinu biex jiġu protetti infrastrutturi, sistemi u servizzi kritiċi li huma essenzjali għall-funzjonament korrett tas-soċjetà u l-ekonomija, inklużi l-komunikazzjonijiet, trasport, finanza, saħħa, ikel, ilma, enerġija, loġistika u l-katina tal-provvista, u l-ambjent.

Id-diżastri jirriżultaw minn bosta sorsi, kemm jekk naturali, magħmula mill-bniedem, jew li jirriżultaw minn riskji kaskata. Huma meħtieġa sforzi biex jiġu limitati l-effetti fuq il-ħajja u l-għajxien, il-ħsara għas-saħħa u l-ambjent, il-ħsara ekonomika u materjali, biex jiġi żgurat il-forniment tal-ikel u l-mediċina, is-sigurtà u l-mezzi bażiċi ta' komunikazzjoni.

Linji Mifruxa

- *Il-kapaċitajiet tas-soċjetà li tiġġestixxi aħjar u tnaqqas ir-riskju ta' diżastru, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fin-natura, permezz tat-titjib tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal riskji eżistenti u ġodda u t-titjib tar-*

resiljenza ta' dawn l-infrastrutturi varji;
- It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tar-rilokazzjoni ta' tagħmir tat-tiftix u tas-salvataġġ, tal-vetturi, tal-provvisti u tal-persunal;
- Teknoloġiji, tagħmir u proċeduri li jipprevjenu t-tifqigħa ta' epidemiji jew li jiġi llimitat it-tixrid tagħhom;

2.2.5 Il-Piraterija u l-Falsifikazzjoni ta' Prodotti. Il-ġlieda kontra l-piraterija u l-falsifikazzjoni ta' prodotti jibqgħu ta' tħassib serju għall-ekonomija, l-industrija kulturali u kreattivi Ewropej (CCIs) kif ukoll għaċ-ċittadini. Dawn l-attivitajiet illeċiti jikkawżaw telf kbir f'taxxi, dħul u dħul personali, kif ukoll li l-impjeggi fl-Ewropa jitpoġġew f'riskju.

Barra minn hekk, jikkontribwixxu għal danni ambjentali u għal kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati fuq livell globali.

Prodotti defiċjenti jimplikaw riskji biex jikkawżaw ħsara lill-persuni u lill-proprjetà. Tali impatti jeħtieġ li jiġu indirizzati u li jinstabu soluzzjonijiet biex tiġi indirizzata l-piraterija u l-falsifikazzjoni ta' prodotti kif ukoll biex jiġu infurzati l-awtoritajiet pubbliċi xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw, jinvestigaw u jiġġieldu dawn ir-reati u attivitajiet illegali permezz tal-kooperazzjoni.

Għandhom jiġu inklużi sforzi biex tiġi promossa l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali.

Linji Mifruxa

- Il-promozzjoni ta' tekniki għall-identifikazzjoni tal-prodotti;
- It-titjib tal-protezzjoni ta' parts u merkanzija oriġinali;
- Teknoloġiji li jikkontrollaw il-prodotti ttrasportati (ħin reali) u skambju ta' data bejn il-produtturi, it-trasportatur, l-awtoritajiet tad-dwana u r-riċevituri.

2.2.6 Il-promozzjoni tal-Koordinazzjoni, tal-Kooperazzjoni u tas-Sinerġiji

Sabiex tiġi żgurata l-kapaċità ta' skjerament, ġestjoni, kontroll u użu korrett ta' proċeduri inter-awtoritarji, huma meħtieġa teknoloġija u standards aġġornati. L-għan għandu jkun li l-awtoritajiet pubbliċi u forzi oħra jiġu mġhamra b'taġħmir li għandu jkun varat b'taġħmir skambjabbli, sabiex jintegraw proċeduri ta' ħidma standard madwar l-UE kollha, kif ukoll ta' rispons, rappurtar u skambju ta' data.

Obbligat li josserva ħlas responsabbli fuq riċerka marbuta mas-sigurtà u relatata mal-HEU, u l-innovazzjoni għandha tippromwovi l-koordinazzjoni u l-effetti sinerġetiċi ta' attivitajiet xierqa, li jikkontribwixxi għall-infiq effiċjenti tal-fondi u jiġu evitati d-duplikazzjonijiet. Dan għandu jintalab ukoll fir-rigward ta' attivitajiet appoġġjati mir-riċerka fil-qasam tad-difiża ffinanzjata mill-UE, inklużi l-mekkaniżmi ta' skambju u ta' konsultazzjoni ma' awtoritajiet assoċjati mar-riċerka dwar id-difiża, speċjalment l-EDA, li tirrikonoxxi li hemm oqsma ta' teknoloġija ta' użu doppju.

L-istandards jiżguraw l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-implimentazzjoni komuni kif ukoll il-kapaċitajiet ta' skambju, l-interoperabilità u l-kompatibilità tas-servizzi, proċeduri, teknoloġiji u taġħmir.

Linji Mifruxa

- Teknoloġiji u taġħmir b'rekwiżiti operattivi bażiċi li jkunu applikabbli mill-forzi u l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri tal-istess linja (il-pulizija, is-salvataġġ, il-ġestjoni tad-diżastri, il-komunikazzjoni, eċċ.) b'mod ugwali;

- L-interoperabbiltà tat-taġħmir u proċeduri sabiex tiġi ffaċilitata l-abilità operazzjonali transfruntiera u bejn l-aġenziji.

- Identifikazzjoni tal-lakuni standardizzati fost l-Istati Membri u ma' msieħba li mhumiex membri fl-UE;

Baġit adegwat għandu jiġi allokat lill-aġenziji biex ikomplu jippromwovu l-abilità tagħhom biex jipparteċipaw fi kif ukoll mir-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE sabiex jiġu ġestiti proġetti rilevanti, biex jiġu skambjati d-domandi, ir-riżultati u l-ambizzjonijiet kif ukoll biex jikkooperaw u jikkoordinaw l-isforzi ma' aġenziji oħra u ma' ċerti awtoritajiet li mhumiex tal-UE bħall-CTG u l-IKPO. Fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni relatati mas-sigurtà dawn huma partikolarment is-CEPOL, l-EASA, l-ECDC, l-EMCDDA, l-EMSA, l-ENISA, l-EU-LISA, l-EUIPO, il-EUROPOL, il-FRONTEX u s-SatCen.

Or. en

Emenda 120

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Id-diġitalizzazzjoni hija xprun kbir. Hekk kif tkompli għaddejja b'pass mgħaġġel fis-setturi kollha, l-investment fl-oqsma prijoritarji li jvarjaw mill-intelliġenza artifiċjali sal-internet tal-ġenerazzjoni li jmiss, il-computing ta' prestazzjoni għolja, il-fotonika u n-nanoelettronika, isir essenzjali għat-tiġh tal-ekonomija tagħna u s-sostenibbiltà tas-soċjetà tagħna. L-investment, il-produzzjoni u l-użu tal-ICT jagħtu spinta kbira lit-tkabbir ekonomiku tal-UE, li bejn l-2001 u l-2011 biss ammonta għal żieda ta' 30 %.

Emenda

Id-diġitalizzazzjoni hija xprun kbir. Hekk kif tkompli għaddejja b'pass mgħaġġel fis-setturi kollha, l-investment fl-oqsma prijoritarji li jvarjaw mill-intelliġenza artifiċjali sal-internet tal-ġenerazzjoni li jmiss, il-computing ta' prestazzjoni għolja, il-fotonika, **teknoloġiji tal-quantum** u n-nanoelettronika, isir essenzjali għat-tiġh tal-ekonomija tagħna u s-sostenibbiltà tas-soċjetà tagħna. L-investment, il-produzzjoni u l-użu tal-ICT jagħtu spinta kbira lit-tkabbir ekonomiku tal-UE, li bejn l-2001 u l-2011 biss ammonta għal żieda ta' 30 %.

Or. en

Emenda 121

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

L-UE għanda ċ-ċans uniku li tkun fuq quddiem nett fuq livell globali u żżid is-sehem tagħha ta' swieq dinjija, billi turi kif it-trasformazzjoni diġitali, it-tmexxija f'teknoloġiji ewlenin ta' ffaċilitar u tal-ispazju, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-kompetittività jistgħu jsaħħu lil xulxin permezz tal-eċċellenza xjentifika u teknoloġika.

Emenda

L-UE għanda ċ-ċans uniku li tkun fuq quddiem nett fuq livell globali u żżid is-sehem tagħha ta' swieq dinjija, billi turi kif it-trasformazzjoni diġitali, it-tmexxija f'teknoloġiji ewlenin ta' ffaċilitar u tal-ispazju, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-kompetittività **u fehim soċjetali ta' dawn it-teknoloġiji u evoluzzjonijiet** jistgħu jsaħħu lil xulxin permezz tal-eċċellenza xjentifika u teknoloġika.

Or. en

Emenda 122

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex l-ekonomija diġitalizzata, ċirkolari, ta' karbonju baxx, u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju ssir realtà, trid tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE minħabba l-kumplessità tal-ktajjen ta' valur, in-natura sistemika u multidixxiplinari tat-teknoloġiji u l-kostijiet għoljin marbutin mal-iżvilupp tagħhom, u n-natura transsettorjali tal-problemi li jridu jiġu indirizzati. L-UE trid tiżgura li l-atturi kollha tal-industrija, u s-soċjetà b'mod ġenerali, jistgħu jibbenefikaw minn teknoloġiji u diġitalizzazzjoni avvanzati u nodfa. L-iżvilupp tat-teknoloġiji waħidhom mhuwiex biżżejjed. Infrastrutturi orjentati lejn l-industrija, inkluż linji pilota, se jgħinu fl-istabbiliment ta' negozji tal-UE u, b'mod partikolari, jgħinu lill-SMEs ivaraw

Emenda

Sabiex l-ekonomija diġitalizzata, ċirkolari, ta' karbonju baxx, u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju ssir realtà, trid tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE minħabba l-kumplessità tal-ktajjen ta' valur, in-natura sistemika u multidixxiplinari tat-teknoloġiji u l-kostijiet għoljin marbutin mal-iżvilupp tagħhom, u n-natura transsettorjali tal-problemi li jridu jiġu indirizzati. L-UE trid tiżgura li l-atturi kollha tal-industrija, u s-soċjetà b'mod ġenerali, jistgħu jibbenefikaw minn teknoloġiji u diġitalizzazzjoni avvanzati u nodfa. L-iżvilupp tat-teknoloġiji waħidhom mhuwiex biżżejjed. Infrastrutturi orjentati lejn l-industrija, inkluż linji pilota, se jgħinu fl-istabbiliment ta' negozji tal-UE u, b'mod partikolari, jgħinu lill-SMEs ivaraw

dawn it-teknoloġiji u jtejbju l-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħhom.

dawn it-teknoloġiji u jtejbju l-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħhom. ***F'dan il-kuntest, l-industriji kulturali u kreattivi għandhom rwol ewlieni: Is-CCIs huma xprun għall-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ICT fl-Ewropa. Dawn joperaw f'ambjent li qed jevolvi b'mod kostanti ddominat mill-iżvilupp u l-użu ta' informazzjoni diġitali u tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni fuq skala globali. It-teknoloġija diġitali ġabet magħha wkoll opportunitajiet għall-ħolqien ta' tipi differenti ta' xogħol jew Prattiki artistiċi li għalihom dik it-teknoloġija diġitali hija wkoll parti essenzjali mill-proċess kreattiv.***

Or. en

Emenda 123

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

It-tlaqqiġ flimkien tal-attivitajiet dwar teknoloġiji diġitali, abilitanti essenzjali u tal-ispazju, kif ukoll provvista sostenibbli ta' materja prima, se jippermettu għal approċċ aktar sistemiku, u trasformazzjoni diġitali u industrijali aktar veloċi u aktar profonda. Dan se jiżgura li r-riċerka u l-innovazzjoni f'dawn l-oqsma jwasslu u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE għall-industrija, id-diġitalizzazzjoni, l-ambjent, l-enerġija u l-klima, l-ekonomija ċirkolari, il-materja prima u avvanzata u l-ispazju.

Emenda

It-tisħiħ tal-interazzjoni bejn setturi, industriji u sistemi differenti permezz ta' effetti kollaterali kreattivi u t-tlaqqiġ flimkien tal-attivitajiet dwar teknoloġiji diġitali, abilitanti essenzjali u tal-ispazju, kif ukoll provvista sostenibbli ta' materja prima, se jippermettu għal approċċ aktar sistemiku, u trasformazzjoni diġitali u industrijali aktar veloċi u aktar profonda. F'dan ir-rigward, is-sinerġiji bejn l-inġinerija u l-arti jistgħu jgħinu fil-ħolqien ta' teknoloġiji diġitali b'kuntatt uman ta' valur għas-soċjetà. Dan se jiżgura li r-riċerka u l-innovazzjoni f'dawn l-oqsma jwasslu u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE għall-industrija, id-diġitalizzazzjoni, l-ambjent, l-enerġija u l-klima, l-ekonomija ċirkolari, il-materja prima u avvanzata u l-ispazju.

Or. en

Emenda 124

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-manifattura hija l-ixprunatur ewlieni tal-impjiegi u l-prosperità fl-UE, fejn tipproduċi tliet kwarti tal-esportazzjonijiet globali tal-UE u tipprovdi aktar minn 100 miljun impjieg dirett u indirett. L-isfida ewlenija għall-manifattura tal-UE hija li din tibqa' kompetittiva fil-livell globali bi prodotti ta' valur miżjud għoli aktar intelliġenti u adattati għal użu u utenti speċifiċi, immanifatturati b'kostijiet tal-enerġija ħafna aktar baxxi. L-inputs kreattivi u kulturali se **jkun** kruċjali fil-ġenerazzjoni tal-valur miżjud.

Emenda

Il-manifattura hija l-ixprunatur ewlieni tal-impjiegi u l-prosperità fl-UE, fejn tipproduċi tliet kwarti tal-esportazzjonijiet globali tal-UE u tipprovdi aktar minn 100 miljun impjieg dirett u indirett. L-isfida ewlenija għall-manifattura tal-UE hija li din tibqa' kompetittiva fil-livell globali bi prodotti ta' valur miżjud għoli aktar intelliġenti u adattati għal użu u utenti speċifiċi, immanifatturati b'kostijiet tal-enerġija ħafna aktar baxxi **u tnaqqis fil-marka tal-karbonju f'Ewropa tas-seklu 21, bil-proċessi ta' manifattura tranżitorja u ktajjen ta' valur tradizzjonali**. L-inputs kreattivi u kulturali **għalhekk** se **jkunu** kruċjali fil-ġenerazzjoni tal-valur miżjud.

Or. en

Emenda 125

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Iż-żamma u l-iżvilupp awtonomu ta' kapaċitajiet b'saħħithom ta' disinn u produzzjoni f'teknoloġiji diġitali essenzjali bħall-mikro u n-nanoelettronika, il-fotonika, is-software u s-sistemi, u l-integrazzjoni tagħhom kif ukoll il-materjali avvanzati għal dawn l-applikazzjonijiet se jkunu essenzjali għal UE kompetittiva.

Emenda

Iż-żamma u l-iżvilupp awtonomu ta' kapaċitajiet b'saħħithom ta' disinn u produzzjoni **(inkluż tagħmir tal-manifattura)** f'teknoloġiji diġitali essenzjali bħall-mikro u n-nanoelettronika, il-fotonika, is-software u s-sistemi, u l-integrazzjoni tagħhom kif ukoll il-materjali avvanzati għal dawn l-applikazzjonijiet se jkunu essenzjali għal UE kompetittiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Ewropa għandha pożizzjoni b'saħħitha fil-manifattura ta' komponenti ta' teknoloġija avvanzata għall-produzzjoni diġitali. Jeħtiegħ li ninvestu fit-tagħmir tal-manifattura biex tinżamm dik il-pożizzjoni u li ma tintilifx parti mill-katina tal-valur lill-kontinenti oħra.

Emenda 126

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- *ICT għall-Industriji Kulturali u Kreattivi: l-iżvilupp ta' għodod ġodda biex jinħoloq l-aċċess, jiġi sfruttat u ppreservat il-kontenut diġitali.*

Or. en

Emenda 127

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ***Ekosistema*** tal-innovazzjoni tal-UE ta' infrastrutturi tat-teknoloġija¹⁶, identifikati u prijoritizzati bi qbil mal-Istati Membri, li jipprovdu servizzi sabiex titħaffef it-trasformazzjoni teknoloġika u l-użu mill-industrija tal-UE, b'mod partikolari mill-SMEs; din se tkopri t-teknoloġiji ewlenin kollha neċessarji sabiex jiffaċilitaw l-innovazzjonijiet fil-qasam tal-materjali;

– ***Netwerk*** tal-innovazzjoni tal-UE ta' infrastrutturi tat-teknoloġija¹⁶, identifikati u prijoritizzati bi qbil mal-Istati Membri, li jipprovdu servizzi sabiex titħaffef it-trasformazzjoni teknoloġika u l-użu mill-industrija tal-UE, b'mod partikolari mill-SMEs; din se tkopri t-teknoloġiji ewlenin kollha neċessarji sabiex jiffaċilitaw l-innovazzjonijiet fil-qasam tal-materjali;

¹⁶ Dawn huma faċilitajiet pubbliċi jew privati li jipprovdi riżorsi u servizzi primarjament għall-industrija Ewropa biex tittestja u tivvalida teknoloġiji u prodotti abilitanti essenzjali. Tali infrastrutturi jistgħu jinstabu f'sit wieħed, jew ikunu virtwali jew distribwiti, u jridu jkunu reġistrati fi Stat Membru jew pajjiż terz

¹⁶ Dawn huma faċilitajiet pubbliċi jew privati li jipprovdi riżorsi u servizzi primarjament għall-industrija Ewropa biex tittestja u tivvalida teknoloġiji u prodotti abilitanti essenzjali. Tali infrastrutturi jistgħu jinstabu f'sit wieħed, jew ikunu virtwali jew distribwiti, u jridu jkunu reġistrati fi Stat Membru jew pajjiż terz

Emenda 128**Proposta għal deċiżjoni****Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.5 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

L-Internet sar għodda ta' ffaċilitar prinċipali tat-trasformazzjoni diġitali tas-setturi kollha tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna. L-UE trid tiegħu l-inizjattiva sabiex twassal l-Internet tal-ġenerazzjoni li jmiss lejn ekosistema ċentrata fuq il-bniedem b'konformità mal-valuri soċjali u etiċi tagħna. L-investiment fit-teknoloġiji u s-software l-Internet tal-Ġenerazzjoni li jmiss se jtejjeb il-kompetittività industrijali tal-UE fl-ekonomija globali. L-ottimizzazzjoni tal-użu mal-UE kollha se tkun tirrikjedi kooperazzjoni fuq skala kbira bejn il-partijiet ikkonċernati kollha.

Emenda

L-Internet sar għodda ta' ffaċilitar prinċipali tat-trasformazzjoni diġitali tas-setturi kollha tal-ekonomija, ***b'mod partikolari l-industriji tal-kultura u kreattivi***, u s-soċjetà tagħna. L-UE trid tiegħu l-inizjattiva sabiex twassal l-Internet tal-ġenerazzjoni li jmiss lejn ekosistema ċentrata fuq il-bniedem b'konformità mal-valuri soċjali u etiċi tagħna. L-investiment fit-teknoloġiji u s-software l-Internet tal-Ġenerazzjoni li jmiss se jtejjeb il-kompetittività industrijali tal-UE fl-ekonomija globali. L-ottimizzazzjoni tal-użu mal-UE kollha se tkun tirrikjedi kooperazzjoni fuq skala kbira bejn il-partijiet ikkonċernati kollha.

Emenda 129**Proposta għal deċiżjoni****Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – paragrafu 3.2.6a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda****3.2.6a. Teknoloġiji Quantum***

It-teknoloġiji quantum jisfruttaw l-avvanzi enormi fil-kapaċità tagħna biex jiġu identifikati u mmanipulati quanta uniċi (atomi, fotoni, elettroni). Dan jista' jirrivoluzzjona l-katina sħiħa tal-valur tal-informazzjoni minn softwer sa hardwer u mill-komunikazzjonijiet għall-estrazzjoni

tad-data u l-AI. L-Ewropa tilqa' fiha riċerkaturi ewlenin fid-dinja f'dan il-qasam u b'ħalissa hemm tellieqa globali biex jiġu trasferiti avvanzi xjentifiċi f'applikazzjonijiet li jkunu lesti għas-suq. It-teknoloġija abilitanti essenzjali ser ikollha impatt profond u li jaffettwa varji setturi, li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-industrija Ewropej pereżempju b'komputazzjonijiet fundamentalment aktar effiċjenti, li twassal għal, inter alia, kura tas-saħħa aktar affidabbli, sustanzi kimiċi u materjali mtejba, l-aħjar użu u b'hekk użu aktar sostenibbli ta' riżorsi, inġinerija aktar effiċjenti, telekomunikazzjonijiet aktar siguri, u ħafna applikazzjonijiet rivoluzzjonarji oħra.

Linji Mifruxa

- Quantum computing u simulazzjoni, inkluż l-iżvilupp tal-hardwer ta' arkitetturi u pjattaformi fiżiċi differenti, u l-iżvilupp ta' algoritmi u softwer;*
- Quantum networks għat-trażmissjoni sigura tad-data u għall-kondiviżjoni ta' riżorsi quantum, kemm ibbażati fl-art kif ukoll fl-ispazju;*
- Sensuri Quantum, sistemi ta' immaġni u standards tal-metroloġija, li jisfruttaw sistemi quantum koerenti u tħabbil;*
- Il-pjattaformi għall-ittestjar u l-faċilitajiet tal-utent għat-teknoloġiji msemmija hawn fuq.*

Or. en

Emenda 130

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.7 – paragrafu 4 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

- Simbjoċi industrijali bi flussi tar-riżorsi bejn l-impjanti fost is-setturi u l-

Emenda

- Simbjoċi industrijali bi flussi tar-riżorsi bejn l-impjanti fost is-setturi u l-

komunitajiet urbani; proċessi u materjali, biex ir-riżorsi jiġu ttrasportati, trasformati, użati mill-ġdid u jinħażnu, permezz ta' kombinazzjoni tal-valorizzazzjoni tal-prodotti sekondarji, l-iskart **u s-CO₂**;

komunitajiet urbani; proċessi u materjali, biex ir-riżorsi jiġu ttrasportati, trasformati, użati mill-ġdid u jinħażnu, permezz ta' kombinazzjoni tal-valorizzazzjoni tal-prodotti sekondarji, l-iskart, **s-CO₂ u l-idroġenu, meta huwa ambjentalment sikur u joffri benefiċċji klimatiċi sostanzjali**;

Or. en

Emenda 131

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.7 – paragrafu 4 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– **Prodotti** għal prestazzjoni mtejba taċ-ċiklu tal-ħajja, id-durabbiltà, l-aġġornament u l-faċilità ta' tiswija, żarmar u riċiklaġġ;

Emenda

– **Disinn sistematiku ta' prodotti** għal prestazzjoni mtejba taċ-ċiklu tal-ħajja, id-durabbiltà, l-aġġornament u l-faċilità ta' tiswija, żarmar u riċiklaġġ;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tkun regola li jkun hemm metodu sistemiku biex titqies iċ-ċirkolarità fil-bidu tad-disinn tal-prodotti.

Emenda 132

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.7 – paragrafu 4 – inċiż 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- **Mudelli, approċċi u servizzi tan-negożju kreattivi ġodda għall-użu mill-ġdid, l-estensjoni tal-ħajja, it-tiġdid ta' prodotti.**

Emenda

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda ffukati fuq it-teħid lura ta' riżorsi u prodotti kif ukoll l-estensjoni tal-ħajja huma essenzjali għal ekonomija ċirkolari. L-Ewropa qed tmexxi t-triq fit-tranżizzjoni pubblika lejn ekonomija ċirkolari, iżda jeħtieġ li niżguraw ukoll li nkunu fuq quddiem fil-ħolqien ta' negozju f'din ir-rivoluzzjoni.

Emenda 133

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

It-teknoloġiji rivoluzzjonarji għall-kisba ta' tnaqqis sinifikanti fil-gassijiet b'effett serra u t-tniġġis, spiss ikkombinati **mat-teknoloġiji** għall-industrija ċirkolari msemmija hawn fuq, se jwasslu għal ktajjen ta' valur industrijali b'saħħithom, jirrevoluzzjonaw il-kapaċitajiet tal-manifattura u **jtejbu l-kompetittività globali tal-industrija**; u fl-istess ħin jagħmlu kontribuzzjonijiet ewlenin għall-miri tagħna għall-azzjoni klimatika u l-kwalità ambjentali.

Emenda

Teknoloġiji innovattivi **fuq skala kbira** għall-kisba ta' tnaqqis sinifikanti fil-gassijiet b'effett serra u t-tniġġis, **li jistgħu jiġu kkombinati ma' teknoloġiji** għall-industrija ċirkolari msemmija hawn fuq, se jwasslu għal ktajjen ta' valur industrijali b'saħħithom, jirrevoluzzjonaw il-kapaċitajiet tal-manifattura u fl-istess ħin jagħmlu kontribuzzjonijiet ewlenin għall-miri tagħna għall-azzjoni klimatika u l-kwalità ambjentali, **filwaqt li għandu jsir enfasi qawwi fuq il-kompetittività globali tal-industrija.**

Or. en

Emenda 134

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.8 – paragrafu 3 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- L-evitar tal-karbonju dirett permezz tal-użu ta' materja prima kimika dekarbonizzata;

Emenda

Or. en

Emenda 135

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.8 – paragrafu 3 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– L-elettrifikazzjoni u l-użu ta' sorsi tal-enerġija ***mhux konvenzjonali*** fl-impjanti industrijali, ***u l-iskambji*** tal-enerġija ***u r-riżorsi bejn l-impjanti industrijali (pereżempju permezz tas-simbjoċi industrijali)***;

Emenda

– L-elettrifikazzjoni, ***l-idroġenizzazzjoni*** u l-użu ta' sorsi tal-enerġija ***nadifa bħall-enerġija rinnovabbli u l-idroġenu*** fl-impjanti industrijali, ***sabiex jissostitwixxu t-trasportaturi*** tal-enerġija ***fossili***.

Or. en

Emenda 136

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.8 – paragrafu 3 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– Prodotti industrijali li jirrikjedu proċessi tal-produzzjoni b'emissjonijiet tal-karbonju baxxi jew żero ***tul iċ-ċiklu tal-ħajja***.

Emenda

– Prodotti industrijali li jirrikjedu proċessi tal-produzzjoni b'emissjonijiet tal-karbonju baxxi jew żero. ***L-attivitajiet taħt dan il-qasam ta' intervent jistgħu jiġu implimentati permezz ta' sħubiji mal-industrija tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 137

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-UE se tappoġġa sinerġiji bejn teknoloġiji spazjali u abilitanti essenzjali (big data, manifattura avvanzata, robotika u intelliġenza artifiċjali); trawwem settur tal-ispazju li jiffjorixxi, huwa imprenditorjali u kompetittiv; u jgħin jiżgura n-nondipendenza fl-aċċess u l-użu tal-ispazju

Emenda

L-UE se tappoġġa sinerġiji bejn teknoloġiji spazjali u abilitanti essenzjali (big data, manifattura avvanzata, ***teknoloġiji quantum***, robotika u intelliġenza artifiċjali); trawwem settur tal-ispazju li jiffjorixxi, huwa imprenditorjali u kompetittiv; u jgħin jiżgura n-

b'mod sikur u sigur. L-attivitajiet se jkunu bbażati fuq pjan direzzjonali, filwaqt li jqisu l-proċess ta' armonizzazzjoni tal-ESA u inizjattivi rilevanti tal-Istati Membir, u se jiġu implimentati mal-ESA, kif xieraq.

nondipendenza fl-aċċess u l-użu tal-ispazju b'mod sikur u sigur. L-attivitajiet se jkunu bbażati fuq pjan direzzjonali, filwaqt li jqisu l-proċess ta' armonizzazzjoni tal-ESA u inizjattivi rilevanti tal-Istati Membri, u se jiġu implimentati mal-ESA, kif xieraq.

Or. en

Emenda 138

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.9 – paragrafu 3 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– Komunikazzjonijiet bis-Satellita Siguri għall-atturi governattivi tal-UE: soluzzjonijiet għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' utenti governattivi u tagħmir tal-utenti assoċjati f'soluzzjonijiet arkitettoniċi, teknoloġiċi u tas-sistemi għall-infrastruttura tal-ispazju, b'appoġġ għall-awtonomija tal-UE;

Emenda

– Komunikazzjonijiet bis-Satellita Siguri **u *Quantum Sigur*** għall-atturi governattivi tal-UE: soluzzjonijiet għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' utenti governattivi u tagħmir tal-utenti assoċjati f'soluzzjonijiet arkitettoniċi, teknoloġiċi u tas-sistemi għall-infrastruttura tal-ispazju, b'appoġġ għall-awtonomija tal-UE;

Or. en

Emenda 139

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE trid tagħmel tranżizzjoni għal ekonomiji u soċjetajiet b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti. Dan se jkun ibbażat fuq bidliet profondi fit-teknoloġija u s-servizzi, fil-modi ta' mgħiba tan-negozji u l-konsumaturi, u se jinvolvi wkoll forum ġodda ta' governanza. Il-limitu fiż-żieda tat-temperatura medja globali għal sew inqas minn 2°C, u l-eżerċitar tal-isforzi

Emenda

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE trid tagħmel tranżizzjoni għal ekonomiji u soċjetajiet b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti. Dan se jkun ibbażat fuq bidliet profondi fit-teknoloġija u s-servizzi, fil-modi ta' mgħiba tan-negozji u l-konsumaturi, u se jinvolvi wkoll forum ġodda ta' governanza. Il-limitu fiż-żieda tat-temperatura medja globali għal sew inqas minn 2°C, u l-eżerċitar tal-isforzi

biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1.5°C, jirrikjedu progress rapidu fid-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) mis-settur tat-trasport¹⁷. Se jkun irid ukoll impetus għdid biex jaċċellera l-pass tal-iżvilupp ta' avvanzi deċiżivi tal-ġenerazzjoni li jmiss kif ukoll id-demostrazzjoni u l-varar ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi, billi juża wkoll l-opportunitajiet ipprovduti mit-teknoloġiji diġitali u spazjali. Dan se jsir permezz ta' approċċ integrat li jinkludi d-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, l-aċċess għall-materja prima u l-ekonomija ċirkolari.

biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1.5°C, jirrikjedu progress rapidu fid-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) mis-settur tat-trasport¹⁷.

Is-sistemi tal-enerġija tal-Unjoni għaddejjin minn bidliet sinifikanti, bil-għan li tinkiseb provvista sostenibbli, affordabbli u affidabbli ta' elettriku, tisħin, fjuwils u prodotti tal-enerġija oħra. It-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija qed isseħħ permezz tal-interazzjonijiet tat-teknoloġija, l-infrastruttura, is-suq, il-politika u l-oqfsa regolatorji. Hemm ħtieġa għal approċċ sistematiku u innovazzjoni sistematika fis-settur kollu tal-enerġija.

Se jkun irid ukoll impetus għdid biex jaċċellera l-pass tal-iżvilupp ta' avvanzi deċiżivi tal-ġenerazzjoni li jmiss kif ukoll id-demostrazzjoni u l-varar ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi, billi juża wkoll l-opportunitajiet ipprovduti mit-teknoloġiji diġitali u spazjali. Dan se jsir permezz ta' approċċ integrat li jinkludi d-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, l-aċċess għall-materja prima u l-ekonomija ċirkolari.

Sabiex jintlaħaq dan, l-Unjoni se trawwem ukoll approċċi ta' parteċipazzjoni lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż approċċ li jinvolvi diversi atturi u tiżviluppa sistemi tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. Għarfien

mix-xjenzi soċjali u umanistiċi, l-innovazzjoni soċjali bl-involviment taċ-ċittadini u l-fiduċja fl-innovazzjoni se tkun kruċjali sabiex jitħeġġu tendenzi ġodda ta' governanza, produzzjoni u konsum.

¹⁷ Id-dekarbonizzazzjoni sostanzjali ta' setturi oħrajn hija indirizzata f'oqsma oħrajn tal-pilastru ta' Orizzont **Ewropea** Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali.

¹⁷ Id-dekarbonizzazzjoni sostanzjali ta' setturi oħrajn hija indirizzata f'oqsma oħrajn tal-pilastru ta' Orizzont **Ewropa** Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali.

Or. en

Emenda 140

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-progress f'dawn is-setturi - iżda wkoll fl-ispettru kollu tal-industrija tal-UE inkluż l-agrikoltura, il-binjiet, il-proċessi industrijali u l-użu tal-prodotti, u l-ġestjoni tal-iskart - se jirrikjedi sforzi kontinwi sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-mekkaniżmi tat-tibdil fil-klima u l-impatti assoċjati fl-ekonomija u s-soċjetà kollha, filwaqt li jiġu sfruttati s-sinerġiji ma' attivitajiet nazzjonali, tipi ta' azzjonijiet oħrajn tal-UE u kooperazzjoni internazzjonali.

Emenda

Il-progress f'dawn is-setturi - iżda wkoll fl-ispettru kollu tal-industrija tal-UE inkluż l-agrikoltura, il-binjiet, il-proċessi industrijali u l-użu tal-prodotti, u l-ġestjoni tal-iskart - se jirrikjedi sforzi kontinwi sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-mekkaniżmi tat-tibdil fil-klima u l-impatti assoċjati fl-ekonomija u s-soċjetà kollha, filwaqt li jiġu sfruttati s-sinerġiji ma' attivitajiet nazzjonali, tipi ta' azzjonijiet oħrajn tal-UE u kooperazzjoni internazzjonali. ***Se tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat l-akkoppjament tas-settur, jiġifieri tas-settur tal-elettriku, tat-tisħin, tal-industrija, tal-gass u tat-trasport, fl-oqsma kollha ta' intervent, li huma tant kruċjali għas-suċċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija b'suċċess.***

Or. en

Emenda 141

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.1 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Biex jinstabu modi ġodda sabiex il-varar ta' teknoloġiji nodfa u soluzzjonijiet għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Ewropa jitħaffef, jirrikjedi wkoll domanda ikbar għall-innovazzjoni. Dan jista' jiġi stimolat permezz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni taċ-ċittadini, kif ukoll permezz tal-innovazzjoni soċjoekonomika u fis-settur pubbliku u se jwassal għal approċċi usa' mill-innovazzjoni xprunata mit-teknoloġija. Ir-riċerka soċjoekonomika li tkopri, inter alia, il-ħtiġijiet u t-tendenzi tal-utenti, l-attivitajiet ta' prospettiva, aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' mġieba, każijiet u mudelli tan-negozju u riċerka prenormattiva sabiex jiġu stabbiliti l-istandards, ukoll se jrin jiffaċilitaw azzjonijiet li jrawmu l-innovazzjoni regolatorja, ta' finanzjament u soċjali, il-ħiliet, u kif ukoll l-involviment u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-atturi tas-suq u l-konsumaturi.

Emenda

Biex jinstabu modi ġodda sabiex il-varar ta' teknoloġiji nodfa u soluzzjonijiet għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Ewropa jitħaffef, jirrikjedi wkoll domanda ikbar għall-innovazzjoni. Dan jista' jiġi stimolat permezz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni taċ-ċittadini, kif ukoll permezz tal-innovazzjoni soċjoekonomika ***kif ukoll effetti kollaterali kreattivi*** u fis-settur pubbliku u se jwassal għal approċċi usa' mill-innovazzjoni xprunata mit-teknoloġija. Ir-riċerka soċjoekonomika li tkopri, inter alia, il-ħtiġijiet u t-tendenzi tal-utenti, l-attivitajiet ta' prospettiva, aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' mġieba, każijiet u mudelli tan-negozju u riċerka prenormattiva sabiex jiġu stabbiliti l-istandards, ukoll se jrin jiffaċilitaw azzjonijiet li jrawmu l-innovazzjoni regolatorja, ta' finanzjament u soċjali, il-ħiliet, u kif ukoll l-involviment u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-atturi tas-suq u l-konsumaturi.

Or. en

Emenda 142

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***L-identifikazzjoni ta' proċessi ewlenin fir-reġjuni polari għal żvilupp aħjar ta' għażliet ta' ġestjoni li jimminimizzaw l-impatti negattivi fuq l-ekosistemi u jtejbu l-għarfien dwar il-klima globali.***

Emenda 143**Proposta għal deċiżjoni****Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.2 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*4.2.2. *Provvista tal-Enerġija*4.2.2. *Mogħdiji ta' dekarbonizzazzjoni*

Or. en

Emenda 144**Proposta għal deċiżjoni****Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.2 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

L-UE timmira li tkun mexxej dinji f'teknoloġiji tal-enerġija affordabbli, siguri u sostenibbli, billi ittejjeb il-kompetittività tagħha fil-ktajjen tal-valur globali u l-pożizzjoni tagħha fis-swieq ta' tkabbir. Il-kundizzjonijiet klimatiċi, ġeografiċi, ambjentali u soċjoekonomiċi differenti fl-UE, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati s-sigurtà tal-enerġija u l-aċċess għall-materja prima, jiddettaw portafoll wiesa' ta' soluzzjonijiet tal-enerġija, inkluż dawk li mhumiex ta' natura teknika. Fir-rigward tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, il-kostijiet iridu jkomplu jonqsu, il-prestazzjoni trid tittejjeb, l-integrazzjoni fis-sistema tal-enerġija trid tittejjeb u jridu jiġu żviluppati teknoloġiji rivoluzzjonarji. Fir-rigward tal-fjuwils fossili, id-dekarbonizzazzjoni tal-użu tagħhom se tkun essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi.

L-UE timmira li tkun mexxej dinji f'teknoloġiji tal-enerġija affordabbli, siguri u sostenibbli, billi ittejjeb il-kompetittività tagħha fil-ktajjen tal-valur globali u l-pożizzjoni tagħha fis-swieq ta' tkabbir. Il-kundizzjonijiet klimatiċi, ġeografiċi, ambjentali u soċjoekonomiċi differenti fl-UE, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati s-sigurtà tal-enerġija u l-aċċess għall-materja prima, jiddettaw portafoll wiesa' ta' soluzzjonijiet tal-enerġija, inkluż dawk li mhumiex ta' natura teknika. Fir-rigward tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, il-kostijiet iridu jkomplu jonqsu, il-prestazzjoni trid tittejjeb, l-integrazzjoni fis-sistema tal-enerġija trid tittejjeb u jridu jiġu żviluppati **u implimentati** teknoloġiji rivoluzzjonarji. Fir-rigward tal-fjuwils fossili, **l-evitar u** d-dekarbonizzazzjoni tal-użu tagħhom se tkun essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi.

Or. en

Emenda 145

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u soluzzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiġ, fjuwils tat-trasport sostenibbli u trasportaturi intermedji, f'diversi skali u stadji ta' żvilupp, adattati għall-kundizzjonijiet u s-swieq ġeografiċi, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll madwar id-dinja;

Emenda

– Teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u soluzzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, ***il-produzzjoni tal-idroġenu, il-proċess industrijali***, it-tisħin u t-tkessiġ, fjuwils tat-trasport sostenibbli u trasportaturi intermedji, f'diversi skali u stadji ta' żvilupp, adattati għall-kundizzjonijiet u s-swieq ġeografiċi, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll madwar id-dinja;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-integrazzjoni massiva ta' sorsi rinnovabbli intermittenti tal-enerġija twassal għall-ħtieġa urġenti ta' ibbilanċjar tal-grilji tal-enerġija ma' ħżin tal-enerġija fit-tul u fuq skala kbira. Fiż-żewġ aspetti, il-produzzjoni tal-idroġenu permezz tal-elettroliżi, li jippermettu għal teknoloġija ta' gass bl-elettriku, hija soluzzjoni importanti.

Emenda 146

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli fixkiela għal applikazzjonijiet ġodda u soluzzjonijiet rivoluzzjonarji;

Emenda

– Teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli fixkiela għal applikazzjonijiet ġodda ***jew imtejba ħafna*** u soluzzjonijiet rivoluzzjonarji;

Or. en

Emenda 147

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 1

It-tkabbir mistenni fil-produzzjoni tal-elettriku varjabbli u t-tranżizzjoni lejn tisħin, tkessiġ u trasport aktar elettriċi jiddetta l-ħtieġa għal approċċi ġodda lejn il-ġestjoni tal-grilji tal-enerġija. Flimkien mad-dekarbonizzazzjoni, l-għan huwa li jipprovdi l-affordabbiltà tal-enerġija, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-provvista, li jinkisbu permezz ta' investimenti f'teknoloġiji ta' infrastruttura tan-network innovattivi u ġestjoni innovattiva tas-sistema. Il-ħażna tal-enerġija f'forom differenti se jkollha rwol prinċipali fil-forniment tas-servizzi lill-grilja, u fit-titjib u r-rinforzar tal-kapaċitajiet tan-network. L-isfruttament tas-sinerġiji bejn in-networks differenti (eż., il-grilji tal-elettriku, in-networks tat-tisħin u t-tkessiġ, in-networks tal-gass, l-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-għoti tal-fjuwil lit-trasport, l-idroġenu, u n-networks tat-telekomunikazzjoni) u atturi (eż. siti industrijali, ċentri tad-data, awtoprodutturi) se jkun kruċjali biex jiġi ffaċilitat l-operat intelliġenti u integrat tal-infrastrutturi rilevanti.

It-tkabbir mistenni fil-produzzjoni tal-elettriku varjabbli u t-tranżizzjoni lejn tisħin, tkessiġ u trasport aktar elettriċi **u permezz tal-idroġenu** jiddetta l-ħtieġa għal approċċi ġodda lejn il-ġestjoni tal-grilji tal-enerġija. Flimkien mad-dekarbonizzazzjoni, l-għan huwa li jipprovdi l-affordabbiltà tal-enerġija, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-provvista, li jinkisbu permezz ta' investimenti f'teknoloġiji ta' infrastruttura tan-network innovattivi u ġestjoni innovattiva tas-sistema. Il-ħażna tal-enerġija f'forom differenti se jkollha rwol prinċipali fil-forniment tas-servizzi lill-grilja, u fit-titjib u r-rinforzar tal-kapaċitajiet tan-network. L-isfruttament tas-sinerġiji bejn in-networks differenti (eż., il-grilji tal-elettriku, in-networks tat-tisħin u t-tkessiġ, in-networks tal-gass, l-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-għoti tal-fjuwil lit-trasport, l-idroġenu, u n-networks tat-telekomunikazzjoni) u atturi (eż. siti industrijali, ċentri tad-data, awtoprodutturi) se jkun kruċjali biex jiġi ffaċilitat l-operat intelliġenti u integrat tal-infrastrutturi rilevanti. **Huwa importanti li jiġi enfasizzat li t-teknoloġiji taċ-ċellula tal-idroġenu għandhom potenzjal enormi li jgħolqu impjegi ta' ħiliet għoljin u tkabbir fl-Unjoni. Dan il-proċess se jiġi aċċellerat minn sħubijiet pubbliċi-privati rilevanti għandhom ikunu stabbiliti f'Orizzont Ewropa.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kapaċità tal-idroġenu li jaċċessa u jintegra kull settur tas-sistema tal-enerġija jiftaħ l-opportunità għall-varar u sabiex jintużaw aktar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Billi l-elettriku minn sorsi rinnovabbli jipprovdi lis-settur tal-enerġija b'perkors ta' dekarbonizzazzjoni profonda, is-setturi tat-tisħin u tal-mobbiltà kif ukoll l-industrija għad m'għandhomx mogħdijiet ta' dekarbonizzazzjoni ta' ekwivalenza sinifikanti. Il-versatilità tal-idroġenu tippermetti li dawn is-setturi jkunu integrati u tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni tal-

enerġija fl-Ewropa.

Emenda 148

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Teknoloġiji u għodod għan-networks tal-elettriku sabiex l-enerġija rinnovabbli u t-tagħbiji ġodda bħall-elettromobbiltà u l-pompi tas-sħana jiġu integrati;

Emenda

– Teknoloġiji u għodod għan-networks tal-elettriku sabiex l-enerġija rinnovabbli u t-tagħbiji ġodda bħall-elettromobbiltà, ***elettrolizzaturi, ċelluli tal-fjuwil*** u l-pompi tas-sħana jiġu integrati;

Or. en

Emenda 149

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Analiżi b'impatt sistematiku ta' teknoloġiji tal-enerġija ġodda, bħall-idroġenu bħala ħażna tal-enerġija.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod partikolari l-idroġenu huwa mistenni li jkollu rwol importanti fis-soluzzjonijiet ta' ħażna tal-enerġija aktar sostenibbli tagħna, madankollu dan jeħtieġ li jiġi prodott ammont enormi ta' enerġija li se jkollu impatt qawwi fuq il-ħtiġijiet tal-enerġija fis-sistema tagħna. Għandna naħdmu sabiex nifhmu dan l-impatt sabiex jiġi żgurat li ma ntellfux pass wieħed lejn is-sostenibbiltà b'pass ieħor.

Emenda 150

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- **Soluzzjonijiet ekoloġiċi li jistgħu jwasslu għal affidabbiltà tas-sistema, li tikkomplimenta u li tmur lil hinn minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ta' ħażna bbażata fuq l-elettrifikazzjoni;**

Or. en

Emenda 151

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4.2.4. Bini **u Faċilitajiet Industrijali** fit-Tranżizzjoni tal-Enerġija

4.2.4. Bini fit-Tranżizzjoni tal-Enerġija

Or. en

Emenda 152

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-bini u l-installazzjonijiet **industrijali** qed ikollhom rwol dejjem aktar attiv fl-interazzjoni tagħhom mas-sistema tal-enerġija. Għalhekk, jikkostitwixxu elementi kruċjali fit-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli.

Il-bini u l-installazzjonijiet qed ikollhom rwol dejjem aktar attiv fl-interazzjoni tagħhom mas-sistema tal-enerġija. Għalhekk, jikkostitwixxu elementi kruċjali fit-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli.

Or. en

Emenda 153

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-industriji, u speċjalment dawk li huma enerġetikament intensivi, jistgħu jkomplu jtejbu l-użu effiċjenti tal-enerġija u jiffavorixxu l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imċaqalqa għal qasam ġdid ta' intervent.

Emenda 154

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 4 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ***Id-disinn***, il-kostruzzjoni, l-operar u ż-żarmar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkolarità u tal-prestazzjoni ambjentali, għall-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u r-riċiklaġġ;

– ***Modalitajiet ġodda, inklużi għodda u tagħmir intelliġenti għad-disinn***, il-kostruzzjoni, l-operar u ż-żarmar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkolarità u tal-prestazzjoni ambjentali, għall-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u r-riċiklaġġ;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex nimplimentaw b'mod effettiv id-disinn, il-kostruzzjoni, l-operat u ż-żarmar ambjentali u ċirkolari, għandna bżonn għodod li jsegwu bini tul il-ħajja kollha tiegħu.

Emenda 155

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – paragrafu 4.2.4a (ġdid)

4.2.4a. Faċilitajiet Industrijali fit-Tranżizzjoni tal-Enerġija

L-industriji, u speċjalment dawk li huma enerġetikament intensivi, jistgħu jkomplu jtejbu l-użu effiċjenti tal-enerġija u jiffavorixxu l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Ir-rwol tal-faċilitajiet industrijali fis-sistema tal-enerġija qed jiġi biddel, minħabba l-ħtieġa tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, ibbażata fuq l-eletrifikazzjoni diretta jew indiretta, li hija wkoll sors ta' materjali għall-proċessi tal-produzzjoni (eżempju l-Idroġenu). Kumplessi industrijali fejn iseħħu ħafna proċessi differenti ħdejn xulxin jistgħu jottimizzaw l-iskambju tal-flussi ta' enerġija u ta' riżorsi oħra (materja prima) bejniethom.

Linja Mifruxa

- *Teknoloġiji ta' konverżjoni għal użu sostenibbli tas-sorsi tal-karbonju sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u jiġi tnaqqsu l-emissjonijiet, inkluż s-sistemi ta' enerġija ibridi għall-industrija u għas-settur tal-enerġija b'potenzjal ta' dekarbonizzazzjoni*
- *Għodod u infrastruttura għall-kontroll tal-proċess tal-impjanti ta' produzzjoni sabiex jottimizzaw il-flussi tal-enerġija u materjali (eżempju Idroġenu, prodotti oħra) f'interazzjoni ma' impjanti oħra u s-sistema tal-enerġija;*
- *Il-flessibilità u l-effiċjenza tal-elettriku u tas-sħana fl-impjanti industrijali u fis-sistema tal-enerġija;*
- *Proċessi, disinn u materjali mtejba jew ġodda, biex jintużaw jew jipproduċu b'mod effiċjenti sħana, kesħa, ħżin tal-enerġija;*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kontenut ta' qasam ġdid ta' intervent: "Faċilitajiet Industrijali fit-Tranżizzjoni tal-Enerġija"

Emenda 156

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini, il-mobbiltà sikura, l-innovazzjoni soċjali urbana, il-kapaċità ċirkolari u reġenerattiva tal-ibliet, impronta ambjentali mċekkna u t-tniġġis;

Emenda

– Il-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini, ***inkluża l-prevenzjoni tal-faqar enerġetiku***, il-mobbiltà sikura, l-innovazzjoni soċjali urbana, il-kapaċità ċirkolari u reġenerattiva tal-ibliet, impronta ambjentali mċekkna u t-tniġġis;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-faqar enerġetiku huwa sfida ewlenija għal Ewropa ġusta u soċjali. Bit-tranżizzjonijiet ewlenin fis-sistemi tal-enerġija u fis-soċjetà tagħna, jeħtieġ li nifhmu l-impatt ta' spejjeż tal-enerġija ġodda u li qed jinbidlu fuq il-ħajja taċ-ċittadini tagħna.

Emenda 157

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– L-elettrifikazzjoni tal-modi tat-trasport kollha (eż. il-batteriji, iċ-ċelluli tal-fjuwil, l-ibridizzazzjoni, eċċ.) tinkludi teknoloġiji ġodda għal sistemi ta' motopropulsjoni tal-vetturi/bastimenti/iġenji tal-ajru, ċarġ/riforniment tal-fjuwil veloċi, ħsad tal-enerġija u interfaċċi aċċessibbli u faċli biex jintużaw mill-utent mal-infrastruttura taċ-ċarġ, l-iżgurar tal-interoperabbiltà u ta' servizzi tal-provvista bla xkiel; l-iżvilupp u l-varar ta' batteriji kompetittivi, sikuri, ta' prestazzjoni għolja u sostenibbli għal vetturi b'emissjonijiet baxxi jew żero

Emenda

– L-elettrifikazzjoni tal-modi tat-trasport kollha (eż. il-batteriji, iċ-ċelluli tal-fjuwil, l-ibridizzazzjoni, eċċ.) tinkludi teknoloġiji ġodda għal sistemi ta' motopropulsjoni tal-vetturi/bastimenti/iġenji tal-ajru, ċarġ/riforniment tal-fjuwil veloċi, ħsad tal-enerġija u interfaċċi aċċessibbli u faċli biex jintużaw mill-utent mal-infrastruttura taċ-ċarġ ***u tal-mili bil-fjuwil***, l-iżgurar tal-interoperabbiltà u ta' servizzi tal-provvista bla xkiel; l-iżvilupp u l-varar ta' batteriji kompetittivi, sikuri, ta' prestazzjoni għolja u sostenibbli għal vetturi b'emissjonijiet

emissjonijiet;

baxxi jew żero emissjonijiet;

Or. en

Emenda 158

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Fjuwils ġodda sostenibbli u vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru ġodda għal xejriet ta' mobbiltà u infrastruttura ta' appoġġ eżistenti u futuri; teknoloġiji u soluzzjonijiet ibbażati fuq l-utent għall-interoperabbiltà u provvista tas-servizzi bla xkiel;

– Fjuwils ġodda sostenibbli, **bħall-idroġenu ekoloġiku** u vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru ġodda għal xejriet ta' mobbiltà u infrastruttura ta' appoġġ eżistenti u futuri; teknoloġiji u soluzzjonijiet ibbażati fuq l-utent għall-interoperabbiltà u provvista tas-servizzi bla xkiel;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din tant se jkollha rwol ċentrali fit-tipi ġodda ta' karburanti li għandu jissemma speċifikament sabiex ikun żgurat li jkun parti sostanzjali tal-isforzi.

Emenda 159

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.8 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Ġestjoni diġitali tan-networks u tat-traffiku: sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet avvanzati; ġestjoni tat-traffiku tal-ġenerazzjoni li jmiss (inkluż network multimodali u ġestjoni tat-traffiku); kontribuzzjoni għal mobbiltà kontinwa, multimodali u interkonnessa għall-passiġġieri u l-merkanzija; użu u limitazzjonijiet tal-big data; użu ta' pożizzjonament/navigazzjoni tas-satellita innovattivi (EGNOS/Galileo);

– Ġestjoni diġitali tan-networks u tat-traffiku: sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet avvanzati; ġestjoni tat-traffiku tal-ġenerazzjoni li jmiss (inkluż network multimodali u ġestjoni tat-traffiku); kontribuzzjoni għal mobbiltà kontinwa, multimodali u interkonnessa għall-passiġġieri u l-merkanzija; użu u limitazzjonijiet tal-big data; użu ta' pożizzjonament/navigazzjoni tas-satellita innovattivi (EGNOS/Galileo) **li jifhmu mgħiba ġdida relatata mal-mobbiltà li qed**

tinbidel;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ġestjoni tas-sistemi ta' mobilità tagħna taħdem biss meta nistgħu nbassru kif dawn se jintużaw. Għalhekk huwa essenzjali li jkollna fehim suffiċjenti tal-bidliet fl-imġiba attivati minn sistemi ta' mobilità li qed jinbidlu.

Emenda 160

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.8 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Servizzi u mudelli tan-negozju
ġodda jew imtejba li permezz tagħhom l-
utent jinteraġixxi mal-modalitajiet
intelliġenti differenti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-enfasi ta' dan il-Qasam ta' Intervent hija kważi esklussivament fuq in-naħa teknoloġiku tat-tranżizzjoni, iżda fl-aħħar mill-aħħar hija dwar iċ-ċittadini li jużaw it-teknoloġija u l-ekonomiji tagħna li jagħmlu l-flus tagħhom billi joħolqu swieq ġodda.

Emenda 161

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Soluzzjonijiet ta' ħażna massiva, konċentrata u deċentralizzata (li jinkludu kimika, elettrokimika, elettrika, mekkanika u termali) għas-sistema tal-enerġija se jżidu l-effiċjenza, il-flessibbiltà, l-indipendenza teknoloġika u l-aċċessibbiltà, kif ukoll is-sigurtà tal-provvista. It-trasport b'emissjonijiet baxxi u dekarbonizzat se jkun jirrikjedi sehem li qed jikber ta' vetturi

Soluzzjonijiet ta' ħażna massiva, konċentrata u deċentralizzata (li jinkludu kimika, elettrokimika, elettrika, mekkanika u termali) għas-sistema tal-enerġija se jżidu l-effiċjenza, il-flessibbiltà, l-indipendenza teknoloġika u l-aċċessibbiltà, kif ukoll is-sigurtà tal-provvista. It-trasport b'emissjonijiet baxxi u dekarbonizzat se jkun jirrikjedi sehem li qed jikber ta' vetturi

elettriċi u/jew li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, b'batteriji bi prestazzjoni aħjar u orħos li jkunu riċiklabbli u li jkunu jistgħu jintużaw mill-ġdid, kif ukoll provvista lokali ta' fjuwils sintetiċi/rinnovabbli bħall-idroġenu u soluzzjonijiet innovattivi għall-ħażna fis-sit.

elettriċi, **li jaħdmu bl-idroġenu** u/jew li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, b'batteriji bi prestazzjoni aħjar u orħos li jkunu riċiklabbli u li jkunu jistgħu jintużaw mill-ġdid, kif ukoll provvista lokali ta' fjuwils **b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju** bħall-idroġenu u soluzzjonijiet innovattivi għall-ħażna fis-sit. **Is-sett ta' soluzzjonijiet jehrieg li jindirizza ż-żmien sħiħ tal-intermittenza, minn millisekondi sa xhur.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-vetturi b'ċelluli tal-fjuwil huma vetturi elettriċi li jużaw l-idroġenu bħala fjuwil biex jipproduċu l-elettriku abbord. Barra minn hekk, l-idroġenu mhuwiex limitat għal teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil iżda bħala materja prima għal industriji li jużaw ħafna enerġija. Iċ-ċelloli tal-fjuwil huma wkoll teknoloġija effiċjenti tal-konvertitur tal-enerġija li jistgħu jużaw l-idroġenu u/jew il-gass naturali bħala fjuwil. L-idroġenu u ċ-ċelloli tal-fjuwil huma teknoloġiji komplimentari iżda mhux esklussivament marbuta ma' xulxin.

Emenda 162

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.9 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Teknoloġiji inkluż fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli u l-ktajjen ta' valur assoċjati magħhom, għall-ħtiġijiet ta' ħażna tal-enerġija minn kuljum sa staġjonali;

Emenda

– Teknoloġiji inkluż fjuwils likwidi u gassużi **b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**, u l-ktajjen ta' valur assoċjati magħhom, għall-ħtiġijiet ta' ħażna tal-enerġija minn kuljum sa staġjonali;

Or. en

Emenda 163

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.9 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– Idroġenu b'emissjonijiet baxxi jew zero tal-karbonju **inkluż** ċelluli tal-fjuwil, u

Emenda

– Idroġenu b'emissjonijiet baxxi jew zero tal-karbonju, **elettroliżi**, ċelluli tal-

l-katina tal-valur tal-UE mid-disinn sal-użu aħħari f'diversi applikazzjonijiet.

fjuwil, u l-katina tal-valur tal-UE mid-disinn sal-użu aħħari f'diversi applikazzjonijiet. ***L-idroġenu għandu rwol kruċjali għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji bħall-azzar u l-kimiċi;***

Or. en

Emenda 164

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-attivitajiet tal-bniedem qed jagħmlu pressjonijiet dejjem akbar fuq il-ħamrija, l-ibħra u l-oċeani, l-ilma, l-arja, il-bijodiversità u riżorsi naturali oħrajn. In-nutrient tal-popolazzjoni li dejjem qed tikber tal-pjaneta huwa direttament dipendenti fuq is-saħħa tas-sistemi u r-riżorsi naturali. Madankollu, ikkombinata mat-tibdil fil-klima, id-domanda dejjem ikbar tal-bniedem għar-riżorsi naturali toħloq pressjonijiet ambjentali li jmorru lil hinn sew minn livelli sostenibbli, li jaffettwaw l-ekosistemi u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi għall-benesseri tal-bniedem. Il-kunċetti tal-ekonomija ċirkolari, il-bijoekonomija u l-ekonomija blu jipprovdu opportunità sabiex jinholq bilanċ bejn l-għanijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi u sabiex l-attivitajiet tal-bniedem jaqbd u l-mogħdija li twassal għas-sostenibbiltà.

Emenda

L-attivitajiet tal-bniedem qed jagħmlu pressjonijiet dejjem akbar fuq il-ħamrija, l-ibħra u l-oċeani, l-ilma, l-arja, il-bijodiversità u riżorsi naturali oħrajn. In-nutrient tal-popolazzjoni li dejjem qed tikber tal-pjaneta huwa direttament dipendenti fuq is-saħħa tas-sistemi u r-riżorsi naturali. Madankollu, ikkombinata mat-tibdil fil-klima, id-domanda dejjem ikbar tal-bniedem għar-riżorsi naturali toħloq pressjonijiet ambjentali li jmorru lil hinn sew minn livelli sostenibbli, li jaffettwaw l-ekosistemi u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi għall-benesseri tal-bniedem. Il-kunċetti tal-ekonomija ċirkolari, ***l-agroekoloġija***, il-bijoekonomija u l-ekonomija blu jipprovdu opportunità sabiex jinholq bilanċ bejn l-għanijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi u sabiex l-attivitajiet tal-bniedem jaqbd u l-mogħdija li twassal għas-sostenibbiltà.

Or. en

Emenda 165

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 2

L-ilħuq tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli, il-garanzija tal-produzzjoni u l-konsum ta' ikel sikur u san, il-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli fl-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija, l-iżgurar ta' aċċess għal ilma, ħamrija u arja nodfa għal kulħadd, it-tindif tal-ibħra u l-oċeani, il-preservazzjoni u r-restawr tas-sistemi naturali vitali tal-pjaneta u l-ambjent jirrikjedu li aħna nisfruttaw il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni. Iżda l-mogħdiji għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u l-modi biex jiġu ssuperati l-ostakli reżiljenti bilkemm huma mifmhuma. It-tranżizzjoni lejn il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u r-restawr tas-saħħa planetarja jirrikjedu investiment f'teknoloġiji, mudelli ġodda ta' negozju, u innovazzjoni soċjali u ambjentali. Dan joħloq opportunitajiet ġodda għal ekonomija Ewropea sostenibbli, reżiljenti, innovattiva u responsabbli, jagħti spinta lill-użu effiċjenti tar-riżorsi, il-produttività u l-kompetittività, u jiġġenera l-impjiegi u t-tkabbir.

L-ilħuq tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli, il-garanzija tal-produzzjoni u l-konsum ta' ikel sikur u san, il-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli fl-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija, l-iżgurar ta' aċċess għal ilma, ħamrija u arja nodfa għal kulħadd, it-tindif tal-ibħra u l-oċeani, il-preservazzjoni u r-restawr tas-sistemi naturali vitali tal-pjaneta u l-ambjent jirrikjedu li aħna nisfruttaw il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni. Iżda l-mogħdiji għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u l-modi biex jiġu ssuperati l-ostakli reżiljenti bilkemm huma mifmhuma. It-tranżizzjoni lejn il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u r-restawr tas-saħħa planetarja jirrikjedu investiment f'teknoloġiji, mudelli ġodda ta' negozju, u innovazzjoni soċjali u ambjentali. Dan joħloq opportunitajiet ġodda għal ekonomija Ewropea sostenibbli, reżiljenti, innovattiva u responsabbli, jagħti spinta lill-użu effiċjenti tar-riżorsi, il-produttività u l-kompetittività, u jiġġenera l-impjiegi u t-tkabbir.

Or. en

Emenda 166

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 3

L-attivitajiet se jibnu bażi tal-għarfien u jwasslu soluzzjonijiet sabiex: ***iġestixxu*** u jużaw b'mod sostenibbli r-riżorsi naturali mill-art u l-baħar - u jiġi mtejjeb ir-rwol ta' sistemi terrestri u akkwatiċi bħala bjar tal-karbonju; tiġi żgurata s-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, u jiġu provduti dieti sikuri, sani u nutrittivi; tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni minn ekonomija lineari

L-attivitajiet se jibnu bażi tal-għarfien u jwasslu soluzzjonijiet sabiex: ***jiġġestixxu*** u jużaw b'mod sostenibbli r-riżorsi naturali mill-art u l-baħar - u jiġi mtejjeb ir-rwol ta' sistemi terrestri u akkwatiċi bħala bjar tal-karbonju; tiġi żgurata s-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, u jiġu provduti dieti sikuri, sani u nutrittivi; tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni ***tal-ikel u l-biedja fl-Unjoni***

bbażata fuq il-fjuwils fossili għal ekonomija ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, reżiljenti, ta' emissjonijiet baxxi, u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u li tappoġġa l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli bbażata fuq prodotti bijoloġiċi u l-ekonomija blu; u jiġu żviluppati żoni rurali, kostali u urbani reżiljenti u vibranti.

lejn approċċi ta' intensifikazzjoni ekoloġika u agroekoloġiċi li jibbenefikaw kemm l-agrikoltura konvenzjonali kif ukoll dik organika; tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni minn ekonomija lineari bbażata fuq il-fjuwils fossili għal ekonomija ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, reżiljenti, ta' emissjonijiet baxxi, u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u li tappoġġa l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli bbażata fuq prodotti bijoloġiċi u l-ekonomija blu; u jiġu żviluppati żoni rurali, kostali u urbani reżiljenti u vibranti.

Or. en

Emenda 167

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

L-attivitajiet tar-riċerka u innovazzjoni skont dan ir-Raggruppament jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-għanijiet ta': il-Programm ta' Azzjoni Ambjentali, il-Politika Agrikola Komuni, il-Politika Komuni tas-Sajd, il-leġiżlazzjoni dwar il-Liġi tal-Ikel, il-politika Marittima, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija tal-Bijoeconomija tal-UE, u l-qafas dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, kif ukoll id-dispożizzjonijiet legali tal-UE dwar it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

Emenda

L-attivitajiet tar-riċerka u innovazzjoni skont dan ir-Raggruppament jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-għanijiet ta': il-Programm ta' Azzjoni Ambjentali, il-Politika Agrikola Komuni, il-Politika Komuni tas-Sajd, il-leġiżlazzjoni dwar il-Liġi tal-Ikel, il-politika Marittima, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija tal-Bijoeconomija tal-UE, u l-qafas dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, kif ukoll id-dispożizzjonijiet legali tal-UE dwar it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja. ***L-azzjonijiet se jkunu marbuta sew mas-sħubijiet eżistenti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-PRIMA.***

Or. en

Emenda 168

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Estensjoni tal-portafoll ta' servizzi u prodotti ta' Copernicus;

– Estensjoni tal-portafoll ta' servizzi u prodotti ta' Copernicus **f'servizzi partikolari dwar l-attribuzzjoni ta' tniġġis tal-arja;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-elettrifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-setturi differenti tal-ekonomija tagħna, is-sorsi tat-tniġġis tal-arja se jinbidlu b'mod drammatiku fid-deċennju li ġej. Mingħajr servizzi tajba li jipprovdu aġġornamenti kostanti, dawk li jfasslu l-politika se jippruvaw jindirizzaw il-problema bbażata fuq għarfien antik.

Emenda 169

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- **Tranżizzjoni lejn sistemi integrati u diversifikati tal-ikel u tal-biedja u prattiki agronomiċi, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' preċiżjoni u approċċi ta' intensifikazzjoni agroekoloġika u ekoloġika sabiex tibbenefika kemm l-agrikoltura konvenzjonali kif ukoll dik organika;**

Or. en

Emenda 170

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– Organiżmi ta' ħsara u mard tal-pjanti u saħħa u benesseri tal-annimali; alternattivi għall-użu ta' pestiċidi, antibijotiċi u sustanzi oħrajn kontenzjużi;

Emenda

– Organiżmi ta' ħsara u mard tal-pjanti u saħħa u benesseri tal-annimali; alternattivi għall-użu ta' pestiċidi, antibijotiċi u sustanzi oħrajn kontenzjużi, ***l-iżvilupp ta' strateġiji tal-biedja organiċi għal kura tas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali;***

Or. en

Emenda 171

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika tnejji l-pedament għat-tranżizzjoni lil hinn minn ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili billi tinkludi sorsi sostenibbli, l-ipproċessar industrijali u l-konverżjoni tal-bijomassa mill-baħar u l-art f'materjali u prodotti b'bażi bijoloġika. Din tikkapitalizza wkoll fuq il-potenzjal tar-riżorsi ħajjin, ix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija industrijali għal skoperti, prodotti u proċessi ġodda. L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika, inkluż it-teknoloġiji, tista' ġġib attivitajiet ekonomiċi ġodda u impjiegi fir-reġjuni u l-bliet, tikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji rurali u kostali u ssaħħaħ iċ-ċirkolarità tal-bioekonomija.

Emenda

L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika tnejji l-pedament għat-tranżizzjoni lil hinn minn ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili billi tinkludi sorsi sostenibbli, l-ipproċessar industrijali u l-konverżjoni tal-bijomassa mill-baħar u l-art f'materjali u prodotti b'bażi bijoloġika. Din tikkapitalizza wkoll fuq il-potenzjal tar-riżorsi ħajjin, ix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija industrijali għal skoperti, prodotti u proċessi ġodda. L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika, inkluż it-teknoloġiji, tista' ġġib attivitajiet ekonomiċi ġodda u impjiegi fir-reġjuni u l-bliet, tikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji rurali u kostali u ssaħħaħ iċ-ċirkolarità tal-bioekonomija. ***Is-sistemi ta' innovazzjoni b'bażi bijoloġika jeħtieġu kollaborazzjoni bejn is-setturi u l-katina tal-valur.***

Or. en

Emenda 172

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– Ktajjen tal-valur b'bażi bijoloġika, materjali, inkluż materjali, prodotti u proċessi bijoinspirati li għandhom kwalitajiet, funzjonalitajiet u sostenibbiltà mtejba ġodda (inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra), li jrawmu l-iżvilupp ta' bijoraffineriji avvanzati li jużaw firxa usa' ta' bijomassa;

Emenda

– Ktajjen tal-valur b'bażi bijoloġika, materjali, inkluż materjali, prodotti u proċessi bijoinspirati li għandhom kwalitajiet, funzjonalitajiet u sostenibbiltà mtejba ġodda (inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra), li jrawmu l-iżvilupp ta' bijoraffineriji avvanzati li jużaw firxa usa' ta' bijomassa **inkluż bijoskart kif ukoll skart industrijali u l-kurrenti laterali**;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bijomassa tista' titqies bħala li tirreferi biss għall-materjal minn pjanti u annimali. Il-bijoraffineriji avvanzati se jkunu jistgħu jmorru lil hinn, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-bijoskart kif ukoll tal-iskart industrijali u l-kurrenti laterali.

Emenda 173

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– Iċ-ċirkolarità tal-ekonomija b'bażi bijoloġika permezz tal-innovazzjoni teknoloġija, sistemika, soċjali u tal-mudell tan-negozju sabiex jiżdied **b'mod radikali l-valur** iġġenerat għal kull unità ta' riżorsi bijoloġiċi, filwaqt li l-valur ta' tali riżorsi jinżamm fl-ekonomija għal aktar żmien u jiġi appoġġat il-prinċipju tal-użu kaskata tal-bijomassa sostenibbli permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni;

Emenda

– Iċ-ċirkolarità tal-ekonomija b'bażi bijoloġika permezz tal-innovazzjoni teknoloġija, sistemika, soċjali u tal-mudell tan-negozju sabiex jiżdied **il-valur** iġġenerat għal kull unità ta' riżorsi bijoloġiċi, filwaqt li l-valur ta' tali riżorsi jinżamm fl-ekonomija għal aktar żmien u jiġi appoġġat il-prinċipju tal-użu kaskata tal-bijomassa sostenibbli permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kelma "radikali" mhijiex definita.

Emenda 174

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Għarfien akbar tas-sewwieqa u l-ostakli għad-dħul ta' prodotti b'bażi bijoloġika permezz ta' riċerka dwar il-marka CE, l-ittikkettjar, l-applikazzjoni ta' standards, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, l-akkwist pubbliku u l-attivitajiet regolatorji, inkluż minn perspettiva globali ta' kompetizzjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Se jkun importanti għas-settur b'bażi bijoloġika li jkollu bażi xjentifika għall-inċentivi u l-ostakli sabiex jinfetħ il-potenzjal sħiħ ta' dan is-settur emerġenti, b'mod partikolari fir-rigward tar-regolamentazzjoni u l-leġiżlazzjoni tal-UE

Emenda 175

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 4 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- Analiżi ***tal-sigurtà tal-enerġija tal-provvista*** tal-UE, inkluż l-infrastruttura tal-enerġija u s-swieq tal-enerġija;

- Analiżi ***tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija*** tal-UE, inkluż l-infrastruttura tal-enerġija, u s-swieq tal-enerġija ***u b'kunsiderazzjoni tal-urġenza tad-dekarbonizzazzjoni rapida tas-sistemi tal-enerġija;***

Or. en

Emenda 176

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 4 – inċiż 13

Test propost mill-Kummissjoni

– Analiżi ta' fjuwils **alternattivi** u
ħtiġijiet ta' infrastruttura relatati.

Emenda

– Analiżi ta' fjuwils **b'emissjonijiet
baxxi tal-karbonju** u ħtiġijiet ta'
infrastruttura relatati.

Or. en

Emenda 177

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 4 – inċiż 13a
(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- *Analiżi ta' kif l-Unjoni tista' tiġi
sottoposta għal dekarbonizzazzjoni
kosteffikaċi rapida fuq skala kbira, bl-użu
ukoll tal-infrastruttura eżistenti.*

Or. en

Emenda 178

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 5 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

– Metodi vvalidati, testijiet tal-
profiċjenza tal-laboratorji u għodod
analitiċi ġodda għall-implimentazzjoni tal-
politiki tas-sikurezza alimentari;

Emenda

– Metodi vvalidati, testijiet tal-
profiċjenza tal-laboratorji u għodod
analitiċi ġodda għall-implimentazzjoni tal-
politiki tas-sikurezza alimentari **u tat-
traċċabilità; metodi ta' detezzjoni għal
tekniki ġodda tat-tnissil tal-pjanti;**

Or. en

Emenda 179

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 5 – inċiż 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- **Metodi għall-valutazzjoni ta' sustanzi li jseħħu b'mod naturali bħala prodotti għall-kura tas-saħħa tal-pjanti;**

Or. en

Emenda 180

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

III

III **Ewropa Innovattiva**

Or. en

Emenda 181

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Parti III – paragrafu 7 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- **Żieda fil-kollaborazzjoni bejn it-tipi kollha ta' innovaturi, b'mod partikolari bejn in-negozji ġodda, l-SMEs u kumpaniji akbar, toħloq ekosistemi ġodda.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-aspett "kollaborattiv" tal-innovazzjoni jeħtieġ li jissaħħaħ.

Emenda 182

Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti III – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Il-pilastru ta' Orizzont Ewropa tal-**Innovazzjoni Miftuħa**, b'kooperazzjoni ma' politiki oħrajn tal-UE u b'mod partikolari il-Programm InvestEU, huwa mfassal biex iwassal riżultati tanġibbli bħal dawn. Jibni fuq il-lezzjonijiet mitgħallma u fuq l-esperjenza miksuba skont il-programmi qafas preċedenti, b'mod partikolari minn attivitajiet li jimmiraw teknoloġiji u innovazzjoni futuri (bħal Teknoloġiji Futuri u Emerġenti (FET) u Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni (FTI), SMEs (bħall-Istrument tal-SME), iżda wkoll finanzjament privat u korporattiv (bħal RSFF tal-FP7, InnovFin ta' Orizzont 2020), ilkoll parti mill-attivitajiet tal-"pilota EIC" varati għall-perjodu 2018-2020.

Emenda

Il-pilastru ta' Orizzont Ewropa tal-**Ewropa Innovattiva**, b'kooperazzjoni ma' politiki oħrajn tal-UE u b'mod partikolari il-Programm InvestEU, huwa mfassal biex iwassal riżultati tanġibbli bħal dawn. Jibni fuq il-lezzjonijiet mitgħallma u fuq l-esperjenza miksuba skont il-programmi qafas preċedenti, b'mod partikolari minn attivitajiet li jimmiraw teknoloġiji u innovazzjoni futuri (bħal Teknoloġiji Futuri u Emerġenti (FET) u Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni (FTI), SMEs (bħall-Istrument tal-SME), iżda wkoll finanzjament privat u korporattiv (bħal RSFF tal-FP7, InnovFin ta' Orizzont 2020), ilkoll parti mill-attivitajiet tal-"pilota EIC" varati għall-perjodu 2018-2020.

Or. en

Emenda 183

Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti III – paragrafu 10 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Abbażi ta' dawn l-esperjenzi, dan il-Pilastru jipprevedi t-tnedija ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), li se jippromwovi l-innovazzjoni rivoluzzjonarja b'potenzjal ta' espansjoni rapida fil-livell globali u permezz ta' azzjonijiet u attivitajiet dedikati:

Emenda

Abbażi ta' dawn l-esperjenzi, dan il-Pilastru jipprevedi t-tnedija ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), li se jippromwovi **r-riċerka u** l-innovazzjoni rivoluzzjonarja b'potenzjal ta' espansjoni rapida fil-livell globali u permezz ta' azzjonijiet u attivitajiet dedikati:

Or. en

Emenda 184

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – paragrafu 10 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– L-appoġġ għall-iżvilupp ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji futuri u emerġenti;

Emenda

– L-appoġġ għall-iżvilupp ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji futuri u emerġenti, ***inkluż permezz ta' riċerka kollaborattiva mmirata;***

Or. en

Emenda 185

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Parti III – paragrafu 10 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Il-promozzjoni tat-tixrid u l-adozzjoni tal-innovazzjoni f'katini tal-valur industrijali u ekonomiċi oħra;***

Or. en

Emenda 186

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Parti III – paragrafu 10 – inċiż 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Il-ħolqien ta' sinerġiji mal-attivitajiet f'partijiet oħra tal-Programm.***

Or. en

Emenda 187

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – paragrafu 11 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Appoġġ għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KICs).

Emenda

– Appoġġ ***imsaħħaħ*** għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KICs) - ***dak li issa huwa l-punt uniku ta' kuntatt għall-innovazzjoni fl-Ewropa, li huwa stabbilit sew.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan is-suġġeriment ta' abbozzar jirrifletti l-emendi proposti li saru għal dan it-test.

Emenda 188

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – parti III – paragrafu 11a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-EIT huwa l-akbar ekosistema tal-innovazzjoni integrata fl-Ewropa, b'aktar minn 1,000 imsieħeb eċċellenti mid-dinja tan-negozju, tar-riċerka u tal-edukazzjoni u lil hinn. Il-mudell ta' innovazzjoni tal-EIT jaħdem u jibqa' partikolarment rilevanti biex jitneħħew l-ostakli għall-innovazzjoni fil-livell tal-Istati Membri u dak reġjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Deskrizzjoni tar-rwol tal-EIT hija nieqsa

Emenda 189

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

L-EIC se jiġi implimentat primarjament permezz ta' żewġ tipi ta' azzjoni komplementari, jiġifieri l-Pathfinder għar-Riċerka Avanzata, għall-istadji bikrija tal-iżvilupp tat-teknoloġija, u l-Aċċelleratur għall-azzjonijiet tal-innovazzjoni u l-varar fis-suq, inkluż l-istadji ta' qabel il-kommerċjalizzazzjoni tal-massa u t-tkabbir tal-kumpanija. Bl-idea li **jiġi offrut** one-stop shop uniku u proċess uniku, l-Aċċelleratur ukoll se jagħti finanzjament imħallat, li jikkombina l-għotjiet mal-investimenti tal-ekwiżità. Addizzjonalment se jippermetti wkoll aċċess għal self skont il-Programm InvestEU.

Emenda

L-EIC se jiġi implimentat primarjament permezz ta' żewġ tipi ta' azzjoni komplementari, jiġifieri l-Pathfinder **tal-EIC** għar-Riċerka Avanzata, għall-istadji bikrija tal-iżvilupp tat-teknoloġija, u l-Aċċelleratur **tal-EIC** għall-azzjonijiet tal-innovazzjoni u l-varar fis-suq, inkluż l-istadji ta' qabel il-kommerċjalizzazzjoni tal-massa u t-tkabbir tal-kumpanija. Bl-idea li **l-EIT tiġi kkomplementata billi toffri** one-stop shop uniku u proċess uniku, l-Aċċelleratur ukoll se jagħti finanzjament imħallat, li jikkombina l-għotjiet mal-investimenti tal-ekwiżità. Addizzjonalment se jippermetti wkoll aċċess għal self skont il-Programm InvestEU.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-EIT diġà hija punt uniku ta' kuntatt għall-innovazzjoni fl-Ewropa. Biex iwettaq l-impatt mistenni ta' innovazzjoni fuq iċ-ċittadin, l-istrumenti kollha ta' Orizzont Ewropa għandhom jorbtu ma' xulxin u mhux jibblukkaw. Id-duplikazzjonijiet attwali bejn l-EIT u l-EIC għandhom jiġu solvuti.

Emenda 190

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3– inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Jiffokaw fuq l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u fixkiela, inkluż dawk soċjali, li għandhom il-potenzjal li joħolqu swieq ġodda, b'kuntrarju għal dawk li jagħmlu titjib inkrementali fi prodotti, servizzi jew mudelli tan-negożju eżistenti;

Emenda

– Jiffokaw fuq **ir-riċerka fuq teknoloġiji tal-futur li huma radikalment ġodda, u** l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u fixkiela, inkluż dawk soċjali, li għandhom il-potenzjal li joħolqu swieq ġodda **jew jagħmlu possibbli soluzzjonijiet ġodda,** b'kuntrarju għal dawk li jagħmlu titjib inkrementali fi prodotti, servizzi jew mudelli tan-negożju eżistenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni jrid jinkoraġġixxi l-iżvilupp tar-riċerka dwar teknoloġiji futuri radikalment ġodda li se joħloq l-innovazzjoni. Barra minn hekk, innovazzjonijiet indiretti b'potenzjal għoli għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni, u mhux biss dawk b'potenzjal tas-suq viżibbli.

Emenda 191

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Ikunu primarjament minn isfel għal fuq, miftuħa għall-innovazzjonijiet mill-oqsma kollha tax-xjenza, it-teknoloġija u l-applikazzjonijiet fi kwalunkwe settur, filwaqt li jippermettu wkoll appoġġ immirat għal teknoloġiji emerġenti li huma rivoluzzjonarji jew fixkiela ta' sinifikat strateġiku potenzjali;

Emenda

– Ikunu primarjament minn isfel għal fuq, miftuħa **għal riċerka xjentifika immirata u** innovazzjonijiet mill-oqsma kollha tax-xjenza, it-teknoloġija u l-applikazzjonijiet fi kwalunkwe settur, **mit-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet**, filwaqt li jippermettu wkoll appoġġ immirat għal teknoloġiji emerġenti li huma rivoluzzjonarji jew fixkiela ta' sinifikat strateġiku potenzjali;

Or. en

Emenda 192

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– **Innovazzjonijiet** li jkollhom impatt f'oqsma u setturi xjentifiċi, teknoloġiċi (eż. jikkombinaw l-oqsma fiżiċi u diġitali) se jkunu mħeġġa;

Emenda

– **Riċerka u innovazzjoni** li jkollhom impatt f'oqsma u setturi xjentifiċi, teknoloġiċi (eż. jikkombinaw l-oqsma fiżiċi u diġitali) se jkunu mħeġġa;

Or. en

Emenda 193

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– Dawn se jkunu ċċentrati fuq ***l-innovaturi***, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u r-rekwiżiti amministrattivi, jagħmlu użu minn intervisti sabiex jgħinu jivvalutaw l-applikazzjonijiet u jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet imħaffef;

Emenda

– Dawn se jkunu ċċentrati fuq ***riċerka u*** innovaturi, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u r-rekwiżiti amministrattivi, jagħmlu użu minn intervisti sabiex jgħinu jivvalutaw l-applikazzjonijiet u jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet imħaffef;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riċerkaturi jridu jiġu inklużi fit-test. L-istrument Pathfinder se jibni fuq l-iskema tal-FET u tkun miftuħ għal organizzazzjonijiet ta' riċerka u għal proġetti kollaborattivi li jimmiraw li jiżviluppaw riċerka avvanzata u teknoloġiji radikalment ġodda b'opportunitajiet tas-suq promettenti.

Emenda 194

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Se tingħata attenzjoni partikolari biex tkun żgurata l-komplementarjetà preċiża u effiċjenti mal-inizjattivi individwali jew fuq network tal-Istati Membri, inkluż fil-forma ta' Sħubija Ewropea.

Emenda

Barra minn hekk, se tingħata attenzjoni partikolari biex tkun żgurata l-komplementarjetà preċiża u effiċjenti mal-inizjattivi individwali jew fuq network tal-Istati Membri, inkluż fil-forma ta' Sħubija Ewropea.

Or. en

Emenda 195

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1.1.1. Il-Pathfinder għar-Riċerka Avvanzata

Emenda

1.1.1. Il-Pathfinder ***tal-EIC*** għar-Riċerka Avvanzata

Emenda 196**Proposta għal deċiżjoni****Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

L-għan kumplessiv tal-Pathfinder se jkun li jrawwem innovazzjoni potenzjali ta' ħolqien tas-suq mill-ideat teknoloġiji revoluzzjonarji, u jwassalhom sal-istadju ta' dimostrazzjoni jew żvilupp tal-każijiet tan-negozju jew l-istrateġiji għal utilizzazzjoni ulterjuri mill-Aċċelleratur jew kwalunkwe soluzzjoni ta' varar oħra tas-suq. Għal dak il-fini, il-Pathfinder inizjalment se jappoġġa l-istadji bikrija tar-riċerka u l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku, inkluż l-prova tal-kunċett u l-prototipi għall-validazzjoni teknoloġika.

Emenda

L-għan kumplessiv tal-Pathfinder se jkun **li jappoġġa r-riċerka fuq teknoloġiji futuri li huma radikalment ġodda**, li jrawwem innovazzjoni potenzjali ta' ħolqien tas-suq mill-ideat **xjentifiċi u teknoloġiċi** revoluzzjonarji, u jwassalhom sal-istadju ta' dimostrazzjoni jew żvilupp tal-każijiet tan-negozju jew l-istrateġiji għal utilizzazzjoni ulterjuri mill-Aċċelleratur jew kwalunkwe soluzzjoni ta' varar oħra tas-suq. Għal dak il-fini, il-Pathfinder inizjalment se jappoġġa l-istadji bikrija tar-riċerka u l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku, inkluż **ir-riċerka mill-aktar avvanzata**, il-prova tal-kunċett u l-prototipi għall-validazzjoni teknoloġika.

Or. en

Emenda 197**Proposta għal deċiżjoni****Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – paragrafu 4***Test propost mill-Kummissjoni*

Dawn il-portafolli ta' proġetti magħżula²⁵ se jkomplu jiġu żviluppati u mtejba, kull wieħed flimkien ma' viżjoni żviluppata mal-innovaturi tagħhom, iżda wkoll kondiviża mal-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni ġenerali. L-Attivitajiet ta' Tranżizzjoni tal-Pathfinder se jiġu implimentati biex jgħinu lill-innovaturi jiżviluppaw il-mogħdija għall-iżvilupp kummerċjali, bħall-attivitajiet ta' dimostrazzjoni u l-istudji tal-fattibbiltà

Emenda

Dawn il-portafolli ta' proġetti magħżula²⁵ se jkomplu jiġu żviluppati u mtejba, kull wieħed flimkien ma' viżjoni żviluppata mal-innovaturi tagħhom, iżda wkoll kondiviża mal-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni ġenerali. L-Attivitajiet ta' Tranżizzjoni tal-Pathfinder se jiġu implimentati biex jgħinu lill-innovaturi **ta' riskju għoli** jiżviluppaw il-mogħdija għall-iżvilupp kummerċjali, bħall-attivitajiet ta' dimostrazzjoni u l-istudji tal-fattibbiltà

biex jivvalutaw il-każijiet kummerċjali potenzjali, u l-appoġġ għall-ħolqien ta' spin-offs u ta' negozji ġodda. Dawn l-attivitajiet ta' tranżizzjoni tal-Pathfinder jistgħu jikkonsistu wkoll minn għotjiet komplimentari sabiex iżidu ma' u jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni ta' azzjonijiet preċedenti u daww għaddejnin, sabiex jinġiebu sħab ġodda, sabiex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni fil-portafoll u sabiex jiġu żviluppanti l-komunitajiet multidixxiplinari tiegħu.

²⁵ Dawn jistgħu jinkludu wkoll proġetti magħżula skont il-programmi ta' Orizzont 2020 bħal FET. Dawn jistgħu jinkludu wkoll attivitajiet rilevanti appoġġati tal-UE oħrajn u Siġill tal-Eċċellenza ffinanzjat li jirriżulta minn sejħiet tal-Pathfinder.

biex jivvalutaw il-każijiet kummerċjali potenzjali, u l-appoġġ għall-ħolqien ta' spin-offs u ta' negozji ġodda. Dawn l-attivitajiet ta' tranżizzjoni tal-Pathfinder jistgħu jikkonsistu wkoll minn għotjiet komplimentari sabiex iżidu ma' u jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni ta' azzjonijiet preċedenti u daww għaddejnin, sabiex jinġiebu sħab ġodda, sabiex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni fil-portafoll u sabiex jiġu żviluppanti l-komunitajiet multidixxiplinari tiegħu.

²⁵ Dawn jistgħu jinkludu wkoll proġetti magħżula skont il-programmi ta' Orizzont 2020 bħal FET. Dawn jistgħu jinkludu wkoll attivitajiet rilevanti appoġġati tal-UE oħrajn u Siġill tal-Eċċellenza ffinanzjat li jirriżulta minn sejħiet tal-Pathfinder.

Or. en

Emenda 198

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Pathfinder se jkun miftuħ għal kull tip ta' innovatur, minn individwi għal universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka u kumpaniji, partikolarment negozji ġodda u SMEs, u minn benefiċjarji uniċi għal konsorzja multidixxiplinari. Fil-każ ta' proġetti ta' benefiċjarji uniċi, kumpaniji akbar mhux se jkunu permessi. Il-Pathfinder se jiġi implimentat b'koordinazzjoni mill-qrib ma' partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa, partikolarment mal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), u ***l-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) tal-attivitajiet*** tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). Se jiġi implimentat

Emenda

Il-Pathfinder se jkun miftuħ għal kull tip ta' innovatur ***ta' potenzjal għoli***, minn individwi għal universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka ***u tat-teknoloġija*** u kumpaniji, partikolarment negozji ġodda u SMEs, u minn benefiċjarji uniċi għal konsorzja multidixxiplinari. Fil-każ ta' proġetti ta' benefiċjarji uniċi, kumpaniji akbar mhux se jkunu permessi. ***Sabiex jiġu żgurati s-sinerġiji u jiġu evitati duplikazzjonijiet***, il-Pathfinder se jiġi implimentat b'koordinazzjoni mill-qrib ma' partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa, partikolarment mal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), u ***l-attivitajiet*** tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-

ukoll b'koordinazzjoni mill-qrib mal-programmi u l-attivitajiet tal-Istati Membri.

Teknoloġija (EIT). ***Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jiżiedu negozji ġodda ġġenerati minn Orizzont Ewropa.*** Se jiġi implimentat ukoll b'koordinazzjoni mill-qrib mal-programmi u l-attivitajiet tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 199

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1.1.2. L-Aċċelleratur

1.1.2. L-Aċċelleratur ***tal-EIC***

Or. en

Emenda 200

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Konsegwentement, l-Aċċelleratur se jipprovdi appoġġ finanzjarju lil innovaturi u kumpaniji li s'issa mhumiex "bankabbli" u attraenti għall-investituri, li għandhom l-ambizzjoni li jiżviluppaw u jvaraw fis-swieq tal-UE u dawk internazzjonali l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji tagħhom u li jespandu b'mod rapidu. Għal dak il-fini se jibni fuq l-esperjenza mill-Fażijiet 2 u 3 tal-Istrument għall-SME ta' Orizzont 2020 u minn InnovFin ta' Orizzont 2020, partikolarment permezz taż-żieda ta' komponenti li mhumiex għotjiet u l-abbiltà li jappoġġa investimenti akbar u aktar fit-tul.

Konsegwentement, l-Aċċelleratur se jipprovdi, ***b'komplimentarjetà sħiħa mal-appoġġ tal-EIT għal impriżi fl-istadju ta' bidu kif ukoll f'dak ta' espansjoni,*** appoġġ finanzjarju lil innovaturi u kumpaniji li s'issa mhumiex "bankabbli" u attraenti għall-investituri, li għandhom l-ambizzjoni li jiżviluppaw u jvaraw fis-swieq tal-UE u dawk internazzjonali l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji tagħhom u li jespandu b'mod rapidu. Għal dak il-fini se jibni fuq l-esperjenza mill-Fażijiet 2 u 3 tal-Istrument għall-SME ta' Orizzont 2020 u minn InnovFin ta' Orizzont 2020, partikolarment permezz taż-żieda ta' komponenti li mhumiex għotjiet u l-abbiltà li jappoġġa investimenti akbar u aktar fit-tul.

Emenda 201**Proposta għal deċiżjoni****Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2 – paragrafu 7***Test propost mill-Kummissjoni*

L-Aċċelleratur se jopera primarjament permezz ta' sejħa kontinwament miftuħa u minn isfel għal fuq, jimmira imprendituri individwali (l-aktar negozji ġodda u SMEs) u jagħti attenzjoni partikolari lill-innovaturi żgħażaġħ u nisa. Din is-sejħa miftuħa u minn isfel għal fuq se tiġi kkumpimentata minn appoġġ immirat għal teknoloġiji emerġenti li huma rivoluzzjonarji jew fixkiela ta' sinifikanza strateġika potenzjali. Jistgħu jiġu sottomessi wkoll proposti minn investituri, inkluż aġenziji ta' innovazzjoni pubblika, iżda l-appoġġ se jingħata lill-kumpanija.

Emenda

L-Aċċelleratur se jopera primarjament permezz ta' sejħa kontinwament miftuħa u minn isfel għal fuq, jimmira imprendituri individwali (l-aktar negozji ġodda u SMEs) u jagħti attenzjoni partikolari lill-innovaturi żgħażaġħ u nisa. Din is-sejħa miftuħa u minn isfel għal fuq se tiġi kkumpimentata minn appoġġ immirat għal teknoloġiji emerġenti li huma rivoluzzjonarji jew fixkiela ta' sinifikanza strateġika potenzjali. Jistgħu jiġu sottomessi wkoll proposti minn investituri, inkluż aġenziji ta' innovazzjoni pubblika, iżda l-appoġġ se jingħata lill-kumpanija. ***Komplementarjetà sħiħa mal-attivitajiet tal-programmi tal-Aċċellerazzjoni EIT se tkun żgurata.***

Or. en

Emenda 202**Proposta għal deċiżjoni****Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2 – paragrafu 8***Test propost mill-Kummissjoni*

L-Aċċelleratur se jippermetti l-utilizzazzjoni rapida tal-innovazzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti appoġġati mill-Pathfinder, minn "programmi tar-riċerka avvanzata" simili tal-Istati Membri u minn pilastru oħrajn tal-Programmi Qafas tal-UE²⁸, sabiex jappoġġahom biex jaslu fis-suq. Din l-identifikazzjoni tal-proġetti appoġġati f'pilastru oħrajn ta' Orizzont Ewropa u wkoll fil-Programmi Qafas preċedenti se tkun ibbażata fuq

Emenda

L-Aċċelleratur se jippermetti l-utilizzazzjoni rapida tal-innovazzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti appoġġati mill-Pathfinder, minn "programmi tar-riċerka avvanzata" simili tal-Istati Membri, ***mill-EIT*** u minn pilastru oħrajn tal-Programmi Qafas tal-UE²⁸, sabiex jappoġġahom biex jaslu fis-suq. Din l-identifikazzjoni tal-proġetti appoġġati f'pilastru oħrajn ta' Orizzont Ewropa u wkoll fil-Programmi Qafas preċedenti se tkun ibbażata fuq

metodoloġiji pertinenti, bħar-Radar tal-Innovazzjoni.

metodoloġiji pertinenti, bħar-Radar tal-Innovazzjoni.

²⁸ Bħall-Prova tal-Kunċett tal-ERC, minn proġetti appoġġati skont il-Pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali", **negozji ġodda li joħorġu mill-KKI tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, ...** inkluż minn attivitajiet ta' Orizzont 2020, partikolarment proġetti magħżula skont il-Fażi 2 tal-SME ta' Orizzont 2020 u s-Siġill ta' Eċċellenza relatat ifffinanzjat mill-Istati Membri, Sħubiji Ewropej (eżistenti u futuri).

²⁸ Bħall-Prova tal-Kunċett tal-ERC, minn proġetti appoġġati skont il-Pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali", inkluż minn attivitajiet ta' Orizzont 2020, partikolarment proġetti magħżula skont il-Fażi 2 tal-SME ta' Orizzont 2020 u s-Siġill ta' Eċċellenza relatat ifffinanzjat mill-Istati Membri, Sħubiji Ewropej (eżistenti u futuri).

Or. en

Emenda 203

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.3 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozji tal-EIC b'appoġġ għall-attivitajiet u l-azzjonijiet tal-Pathfinder u l-Aċċelleratur. L-għan se jkun li l-Komunità tal-EIC ta' innovaturi ffinanzjati, inkluż is-Siġill tal-Eċċellenza, tiġi konnessa, mal-investituri, is-sħab u x-xerrejja pubbliċi. Dan se jipprovdi firxa ta' servizzi ta' coaching u ta' mentoraġġ lill-azzjonijiet tal-EIC. Dan se jipprovdi lill-innovaturi b'aċċess għal networks internazzjonali ta' sħab potenzjali, inkluż dawk industrijali, sabiex jikkumplimentaw katina tal-valur jew jiġu żviluppati opportunitajiet tas-suq, u jinstabu investituri u sorsi oħrajn ta' finanzjament privat jew korporattiv. L-attivitajiet se jinkludu avvenimenti f'ħin reali (eż. avvenimenti ta' senserija, sessjonijiet ta' pitching) iżda anki, l-iżvilupp ta' pjattaformi li jaqblu jew l-użu ta' dawk eżistenti, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-intermedjarji finanzjarji appoġġati

Emenda

– Servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozji tal-EIC b'appoġġ għall-attivitajiet u l-azzjonijiet tal-Pathfinder u l-Aċċelleratur. L-għan se jkun li l-Komunità tal-EIC ta' innovaturi ffinanzjati, inkluż is-Siġill tal-Eċċellenza, tiġi konnessa, mal-investituri, is-sħab u x-xerrejja pubbliċi. Dan se jipprovdi firxa ta' servizzi ta' coaching u ta' mentoraġġ lill-azzjonijiet tal-EIC. Dan se jipprovdi lill-innovaturi b'aċċess għal networks internazzjonali ta' sħab potenzjali, inkluż dawk industrijali, sabiex jikkumplimentaw katina tal-valur jew jiġu żviluppati opportunitajiet tas-suq, u jinstabu investituri u sorsi oħrajn ta' finanzjament privat jew korporattiv. L-attivitajiet se jinkludu avvenimenti f'ħin reali (eż. avvenimenti ta' senserija, sessjonijiet ta' pitching) iżda anki, l-iżvilupp ta' pjattaformi li jaqblu jew l-użu ta' dawk eżistenti, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-intermedjarji finanzjarji appoġġati

minn InvestEU u l-Grupp BEI. Dawn l-attivitajiet se jinkoraġġixxu wkoll l-iskambji bejn il-pari bħala sors ta' tagħlim f'ekosistema ta' innovazzjoni, b'użu partikolarment tajjeb tal-Membri tal-Bord ta' Konsulenza ta' Livell Għoli tal-EIC u l-Fellows tal-EIC;

minn InvestEU u l-Grupp BEI. Dawn l-attivitajiet se jinkoraġġixxu wkoll l-iskambji bejn il-pari bħala sors ta' tagħlim f'ekosistema ta' innovazzjoni, b'użu partikolarment tajjeb tal-Membri tal-Bord ta' Konsulenza ta' Livell Għoli tal-EIC u l-Fellows tal-EIC; ***Dawk l-attivitajiet addizzjonali EIC iffukaw fuq innovazzjonijiet rivoluzzjonarji/ta' riskju għoli, se jikkumplimentaw il-portafoll simili tal-attivitajiet tal-EIT immirati lejn intraprendituri, innovaturi u negozji ġodda.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex ikun hemm impatt mistenni fuq l-innovazzjoni għaċ-ċittadini, l-istrumenti għandhom jorbtu ma' xulxin u s-sinerġiji potenzjali mmassimizzati fl-ispirtu tal-aħjar valur għall-flus tal-kontribwenti Ewropej.

Emenda 204

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.3 – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– L-Isfidi tal-EIC, jiġifieri premjijiet ta' inċentiv, sabiex jgħinu jiżviluppaw ***soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi globali***, jattiraw atturi ġodda u jiżviluppaw komunitajiet ġodda. Il-premijiet ta' rikonoxximent tal-EIC se jinkludu l-iCapital, il-Premju ta' Inċentiv tal-Innovazzjoni Soċjali, u l-Premju tal-Innovaturi Nisa.²⁹ Id-disinn ta' dawn il-premji se jorbot ***lill-EIC*** ma' partijiet oħrajn ***tal-Programm Qafas***, inkluż missjonijiet u ***korpi ta' finanzjament oħrajn***. Se jiġu esplorati opportunitajiet għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet (bħal intrapriżi, universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka, aċċelleraturi tan-negozju, karitajiet u fondazzjonijiet).

Emenda

– L-Isfidi tal-EIC, jiġifieri premjijiet ta' inċentiv, sabiex jgħinu jiżviluppaw ***innovazzjonijiet goddarevoluzzjonarji***, jattiraw atturi ġodda u jiżviluppaw komunitajiet ġodda. Il-premijiet ta' rikonoxximent tal-EIC se jinkludu l-iCapital, il-Premju ta' Inċentiv tal-Innovazzjoni Soċjali, u l-Premju tal-Innovaturi Nisa.²⁹ Id-disinn ***u l-implimentazzjoni*** ta' dawn il-premji se jorbot ma' partijiet oħra ***tal-programm***, inklużi missjonijiet u ***l-EIT sabiex jiżguraw il-komplimentarjetà u jiġu evitati duplikazzjonijiet***. Se jiġu esplorati opportunitajiet għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet (bħal intrapriżi, universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka, aċċelleraturi tan-negozju, karitajiet

u fondazzjonijiet).

²⁹ Il-premji tal-EIC se jieħdu r-responsabbiltà tal-ġestjoni tal-premjijiet varati skont Orizzont 2020 u jipprevedu d-disinn u l-implimentazzjoni ta' premjijiet ta' inċentiv u premjijiet ta' rikonoxximent ġodda.

²⁹ Il-premji tal-EIC se jieħdu r-responsabbiltà tal-ġestjoni tal-premjijiet ***mogħtija mill-Kummissjoni*** varati skont Orizzont 2020 u jipprevedu d-disinn u l-implimentazzjoni ta' premjijiet ta' inċentiv u premjijiet ta' rikonoxximent ġodda.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ġhoti tal-premjijiet tal-IET huma prattika annwali prestiġjuża u stabbilita sew b'applikazzjoni u kategoriji simili kif qed ikun propost għall-Isfidi EIC. F'dan il-kuntest, iż-żewġ organizzazzjonijiet għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm duplikazzjonijiet u tirkib mhux meħtieġa.

Emenda 205

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Bord ta' Konsulenza ta' Livell Għoli tal-EIC (il-Bord tal-EIC) se jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-EIC. ***Barra milli jagħti pariri dwar il-programmi ta' ħidma tal-EIC, il-Bord tal-EIC se jkollu rwol attiv fl-ġhoti ta' pariri*** dwar il-ġestjoni u l-azzjonijiet ta' segwitu. Se jkollu funzjoni ta' komunikazzjoni, fejn il-membri jkollhom rwol ta' ambaxxaturi sabiex jgħinu fl-istimolazzjoni tal-innovazzjoni fl-UE. Il-kanali ta' komunikazzjoni se jinkludu attendenza f'avvenimenti ta' innovazzjoni ewlenin, il-midja soċjali, il-kostituzzjoni ta' komunità ta' innovaturi tal-EIC, interazzjoni mal-midja ewlenija b'fokus fuq l-innovazzjoni, avvenimenti komuni mal-hubs tal-inkubaturi u l-aċċellerazzjoni.

Emenda

Il-Bord ta' Konsulenza ta' Livell Għoli tal-EIC (il-Bord tal-EIC) se jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-EIC. ***Dan se jkun magħmul minn esperti akkademiċi dwar il-politika tal-innovazzjoni, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, l-intraprendituri, u l-kapitalisti ta' riskju, fost oħrajn.***

Għall-implimentazzjoni tal-EIC, il-Kummissjoni għandha, bl-appoġġ tal-Bord tal-EIC, ttipprovi:

· differenzjazzjoni ċara bejn il-gruppi fil-mira indirizzati u l-ħtiġijiet distinti tagħhom;

· dettalji dwar kif se timplimenta l-appoġġ imħallat (għotja, ekwità, self u garanzija);

· mekkaniżmu solidu għal evalwazzjoni sistematika u f'ħin reali tal-Programm biex jiżguraw proċess ta' taqlim ta' politika b'ħeffa u jiġu żviluppanti sekwenzi tal-innovazzjoni iterattivi, inkluża l-għażla u l-implimentazzjoni ta' indikaturi;

kooperazzjoni strutturali bejn l-EIC u l-EIT sabiex tiġi żgurata l-komplementarjetà. L-EIC se tiffoka fuq appoġġ fuq skala kbira/ta' riskju għoli għal innovatur promettenti, filwaqt li tikkomplimenta l-appoġġ tal-EIT għal negozji ġodda u għal negozji li qed jespandu;

deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-manijers tal-programm;

definizzjoni tal-għodda biex jiġu attirati investituri ta' kapital ta' riskju f'każ ta' proġetti riskjużi ħafna;

...id-definizzjoni tal-għanijiet ta' innovazzjoni f'termini ta' prodott, proċess, kummerċjalizzazzjoni u servizzi;

*Il-Bord se jagħti pariri wkoll dwar il-programmi ta' ħidma tal-EIC, il-ġestjoni u l-azzjonijiet ta' segwitu tal-EIC. Se jkollu funzjoni ta' komunikazzjoni, fejn il-membri jkollhom rwol ta' ambaxxaturi sabiex jgħinu fl-istimolazzjoni tal-innovazzjoni fl-UE. Il-kanali ta' komunikazzjoni se jinkludu attendenza f'avvenimenti ta' innovazzjoni ewlenin, il-midja soċjali, il-kostituzzjoni ta' komunità ta' innovaturi tal-EIC, interazzjoni mal-midja ewlenija b'fokus fuq l-innovazzjoni, avvenimenti komuni mal-hubs tal-inkubaturi u l-aċċellerazzjoni. **Il-Bord ta' Tmexxija tal-EIT u l-Bord tal-EIC se jikkooperaw mill-qrib biex jiġu sfruttati s-sinerġiji u jiżdied il-valur miżjud għall-innovaturi u l-***

Emenda 206

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Bord tal-EIC se jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni fir-rigward tax-xejriet fl-innovazzjoni jew inizjattivi meħtieġa sabiex tiġi mtejba u mrawma l-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE, inklużi ostakli regolatorji potenzjali. Il-parir tal-Bord jenħtieġ li jidentifika wkoll oqsma emerġenti ta' innovazzjoni li għandhom jiġu kkunsidrati fl-attivitajiet tal-pilastru u l-missjonijiet tal-Isfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali. B'dan il-mod, il-Bord huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-koerenza ġenerali tal-programm Orizzont Ewropa.

Emenda

Il-Bord tal-EIC, *f'konsultazzjoni mal-Bord ta' Tmexxija tal-EIT*, se jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni fir-rigward tax-xejriet fl-innovazzjoni jew inizjattivi meħtieġa sabiex tiġi mtejba u mrawma l-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE, inklużi ostakli regolatorji potenzjali. Il-parir tal-Bord jenħtieġ li jidentifika wkoll oqsma emerġenti ta' innovazzjoni li għandhom jiġu kkunsidrati fl-attivitajiet tal-pilastru u l-missjonijiet tal-Isfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali. B'dan il-mod, il-Bord huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-koerenza ġenerali tal-programm Orizzont Ewropa.

Emenda 207

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-UE trid timmira wkoll li tiżviluppa ekosistemi li jappoġġaw l-innovazzjoni soċjali u l-innovazzjoni fis-settur pubbliku, barra mill-innovazzjoni fl-intrapriżi privati. Tabilħaqq, is-settur tal-gvern irid ikun innovattiv u jġedded lil nnifsu sabiex ikun jista' jappoġġa l-bidliet fir-regolamentazzjoni u l-governanza meħtieġa sabiex tiġi appoġġata l-

Emenda

L-UE trid timmira wkoll li tiżviluppa ekosistemi li jappoġġaw l-innovazzjoni soċjali u l-innovazzjoni fis-settur pubbliku, barra mill-innovazzjoni fl-intrapriżi privati. Tabilħaqq, is-settur tal-gvern irid ikun innovattiv u jġedded lil nnifsu sabiex ikun jista' jappoġġa l-bidliet fir-regolamentazzjoni u l-governanza meħtieġa sabiex tiġi appoġġata l-

implimentazzjoni fuq skala kbira ta' teknoloġiji ġodda u domanda mill-pubbliku li qed tiżdied għat-twassil aktar effiċjenti u effettiv tas-servizzi. L-innovazzjonijiet soċjali huma kruċjali sabiex jittejjeb il-benesseri tas-soċjetajiet tagħna.

implimentazzjoni fuq skala kbira ta' teknoloġiji ġodda u domanda mill-pubbliku li qed tiżdied għat-twassil aktar effiċjenti u effettiv tas-servizzi. L-innovazzjonijiet soċjali huma kruċjali sabiex jittejjeb il-benesseri tas-soċjetajiet tagħna.

Bħala l-akbar netwerk ta' innovazzjoni tal-Unjoni, l-EIT se jkollu rwol importanti fl-implimentazzjoni ta' din il-prijorità. L-EIT jgħaqqad l-ekosistemi tal-innovazzjoni nazzjonali u reġjonali permezz tal-Komunitajiet tal-Innovazzjoni (KICs) tiegħu. Dawn jagħmlu l-każ għall-kooperazzjoni interreġjonali mixtieqa billi jorbtu l-ekosistemi tal-innovazzjoni fuq skala pan-Ewropea.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħala l-ikbar netwerk ta' innovazzjoni tal-Ewropa, l-EIT huwa fl-aħjar pożizzjoni biex jappoġġa din il-prijorità.

Emenda 208

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 1– parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni se torganizza Forum **tal-EIC** tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi responsabbli mill-politiki u l-programmi ta' innovazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, bil-għan li jiġu promossi l-koordinazzjoni u d-djalogu dwar l-iżvilupp tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE. Fi ħdan dan il-Forum **tal-EIC**, il-Kummissjoni se:

Emenda

Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni se torganizza Forum **tal-Innovazzjoni** tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi responsabbli mill-politiki u l-programmi ta' innovazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, bil-għan li jiġu promossi l-koordinazzjoni u d-djalogu dwar l-iżvilupp tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE. Fi ħdan dan il-Forum **ta' Innovazzjoni, il-partijiet interessati u l-korpi tal-Unjoni involuti, inkluż l-IET, il-Bord tal-EIC u l-Kummissjoni** se:

Or. en

Emenda 209

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– Ittejjeb l-koordinazzjoni bejn il-programmi ta' innovazzjoni nazzjonali u l-EIC sabiex jiġu stimolati sinerġiji operattivi u jiġi evitat t-trikkib, permezz tal-kondiviżjoni tad-data fuq programmi u l-implimentazzjoni tagħhom, riżorsi u għarfien espert, analiżi u monitoraġġ te' xejriet teknoloġiċi u innovattivi, u permezz tal-interkonnessjoni tal-komunitajiet ta' innovaturi rispettivi;

Emenda

– Ittejjeb l-koordinazzjoni bejn il-programmi ta' innovazzjoni nazzjonali u ***L-EIT kif ukoll*** l-EIC sabiex jiġu stimolati sinerġiji operattivi u jiġi evitat t-trikkib, permezz tal-kondiviżjoni tad-data fuq programmi u l-implimentazzjoni tagħhom, riżorsi u għarfien espert, analiżi u monitoraġġ te' xejriet teknoloġiċi u innovattivi, u permezz tal-interkonnessjoni tal-komunitajiet ta' innovaturi rispettivi;

Or. en

Emenda 210

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-attivitajiet se jiġu implimentati sabiex jiżguraw il-kumplementarjetà effettiva bejn it-tipi ta' azzjoni tal-EIC u l-fokus speċifiku tagħhom fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja, mal-attivitajiet implimentati mill-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, iżda anki minn inizjattivi privati, sabiex jiġu appoġġati t-tipi kollha ta' innovazzjoni, jintlaħqu l-innovaturi kollha tal-UE u jingħataw appoġġ imtejjeb u adegwat.

Emenda

L-attivitajiet se jiġu implimentati sabiex jiżguraw il-kumplementarjetà effettiva bejn it-tipi ta' azzjoni ***tal-EIT u*** tal-EIC u l-fokus speċifiku tagħhom fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja, mal-attivitajiet implimentati mill-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, iżda anki minn inizjattivi privati, sabiex jiġu appoġġati t-tipi kollha ta' innovazzjoni, jintlaħqu l-innovaturi kollha tal-UE u jingħataw appoġġ imtejjeb u adegwat.

Or. en

Emenda 211

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Għal dan il-għan, ***l-UE*** se:

Għal dan il-għan, ***il-korpi involuti tal-UE*** se:

Or. en

Emenda 212

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 3 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Tippetromwovi u tikkofinanzja programmi ta' innovazzjoni konġunti ġestiti minn awtoritajiet responsabbli minn politiki u programmi ta' innovazzjoni pubblika nazzjonali, reġjonali jew locali, li magħhom ***jistgħu*** jiġu assoċjati entitajiet privati li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-innovaturi. Programmi konġunti bħal dawn immexxijin mid-domanda jistgħu jimmiraw lejn, fost oħrajn, appoġġ fl-istadju bikri u tal-istudju ta' fattibbiltà, il-kooperazzjoni ***akkademja-intrapriżi, l-appoġġ għar-riċerka kollaborattiva ta' SMEs ta' teknoloġija avvanzata, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-għarfien***, l-internalizzazzjoni tal-SMEs, l-analiżi u l-iżvilupp tas-suq, id-diġitalizzazzjoni ta' SMEs mhux teknoloġikament avvanzati, l-istrumenti finanzjarji għall-attivitajiet ta' innovazzjoni qrib is-suq jew il-varar fis-suq, u l-innovazzjoni soċjali. Dawn jistgħu jinkludu wkoll inizzjattivi ta' akkwist pubbliku konġunti, li jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet fis-settur pubbliku, partikolarment b'appoġġ tal-iżvilupp ta' politiki ġodda. Dan jista' jkun partikolarment effettiv fl-istimulazzjoni tal-innovazzjoni fl-oqsma tas-servizz pubbliku u sabiex l-innovaturi Ewropej jiġu pprovduti b'opportunitajiet tas-suq.

– Tippetromwovi u tikkofinanzja programmi ta' innovazzjoni konġunti ġestiti minn awtoritajiet responsabbli minn politiki u programmi ta' innovazzjoni pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali, li magħhom ***għandhom*** jiġu assoċjati entitajiet privati li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-innovaturi. Programmi konġunti bħal dawn immexxijin ***mill-provvista u*** mid-domanda jistgħu jimmiraw lejn, fost oħrajn, appoġġ fl-istadju bikri u tal-istudju ta' fattibbiltà, il-kooperazzjoni ***bejn l-akkademja, l-organizzazzjonijiet u intrapriżi ta' riċerka***, l-internalizzazzjoni tal-SMEs, l-analiżi u l-iżvilupp tas-suq, id-diġitalizzazzjoni ta' SMEs mhux teknoloġikament avvanzati, l-istrumenti finanzjarji għall-attivitajiet ta' innovazzjoni qrib is-suq jew il-varar fis-suq, u l-innovazzjoni soċjali. Dawn jistgħu jinkludu wkoll inizzjattivi ta' akkwist pubbliku konġunti, li jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet fis-settur pubbliku, partikolarment b'appoġġ tal-iżvilupp ta' politiki ġodda. ***Meta jiġu ġestiti fil-livell lokali, dawk il-programmi għandhom jippermettu sħubijiet transnazzjonali u għandhom ikunu koerenti mal-istrateġiji tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti tar-reġjuni involuti***. Dan jista' jkun partikolarment effettiv fl-istimulazzjoni tal-innovazzjoni

fl-oqsma tas-servizz pubbliku u sabiex l-innovaturi Ewropej jiġu pprovduti b'opportunitajiet tas-suq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskema "ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni" għandha l-għan li tappoġġa l-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali, reġjonali u nazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, il-massa kritika u l-komplimentarjetà, għandhom jiġu mħeġġa ekosistemi ta' innovazzjoni lokali ibbażati fil-post sabiex jikkooperaw fil-livell Ewropew fil-qafas tal-istrateġiji rispettivi tagħhom ta' speċjalizzazzjoni Intelliġenti, li jiftħu t-triq għal sinerġiji mal-FEŻR.

Emenda 213

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

In-natura u l-iskala tal-isfidi tal-innovazzjoni jirrikjedu l-komunikazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-atturi u r-riżorsi fuq skala Ewropea, permezz tat-trawwim ta' kollaborazzjoni transkonfini. Is-silos bejn id-dixxiplini u tul il-ktajjen ta' valur iridu jinqerdu u jiġi mrawwem l-istabbiliment ta' ambjent favorevoli għal skambju effettiv tal-għarfien u l-għarfien espert, u għall-iżvilupp u l-attrazzjoni ta' talenti imprenditorjali.

Emenda

In-natura u l-iskala tal-isfidi tal-innovazzjoni jirrikjedu l-komunikazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-atturi u r-riżorsi fuq skala Ewropea, permezz tat-trawwim ta' kollaborazzjoni transkonfini. Is-silos bejn id-dixxiplini u tul il-ktajjen ta' valur iridu jinqerdu u jiġi mrawwem l-istabbiliment ta' ambjent favorevoli għal skambju effettiv tal-għarfien u l-għarfien espert, u għall-iżvilupp u l-attrazzjoni ta' talenti imprenditorjali.

L-EIT se jindirizza dawn l-isfidi f'konformità mal-għanijiet strateġiċi tiegħu għall-perjodu 2021-2027, li għandhom jiġu stipulati fil-proposta legali għall-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-EIT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-għanijiet tal-EIT għall-perjodu 2021-2027 se jiġu stabbiliti mill-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tiegħu, adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni. Diġà ġew ippreżentati erba' inizjattivi ġodda mill-EIT għall-

perjodu ta' wara l-2020 li għandhom jiġi implimentati fl-oqsma tas-sigurtà, tal-industriji kulturali u kreattivi, tal-migrazzjoni u tal-ilma.

Emenda 214

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-EIT se jkollu rwol rinfurzat fit-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Ewropa. B'mod partikolari, l-EIT se jkompli jopera primarjament permezz tal-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) tiegħu, is-sħubiji Ewropej fuq skala kbira li jindirizzaw sfidi tas-soċjetà speċifiċi. Huwa se jkompli jsaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni madwarhom billi jrawwem l-integrazzjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni. Barra minn hekk, l-EIT se jikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati lakuni eżistenti fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni fl-Ewropa billi jespandi l-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali (RIS tal-EIT) tiegħu. L-EIT se jaħdem b'ekosistemi tal-innovazzjoni li jesebixxu potenzjal għoli ta' innovazzjoni abbażi tal-istrateġija, l-allinjament tematiku u l-impatt, u f'sinerġija mill-qrib ma' Strateġiji u Pjattaformi ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti.

Emenda

L-EIT se jkollu rwol rinfurzat fit-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Ewropa **li jipprovdu soluzzjonijiet għall-isfidi globali l-aktar urġenti li qed jiffaċċjaw is-soċjetajiet tagħna**. B'mod partikolari, l-EIT se jkompli jopera primarjament permezz tal-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) tiegħu, is-sħubiji Ewropej fuq skala kbira li jindirizzaw sfidi tas-soċjetà speċifiċi. Huwa se jkompli jsaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni madwarhom billi jrawwem l-integrazzjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni. Barra minn hekk, l-EIT se jikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati lakuni eżistenti fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni fl-Ewropa billi jespandi l-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali (RIS tal-EIT) tiegħu. L-EIT se jaħdem b'ekosistemi tal-innovazzjoni li jeżebixxu potenzjal għoli ta' innovazzjoni abbażi tal-istrateġija, l-allinjament tematiku u l-impatt, u f'sinerġija mill-qrib ma' Strateġiji u Pjattaformi ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif jispjega t-test, l-EIT huwa essenzjali għall-implimentazzjoni ta' ekosistemi ta' innovazzjoni madwar l-Ewropa li jindirizzaw l-akbar bidliet li qed tiffaċċja s-soċjetà.

Emenda 215

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 1

PE625.306v01-00

132/145

PR\1158114MT.docx

Test propost mill-Kummissjoni

– It-tisħiħ tal-effettività tal-KICs eżistenti u l-istabbiliment ta' oħrajn ġodda **f'għadd limitat ta' oqsma tematiċi**;

Emenda

– It-tisħiħ tal-effettività tal-KICs eżistenti u l-istabbiliment ta' oħrajn ġodda **sabiex jitrattaw l-isfidi globali**;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-EIT huwa ffukat fuq li jindirizza l-akbar bidliet li qed tiffaċċja s-soċjetà. L-għanijiet speċifiċi tal-EIT għall-perjodu 2021-2027, kif ukoll l-istabbiliment ta' KICs ġodda, se jiġu definiti permezz tal-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-EIT adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill wara proposta mill-Kummissjoni li tqis il-valutazzjoni tal-impatt korrispondenti.

Emenda 216

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Il-premjijiet tal-EIT, jiġifieri il-premjijiet ta' rikonoxximent stabbiliti sew tal-EIT, biex jgħinu fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi globali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-premjijiet tal-EIT huma għodda stabbilita sew u rikonoxxuta ħafna li għandha tinżamm u tissaħħaħ filwaqt li jiġu evitati duplikazzjonijiet mhux meħtieġa mal-isfidi proposti tal-EIC.

Emenda 217

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3.2.3. Soluzzjonijiet ġodda **għas-sug**

3.2.3. Soluzzjonijiet ġodda **sabiex jiġu indirizzati sfidi globali**

Ġustifikazzjoni

L-EIT ma tirrigwardax kull tip ta' soluzzjoni iżda tirrigwarda soluzzjonijiet iffukati li jindirizzaw sfidi soċjetali

Emenda 218

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Appoġġ ***lill-iżvilupp*** ta' prodotti ***u*** servizzi ġodda fejn l-atturi tat-Triangolu tal-Għarfien se jikkollaboraw sabiex ***is-soluzzjonijiet ikunu lesti għas-suq***;

Emenda

– Appoġġ ***sabiex ir-riċerka tissarraff fl-iżvilupp*** ta' prodotti, servizzi ***u swieq*** ġodda fejn l-atturi tat-Triangolu tal-Għarfien se jikkollaboraw sabiex ***jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi globali***;

Or. en

Emenda 219

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- ***Tintegra b'mod sħiħ il-katina tal-valur tal-innovazzjoni kollha kemm hi: minn student sa intraprenditur, minn idea sal-prodott, minn laboratorju għall-konsumatur. Dan jinkludi appoġġ għal negozji ġodda u għall-espansjoni tan-negozji.***

Or. en

Emenda 220

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– L-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EIT sabiex jiġu massimizzati s-sinergijiet u l-komplementarjetajiet mal-azzjonijiet skont il-Pilastru Sfidi Gloabli u Kompetittività Industrijali;

Emenda

– L-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EIT sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet mal-azzjonijiet skont il-Pilastru **Xjenza Miftuħa u Sfidi Globali** u Kompetittività Industrijali **Ewropea**;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-EIT jwassal għar-riċerka fis-suq.

Emenda 221

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***Il-kondiviżjoni u tixrid ta' prattiki u tagħlim innovattivi u jikkontribwixxi għall-politika ta' innovazzjoni fl-Ewropa, fejn xieraq flimkien u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' partijiet oħra ta' Orizzont Ewropa.***

Or. en

Emenda 222

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti 4 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. ***KONDIVIŻJONI TAL-EĊĊELLENZA***³³

1. ***TIFRIX TAL-EĊĊELLENZA***³³

³³ Se jintuża kriterju bbażat fuq l-eċċellenza tar-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jiddefinixxi dawk l-Istati Membri u

³³ Se jintuża kriterju bbażat fuq l-eċċellenza tar-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jiddefinixxi dawk l-Istati Membri u

l-Pajjiżi Assoċjati fejn l-entitajiet legali jridu jkunu stabbiliti sabiex ikunu eliġibbli biex jissottomettu proposti bħala koordinaturi skont *il-"kondiviżjoni* tal-eċċellenza". Dan il-kriterju se jindirizza d-dimensjonijiet tal-prestazzjoni ekonomika globali (PDG), il-prestazzjoni tar-riċerka u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni f'mod ikkombinat normalizzat għad-daqs tal-pajjiżi relatati. Il-pajjiżi identifikati ma' dan il-kriterju jissejġu "pajjiżi eliġibbli" fil-kuntest ta' "*kondiviżjoni* tal-eċċellenza". Abbażi tal-Artikolu 349 TFUE, l-entitajiet legali mir-Reġjuni Ultraperiferiċi wkoll se jkunu kompletament eliġibbli bħala koordinaturi skont *il-"kondiviżjoni* tal-eċċellenza".

l-Pajjiżi Assoċjati fejn l-entitajiet legali jridu jkunu stabbiliti sabiex ikunu eliġibbli biex jissottomettu proposti bħala koordinaturi skont *it-"tifrix* tal-eċċellenza". Dan il-kriterju se jindirizza d-dimensjonijiet tal-prestazzjoni ekonomika globali (PDG), il-prestazzjoni tar-riċerka u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni f'mod ikkombinat normalizzat għad-daqs tal-pajjiżi relatati. Il-pajjiżi identifikati ma' dan il-kriterju jissejġu "pajjiżi eliġibbli" fil-kuntest ta' "*tifrix* tal-eċċellenza". Abbażi tal-Artikolu 349 TFUE, l-entitajiet legali mir-Reġjuni Ultraperiferiċi wkoll se jkunu kompletament eliġibbli bħala koordinaturi skont *it-"tifrix* tal-eċċellenza".

Or. en

Emenda 223

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti 4 – punt 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

It-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-għarfien espert fl-UE kollha se jgħin lill-pajjiżi u r-reġjuni li għadhom lura fir-rigward tal-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, sabiex jiksbu pożizzjoni kompetittiva fil-ktajjen tal-valur globali. L-attivitajiet jistgħu jiġu stabbiliti wkoll biex irawmu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ madwar iż-ŻER kollha u għal sfruttament aħjar (u possibbilment programmi ta' ġestjoni konġunta tal-UE) ta' infrastrutturi tar-riċerka eżistenti fpajjiżi fil-mira permezz tal-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-innovaturi.

Emenda

It-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-għarfien espert fl-UE kollha se jgħin lill-pajjiżi u r-reġjuni li għadhom lura fir-rigward tal-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, sabiex jiksbu pożizzjoni kompetittiva fil-ktajjen tal-valur globali. L-attivitajiet jistgħu jiġu stabbiliti wkoll biex irawmu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ madwar iż-ŻER kollha u għal sfruttament aħjar (u possibbilment programmi ta' ġestjoni konġunta tal-UE) ta' infrastrutturi tar-riċerka eżistenti fpajjiżi fil-mira permezz tal-mobbiltà *u l-kollaborazzjoni virtwalitar*-riċerkaturi u l-innovaturi.

Or. en

Emenda 224

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti 4 – punt 1 – paragrafu 3 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-ħolqien ta' timijiet, sabiex jinħolqu ċentri ġodda ta' eċċellenza jew jiġu aġġornati dawk eżistenti fil-pajjiżi eliġibbli, billi jibnu fuq sħubiji bejn istituzzjonijiet xjentifiċi mexxejja u istituzzjonijiet sħab bħala bażi;

Emenda

– Il-ħolqien ta' timijiet, sabiex jinħolqu ċentri ġodda ta' eċċellenza jew jiġu aġġornati dawk eżistenti fil-pajjiżi eliġibbli, billi jibnu fuq sħubiji ***fl-istadji kollha tar-riċerka*** bejn istituzzjonijiet xjentifiċi mexxejja u istituzzjonijiet sħab bħala bażi; ***L-applikanti jridu juru biċ-ċar li l-proġetti huma marbuta ma' strateġiji nazzjonali u/jew reġjonali sabiex ikunu jistgħu japplikaw għal finanzjament taħt din il-linja wiesgħa.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jissaħħu r-rabtiet bejn l-azzjonijiet taħt Orizzont Ewropa, il-prijoritajiet u l-fondi nazzjonali u reġjonali.

Emenda 225

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti 4 – punt 1 – paragrafu 3 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-ġemellaġġi, sabiex università jew organizzazzjoni tar-riċerka minn pajjiż eliġibbli jissaħħu f'qasam definit, billi dawn jiġu konnessi ma' istituzzjonijiet tar-riċerka li huma fuq quddiem nett fuq livell internazzjonali minn Stati Membri jew Pajjiżi Assoċjati oħrajn.

Emenda

– Il-ġemellaġġi, sabiex università jew organizzazzjoni tar-riċerka minn pajjiż eliġibbli jissaħħu f'qasam definit, ***fl-istadji kollha tar-riċerka***, billi dawn jiġu konnessi ma' istituzzjonijiet tar-riċerka li huma fuq quddiem nett fuq livell internazzjonali minn Stati Membri jew Pajjiżi Assoċjati oħrajn. ***L-applikanti jridu juru biċ-ċar li l-proġetti huma marbuta ma' strateġiji nazzjonali u/jew reġjonali sabiex ikunu jistgħu japplikaw għal finanzjament taħt din il-linja wiesgħa.***

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jissaħħu r-rabtiet bejn l-azzjonijiet taħt Orizzont Ewropa, il-prijoritajiet u l-fondi nazzjonali u reġjonali.

Emenda 226

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti 4 – punt 1 – paragrafu 3 – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***"L-inizzjattivi ta' eċċellenza", biex tappoġġa ideat ġodda li għandhom l-għan li jsaħħu s-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni fil-pajjiżi eliġibbli. L-azzjonijiet għandhom jikkomplementaw il-linji mifruxa l-oħra taħt din il-prijorità, jiġu evitata d-duplikazzjoni, u għandhom ikunu konformi mal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali. L-evalwazzjoni se ssir f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet ta' riċerka ewlenin fuq livell internazzjonali minn Stati Membri oħra jew Pajjiżi Assoċjati. L-applikanti jridu juru biċ-ċar li l-proġetti huma marbuta ma' strateġiji nazzjonali u/jew reġjonali biex ikunu jistgħu japplikaw għal finanzjament taħt din il-linja wiesgħa.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Illum hemm lakuna fit-twessieġħ ta' strumenti 'l barra mill-ħolqien ta' timijiet, il-ġemellaġġ, il-presidenti tal-ERA u l-COST. Skema aktar miftuħa, għal kollox minn isfel għal fuq għandha tinħoloq biex tiftaħ il-bibien għal Stati Membri inqas żviluppati biex jiżviluppaw inizzjattiva eċċellenti miftuħa għat-tipi kollha ta' partijiet interessati sabiex jissaħħu s-sistemi tar-R&I nazzjonali u reġjonali. Is-sejħiet se jkunu kollaborattivi jew mono-benefiċjarji (għall-istituzzjonijiet pubbliċi biss). Jeħtieġ li jissaħħu r-rabtiet bejn l-azzjonijiet taħt Orizzont Ewropa, il-prijoritajiet u l-fondi nazzjonali u reġjonali.

Emenda 227

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti 4 – punt 1 – paragrafu 3 – inċiż 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- *Fellowships għal pajjiż li fih trid tiżdied il-parteċipazzjoni, biex tippermetti lir-riċerkaturi ta' kwalunkwe nazzjonalità biex jakkwistaw u jittrasferixxu għarfien ġdid u biex jaħdmu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni f'pajjiżi li fihom trid tiżdied il-parteċipazzjoni. Din l-iskema se tkun marbuta ma' azzjonijiet kumplimentari rilevanti f'partijiet oħra tal-Programm, b'mod partikolari taħt il-Marie Skłodowska-Curie.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li tiżdied u tiġi appoġġata l-mobilità lejn "pajjiż li fih trid tiżdied il-parteċipazzjoni". It-twessigħ ta' fellowships jistgħu jinċentivaw wkoll lir-riċerkaturi li ħallew "pajjiż li fih trid tiżdied il-parteċipazzjoni" biex jirritornaw u jaqsmu l-esperjenza u l-għarfien espert li jkunu kisbu barra mill-pajjiż. Din hija r-raġuni għaliex l-inizjattiva diġà ttestjata fl-MSCA għandha titkompla u tiżdied fl-Orizzont Ewropa.

Emenda 228

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti 4 – punt 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan il-qasam ta' intervent se jappoġġja l-oġġettivi speċifiċi ta' Orizzont Ewropa: Il-firxa u l-konnessjoni tal-eċċellenza madwar l-UE kollha; Ir-rinforz tal-ħolqien ta' għarfien ta' kwalità għolja; Iż-żieda fil-kooperazzjoni transsettorjali, trasdixxiplinari u transkonfini.

*Il-prijorità "Tifrix tal-Eċċellenza" se tappoġġja l-oġġettivi speċifiċi ta' Orizzont Ewropa: Il-firxa u l-konnessjoni tal-eċċellenza madwar l-UE kollha; Ir-rinforz tal-ħolqien ta' għarfien ta' kwalità għolja; Iż-żieda fil-kooperazzjoni transsettorjali, trasdixxiplinari u transkonfini. **L-azzjonijiet kollha għandhom jinkoraġġixxu sinerġiji ma' fondi oħra nazzjonali u tal-UE, b'mod partikolari l-FEŻR, il-Politika ta' Koeżjoni u l-FSE+, f'konformità mal-istrateġiji intelliġenti ta'***

Ġustifikazzjoni

L-intestatura "Tifrix tal-Eċċellenza" għandha tkun konformi mal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali meta dan ikun possibbli.

Emenda 229

**Proposta għal deċiżjoni
Anness II – paragrafu 1 – punt 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Soċjetà Inklużiva u **Sigura**

5. Soċjetà Inklużiva u **Kreattiva**

Emenda 230

**Proposta għal deċiżjoni
Anness II – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Soċjetà Sigura

NOTA SPJEGATTIVA

L-ekonomija tal-Ewropa tiddependi mill-kapaċità tagħha li tipproduċi valur miżjud għoli u ħiliet, servizzi u prodotti tal-ogħla livell. Fl-istess ħin, huma taħt assedju, il-merti tal-era tal-illuminiżmu, il-bażi tad-demokrazija Ewropej tagħna u l-Unjoni Ewropea. It-tishiġ tal-idea ta' riċerka ħielsa, miftuħa u indipendenti, għandu jkun prerogattiva tal-politika Ewropea. Barra minn hekk, is-soċjetà tagħna qed tiffaċċja sfidi uniċi li jirriżultaw minn stennija tal-ħajja itwal, ħtieġa dejjem akbar li jiġu akkommodati diversi popolazzjonijiet urbani u pressjoni globali fuq ir-riżorsi. F'dan il-kuntest, l-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni huwa kruċjali biex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi u personalizzati għall-isfidi tagħna u biex jiġi żgurat livell ta' għajxien għoli għall-Ewropej kollha fis-snin li ġejjin.

R&I indipendenti, hija xprunatur ewlieni wara l-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità tajba u tkabbir ekonomiku sostenibbli. Dan jippermetti lill-istituzzjonijiet tagħna tar-riċerka u l-industrija tagħna jiżviluppaw ideat ġodda, jipromwovu soluzzjonijiet ġodda u, fil-proċess, ixerrdu l-għarfien, iħarrġu ħaddiema b'ħiliet għolja, jattiraw il-kapital u l-investment u joħolqu swieq ġodda. Jekk l-Unjoni trid tibqa' fuq quddiem nett tat-teknoloġija u biex terġa' tinkiseb it-tmexxija tagħha f'oqsma fejn kienet waqgħet lura, irridu nkunu lesti li nikkommettu l-ammont meħtieġ ta' riżorsi.

Orizzont Ewropa għandu l-possibbiltà li jkun Programm Qafas storiku. Ir-Rapporteur jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea ta' "evoluzzjoni mhux rivoluzzjoni". Orizzont 2020, il-programm ta' qafas preċedenti, kien ta' suċċess f'ħafna modi u l-istrumenti u l-istrutturi li wasslu għal dan is-suċċess għandhom jissaħħu. Madankollu, huwa wkoll importanti ħafna li wieħed ikun onest ħafna fl-għarfien tan-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 u li wieħed ikun kuraġġuż fil-proposta ta' soluzzjonijiet ġodda, ambizzjużi u kreattivi li huma adattati aħjar għall-ħtieġijiet tar-riċerkaturi, ta' dawk li joħolqu u tal-innovaturi Ewropej.

Għal din ir-raġuni, matul l-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u għat-tnejn ta' dan ir-rapport, ir-Rapporteur żamm f'kuntatt mill-qrib mal-benefiċjarji tal-Programm. Ir-rispons u l-għarfien tagħhom jiffurmaw bażi għall-proposti li qed jiġu ppreżentati f'dan ir-rapport.

Iż-żmien għat-tnejn ta' dan l-abbozz kien limitat ħafna. Il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha fis-7 ta' Ġunju 2018 u dan l-abbozz qed jiġi ppreżentat bil-kemm xaxar wara. Dan wassal għal sforz enormi li jenfasizza l-impenn tal-Parlament Ewropew u l-impenn personali tar-Rapporteur, li jiżgura ċ-ċertezza leġiżlattiva u l-kontinwità u li jwassal programm fl-iqdar żmien possibbli. F'settur li qiegħed dejjem jinbidel u jevolvi, il-veloċità hija essenzjali. Ir-Rapporteur jittama li l-Kunsill u l-Istati Membri jidħlu wkoll għal din l-isfida.

Il-baġit: mill-kliem għall-fatti

L-Ewropa kienet qed tinvesti inqas fir-R&I meta mqabbel ma' pajjiżi oħra bħall-Istati Uniti u l-Ġappun. Iċ-Ċina qed toqrob, b'rata ta' tkabbir tliet darbiet aktar mir-rata ta' tkabbir fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-UE. Filwaqt li dan in-nuqqas mhuwiex biss minħabba fondi pubbliċi, ma hemm l-ebda dubju li l-flus tal-Unjoni jistgħu u għandhom jagħmlu ħafna aktar biex jingranaw l-investimenti privati meħtieġa. Għalhekk, jekk l-Ewropa trid tirnexxi bħala ċentru tal-innovazzjoni u jaħsdu l-benefiċċji, hija trid tiddedika r-riżorsi finanzjarji meħtieġa

għall-Orizzont Ewropa.

Għall-perjodu li jmiss tal-baġit tal-UE 2021-2027, il-Kummissjoni qed tipproponi madwar EUR 83.5 biljun għar-riċerka u l-innovazzjoni (fi prezzijiet kostanti). Dan huwa inqas minn dak li l-Istati Membri impenjaw ruħhom għalihom u li ma jissodisfawx dak li teħtieġ ir-R&I. Jekk l-intenzjoni qatt kienet li tintlaħaq il-mira ta' 3 % ta' investiment f'R & D bħala parti mill-PDG, stabbilita mill-Istati Membri u mill-Kaprijiet tal-Istati tagħhom infushom aktar minn għaxar snin ilu, qegħdin fit-triq it-tajba sabiex infallu. Orizzont 2020 ssewi bħala prova li r-riżorsi baġitarji mhumiex biżżejjed. Il-programm sofra minn sottoskrizzjoni eċċessiva sinifikanti hekk kif l-industrija Ewropeja, l-SMEs u l-istituti tar-riċerka mmaturaw u tjiebu, l-għadd ta' proposti eċċellenti li jikkompetu żdied b'mod esponenzjali. Sfortunatament, innuqqas ta' finanzjament wassal għar-rifjut ta' ħafna proposti eċċellenti, bir-riżultat li dawn jew għew itardjati jew spiċċaw fix-xejn. Il-Kummissjoni nnifisha tqis li aktar minn EUR 160 biljun kienu jkun meħtieġa biex jiffinanzjaw il-proposti kollha eċċellenti taħt l-Orizzont 2020.

Għalhekk, ir-Rapporteur qed jipproponi li l-baġit għal Orizzont Ewropa jżdied għal EUR 120 biljun fi prezzijiet kostanti. Huwa importanti li jiġi enfazzjat li dan l-ammont għadu inqas minn dak li jkun l-aħjar biex il-programm jopera u sempliċiment iqiegħed f'numri l-impenji tal-Kunsill biex tintlaħaq il-mira ta' 3 %. Dan il-baġit għandu jippermetti lill-Orizzont Ewropa sabiex isarraf iktar f'termini ta' eċċellenza, riċerka kollaborattiva, u innovazzjoni inkrementali u rivoluzzjonarja, li tappoġġa l-kisba tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni, is-sigurtà, u l-ambizzjonijiet klimatiċi għaċ-ċittadini Ewropej. Ir-Rapporteur jistieden lill-Kunsill biex iwettaq l-impenji tiegħu matul in-negozjati interistituzzjonali.

L-iżgurar ta' proċess ta' Ippjanar Strateġiku effiċjenti

Ir-Rapporteur jikkunsidra li l-proposta tal-Kummissjoni hija pjuttost vaga f'dak li jirrigwarda l-kontenut u l-għanijiet tal-proċess ta' Ppjanar Strateġiku. Filwaqt li jifhem il-ħtieġa għal ċertu ammont ta' flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-programm, mhuwiex favur "carte-blanche" fejn il-prijoritajiet jiġu deċiżi fil-programmi ta' ppjanar u f'Ippjanar Strateġiku mingħajr skrutinju tal-Parlament. Dan huwa aktar minnu meta elementi essenzjali tal-implimentazzjoni tal-programm, bħal missjonijiet u sħubiji strateġiċi, qed jiġu definiti fil-proċess. Id-definizzjoni ta' tali elementi hija l-prerogattiva tal-koleġiżlaturi u għandha tibqa' hekk. Ir-Rapporteur jemmen bis-sħiħ ukoll li l-Ippjanar Strateġiku għandu jinvolvi konsultazzjoni aktar strutturata bejn il-koleġiżlaturi u l-Kummissjoni. Huwa għal dawn ir-raġunijiet li r-Rapporteur qed jipproponi li l-Ippjanar Strateġiku jkun ippreżentat bħala Att Delegat, biex b'hekk il-Parlament u l-Kunsill ikunu jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom qabel l-implimentazzjoni.

Barra minn hekk, l-Orizzont 2020 ġie kkritikat għal nuqqas ta' trasparenza fil-kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri tal-komitoloġija u t-tnejn tal-programmi ta' ħidma. Ir-Rapporteur jittama li din il-proposta tgħin biex tiġi rrimedjata din is-sitwazzjoni, biex b'hekk tipprovdi aktar assigurarazzjoni lill-partijiet interessati, ikkonsultati matul il-proċess flimkien kemm mal-Parlament Ewropew kif ukoll mal-Kunsill.

M'humiex totalment ċar mill-proposta tal-Kummissjoni x'ikun inkluż fl-Ippjanar Strateġiku. Ir-Rapporteur jemmen li dan għandu jinkludi definizzjoni legali ċara u listi ta' missjonijiet u

sħubijiet kif ukoll ċarezza dwar il-mekkaniżmi eżistenti biex jappoġġaw rabtiet ma' Fondi oħra tal-UE, bħall-Fondi Strutturali u Ewropa Kreattiva.

Insaħħu l-kollaborazzjoni permezz ta' sħubijiet strateġiċi

L-istess nuqqas ta' ċarezza tapplika għar-rwol ta' Sħubijiet taħt l-Orizzont Ewropa. L-inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti kienu parti intrinsika mis-suċċess tal-Orizzont 2020. Dawn kienu partikolarment utli f'oqsma fejn hemm nuqqas fir-R&I fl-Unjoni u pprovdew pjattaforma meħtieġa għall-kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati u jagħtu spinta lill-investimenti u joħolqu valur miżjud. Ir-Rapporteur għalhekk iħoss li huwa importanti li l-Orizzont Ewropa tiżgura l-kontinwità ta' dawk il-JTIs li kellhom suċċess partikolari.

L-istess japplika għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u tal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KICs). Il-missjoni tal-KICs tal-EIT hija li jipprovdi soluzzjonijiet għall-isfidi globali l-aktar urġenti li s-soċjetà qed tiffaċċja. Il-KICs tal-EIT diġà qed jagħtu r-riżultati għall-isfidi globali u għandhom jitkoplew u jissaħħu. Barra minn hekk, bħala l-ikbar netwerk ta' innovazzjoni tal-Ewropa, l-EIT jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex ikollu rwol importanti fil-prijorità tal-"Ekosistemi tal-Innovazzjoni Ewropej" fil-programm. Ir-rapporteur, għalhekk, se jżid il-baġit tal-EIT sabiex tkun possibbli l-kontinwità tal-attivitajiet tiegħu li jkopru l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll għat-tnedija tal-KICs ġodda attwalment fi tnejn, inkluża l-migrazzjoni u l-industriji kulturali u kreattivi.

Mekkaniżmi ġodda għar-riċerka u l-innovazzjoni: Sistema rapida għal-loġika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni

Iż-żieda proposta fil-baġit tirrilaxxa wkoll aktar fondi għall-modalità ġdida tal-programm, is-"Sistema rapida tar-Riċerka u l-Innovazzjoni". Dan se jappoġġa aktar proġetti kollaborattivi minn isfel għal fuq, b'punt qawwi: massimu ta' 6 xhur żmien sakemm jingħata s-sussidju. Il-modalità għandha tiġi implimentata f'15 % tal-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni kollha taħt ir-raggruppamenti, u l-parti EIC u "Tifrix tal-Eċċellenza", li jipprovdu lill-applikanti b'aċċess aktar veloċi għall-fondi, meħtieġa b'mod speċjali fi Stati Membri inqas żviluppati, biex jittestjaw l-ideat tagħhom minn riċerka fundamentali sal-applikazzjonijiet fis-suq.

L-Ewropa hija nieqsa minn appoġġ sas-suq, li toħloq innovazzjoni rivoluzzjonarja. Biex tindirizza din il-lakuna, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet strument ġdid, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. Ir-Rapporteur jaqbel mal-għan tal-istrument, iżda jikkunsidra li l-proposta ma tweġibx għal kollox il-mistoqsijiet essenzjali dwar l-implimentazzjoni. Xi aspetti li għandhom ikunu ċċarati għal implimentazzjoni effettiva tal-EIC jinkludu l-għanijiet tal-innovazzjoni tal-istrumenti f'termini ta' prodott, proċess, kummerċjalizzazzjoni u servizzi; id-differenzazzjoni bejn il-gruppi fil-mira indirizzati u l-bżonnijiet differenti tagħhom; u r-rwol tal-maniġers tal-programm u l-funzjonament tal-appoġġ imħallat propost (għotja, ekwità, self u garanzija). Huwa importanti wkoll li jiġi stabbilit mekkaniżmu solidu għal evalwazzjoni sistematika u f'ħin reali sabiex tiġi żgurata politika rapida u tagħlim tal-proċess mill-istrumenti tagħha, inkluż bl-użu ta' indikaturi identifikati b'mod ċar. Biex jikkomplementaw l-istrateġiji ekonomiċi u settorjali, il-Bord tal-EIC għandu jinkludi esperti akkademiċi b'għarfien profund tal-politika u l-mudelli ta' innovazzjoni. Ir-Rapporteur saħħaħ ukoll ir-rabtiet bejn l-EIC u partijiet oħra tal-programm u l-fondi tal-UE, b'mod partikolari l-EIT u l-InvestEU.

It-tisħiħ tal-kreattività u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali: il-potenzjal innovattiv tal-Industriji Kulturali u Kreattivi

L-industriji kulturali u kreattivi (CCIs) huma dawk ibbażati fuq il-valuri kulturali, il-kreattività individwali, il-ħiliet u t-talent bil-potenzjal li joħlqu l-ġid u l-impjiegi. Dawn jinkludu l-arkitettura, l-arkivji u l-libreriji, l-artiġjanat artistiku, l-awdjoviżiv (inklużi films, televiżjoni, video games u l-multimedia), il-wirt kulturali, id-disinn, il-moda, il-festivals, il-mużika, l-arti tal-ispettaklu, il-kotba u l-pubblikazzjoni, l-arti tar-radju u viżwali. Il-kreattività hija fattur ewlieni fir-rivoluzzjoni diġitali, mhux biss għall-valur li ġġib iżda minħabba l-kontribut insostitwibbli tagħha għal soċjetà li qed tinbidel fejn l-intelliġenza artifiċjali qed tittrasforma l-ħiliet meħtieġa. Is-CCIs huma xprun għat-tkabbir u għandhom impatt fuq l-innovazzjoni f'ħafna industriji, pereżempju l-użu usa' tad-disinn fl-industriji tal-manifattura (tal-karozzi, tal-aeronawtika, medika, tal-prodotti għall-konsumatur) iżidu l-valur tal-prodotti, is-servizzi, it-teknoloġiji, il-proċessi u l-istrutturi tas-suq. Il-Parlament Ewropew diġà rrikonoxxa l-potenzjal għas-CCIs fir-rapport tiegħu "dwar il-ħtieġa ta' politika koerenti tal-UE dwar l-industriji kulturali u kreattivi". Is-CCIs Ewropej innovattivi u orjentati lejn ir-riċerka huma wkoll kapaċi li jippreservaw id-diversità u l-pluraliżmu kulturali u lingwistiċi. Fl-Orizzont Ewropa, il-potenzjal innovattiv tas-CCIs għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ bl-istabiliment ta' kreattività u disinn bħala kwistjoni trasversali li se tiġi integrata fi proġetti matul il-programm sabiex jitravmu teknoloġiji ġodda, mudelli ta' negozju u kompetenzi kif ukoll sabiex is-soluzzjonijiet kreattivi u interdixxiplinari jissarf u f'valur ekonomiku u soċjali. Il-patrimonju Kulturali huwa parti integrali mis-CCIs u l-isfruttament u l-preservazzjoni tiegħu għandhom jissaħħu. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni fir-riċerka, l-iskambju tal-għarfien u tal-ħiliet tradizzjonali u tal-kontenut tradizzjonali, ir-Rapporteur ippropona wkoll li tinholq "Cloud tal-Wirt Kulturali".

Appoġġ għall-miri klimatiki u l-kompetittività tal-UE permezz tad-dekarbonizzazzjoni

L-implimentazzjoni effettiva tal-ftehim ta' Pariġi u s-Sistema tal-Kummerċ Ewropea (ETS) imġedda jeħtieġu approċċ aktar integrat u differenzjat, li huwa essenzjali għaż-żamma tal-kompetittività Ewropea.

It-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija għandha sseħħ permezz tal-interazzjonijiet tat-teknoloġija, l-infrastruttura, u l-oqfsa tas-suq, ta' politika u regolatorji. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ permezz ta' akkoppjament tas-setturi tal-elettriku, tat-tiżnin, tal-industrija, tal-gass u tat-trasport għandu jkun prerogattiva tar-Raggruppament "Klima, Enerġija u Mobbiltà". Il-kontribut obligatorju lejn it-tnaqqis tas-CO₂ fis-settur tal-manifattura b'konsum intensiv tal-enerġija tal-UE għandu potenzjal kbir, iżda huwa wkoll wieħed mill-isfidi l-kbar fid-dawl tal-kompetizzjoni globali qalila. Għalhekk, ir-Rapporteur jipproponi li jsaħħaħ l-implimentazzjoni ta' dekarbonizzazzjoni fl-industriji billi joħloq qasam ġdid ta' intervent: "faċilitajiet industrijali fit-tranżizzjoni tal-enerġija".

Iż-żieda fil-parteċipazzjoni ta' Stati Membri inqas żviluppati filwaqt li jitnaqqas id-distakk tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa

Il-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni hija korrelata mal-effiċjenza tas-sistemi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni. Ir-Rapporteur jemmen li l-istrumenti attwali f'Orizzont 2020 ma jappoġġawx dawn l-Istati Membri sabiex isaħħu s-sistema nazzjonali u lanqas ma jindirizzaw bis-sħiħ il-parteċipazzjoni baxxa ħafna tagħhom fil-programm, li huwa taħt il-5 %. F'dan ir-rapport, ir-Rapporteur fetaħ bieb ġdid għal Stati Membri inqas żviluppati biex

japplikaw għal finanzjament biex tiġi żviluppata inizjattiva eċċellenti ta' R&I li tikkomplimenta l-iskemi diġà eżistenti skont il-prijorità "Tifrix tal-Eċċellenza", b'hal pereżempju inizjattivi ta' timijiet u l-ġemellaġġ. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-azzjonijiet taħt il-prijorità "Tifrix tal-Eċċellenza" għandhom ikunu marbuta b'mod ċar mal-istrateġiji ta' eċċellenza nazzjonali u reġjonali biex jinkisbu sinerġiji bejn l-Orizzont Ewropa u l-Fondi Strutturali. Dan issa huwa aktar faċli bil-proposta sabiex l-awtoritajiet ta' ġestjoni jkunu jistgħu jittrasferixxu sa 5 % tal-allokkazzjonijiet tagħhom minn fond għal ieħor, li se jiġġenera investimenti għall-benefiċċju tar-riċerka u l-innovazzjoni f'territorji anqas żviluppati.

Konklużjoni

Ir-Rapporteur jemmen li filwaqt li l-kwalità tal-leġiżlazzjoni m'għandhiex tkun kompromessa, huwa importanti wkoll li wieħed jifhem li fir-realtà tal-lum, b'mod partikolari fid-dinja tar-R&I, il-pajsaġġ qed jitbiddel b'ħeffa (kultant b'mod drammatiku) u l-investimenti jistgħu jintilfu malajr. Għalhekk, it-twassil malajr ta' leġiżlazzjoni u implimentazzjoni regolari huma essenzjali biex jiġu żgurati kemm il-kontinwità kif ukoll is-sigurtà.

Dan l-abbozz tar-rapport kien ibbażat fuq ftit prinċipji essenzjali:

Veloċità: Is-suċċess tal-Orizzont Ewropa se jiddependi fuq il-kapaċità tal-programmi li jirreaġixxu malajr għar-riċerkaturi u l-ħtiġijiet industrijali permezz ta' skemi aktar mgħaġġla li jingħataw l-għotja u aktar skemi minn isfel għal fuq.

Is-sempliċità: Huwa essenzjali li l-Orizzont Ewropa tkun implimentata b'mod sempliċi, li jinftehem u faċli biex jiġi adottat, speċjalment għall-universitajiet, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, in-negozji ġodda u l-SMEs.

L-ispettru: L-Orizzont Ewropa għandu jappoġġja lir-R&I madwar it-TRLs kollha u għandu jakkumpanja l-proġetti kollha minn mindu jinbtu, sakemm jitwaqqfu, u fejn ikun meħtieġ permezz ta' finanzjament, jekk dan ikun meħtieġ. Għandu wkoll jappoġġja kemm l-innovazzjoni radikali kif ukoll dik inkrementali.

Daqs: Il-programm ta' Qafas il-ġdid għandu jkun aktar ambizzjuż mill-predeċessor tiegħu u d-daqs tal-baġit tiegħu għandu jkun proporzjonat mal-ambizzjonijiet u l-għanijiet politiċi li ngħata l-kompitu.

Ir-Rapporteur jistenna l-passi li jmiss fit-twassil ta' Programm Qafas komprensiv u effettiv u jittama li jkun hemm l-istess rieda tajba tal-partijiet kollha involuti.